

# "Bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu fejjaqhom" *(At 28,9)*

Sussidju teoloġiku-liturġiku għar-Randan
Djoċesi ta' Għawdex 2010

# DAĦLA

It-tema li għażilna għas-Sussidju ta' din is-sena – "Bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu fejjaqhom"– hi silta meħuda mill-Atti tal-Appostli (At 28,9) li tirrakkonta l-ministeru ta' fejqan ta' San Pawl fil-gżira ta' Malta. Permezz ta' din it-tema nixtiequ nenfsizzaw żewġ ġrajjiet:

1. **Is-Sena Saċerdotali**: ir-Randan hu żmien ta' maħfra – dik il-maħfra li kisbilna Kristu permezz tas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib, liema don ġie fdat f'idejn il-Knisja; il-Knisja tqassam dan id-don b'mod speċjalment permezz tal-ministeru tal-ħamfra li jwettaq is-saċerdot meta jamministra s-sagrament tal-qrar;

2. **Iż-Żjara tal-Papa Benedittu XVI**: iż-żjara qed isseħħ biex tiġi mfakkra b'mod mill-aktar solenni l-ġrajja tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl, li seħħet 1950 sena ilu: il-miġja ta' Pawlu ma kenitx biss ġrajja ta' kronaka aċċidentali imma wkoll ġrajja salvifika: bil-ministeru tiegħu f'pajjiżna, kif jixhdilna l-Atti tal-Appostli, Pawlu għannaqna mas-Salib ta' Kristu u daħħalna fil-misteru tal-Għid.

Ix-xbieha li qed nużaw hi *stained glass* li turi l-ministeru ta' fejqan imwettaq minn Pawlu. B'dan il-ministeru aħna rridu nifhmu mhux biss il-miraklu fiżiku fih innifsu, imma fuq kollox il-ministeru tal-maħfra, li dwaru jitkellem bosta drabi San Pawl fl-ittri tiegħu (ara 2 Kor 5,11ss). Ix-xbieha fil-faċċata tas-sussidju tinsab fuq l-internet: http://www.flickr.com/photos/paullew/3222309398/.

Għal dan il-għan, fis-sussidju qed nippreżentaw it-tema tal-Maħfra kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fit-Testment il-Ġdid, u ċelebrazzjoni penitenzjali. Flimkien ma' dawn, f'dan is-sussidju wieħed isib ukoll skema għall-eżerċizzi tar-Randan għall-adulti, mibnija fuq il-katekeżi li l-Papa Benedittu XVI kien għamel fl-udjenzi matul is-Sena Pawlina. Qed nippreżentaw ukoll skema ta' eżerċizzi għat-tfal, u lectio divina tal-Vanġeli tal-Ħdud biex iservu ta' riflessjoni u għajnuna fit-tħejjija tal-omelija tal-Ħadd.

# 1. MAĦFRA U NDIEMA FIT-TESTMENT IL-QADIM

Fit-Testment il-Qadim, qabel ma wieħed jasal biex jersaq lejn Alla u jitolbu l-maħfra, l-ewwel irid ikun niedem minn dak kollu li jkun għamel ħażin, jew dak li jkun kiser f'relazzjoni mal-Liġi Mqaddsa jew fin-nuqqas tagħha. Hawn tidħol it-tħollija tal-għemil. Fi kliem tekniku din hija l-ħtija jew offiża lil Alla. Tant hija kelma komuni u qawwija din il-kelma **"ħtija"** li fil-kotba tat-Testment il-Qadim qiegħda miktuba 559 darba. Mela hawn jidhru s-serjetà, ir-responsabbiltà, il-gwaj u l-effetti koroh li jġib miegħu d-dnub. Dan kollu l-poplu l-magħżul kien jafu u jafu sew.

Tajjeb, għalhekk, li naraw xi siltiet fejn il-Lhud, kemm b'mod individwali u kemm b'mod kollettiv, iduru lejn Alla sogħbiena biex jitolbuh il-maħfra. Hekk wieħed jasal biex jifhem kemm tassew dejjem kien hemm il-ħtieġa tal-maħfra u li din tkun ġejja mingħand Alla.

Biex nidħlu mill-ewwel f'dan is-suġġett sewwa ngħidu li l-akbar okkażjoni fejn il-poplu niedem jitlob maħfra hija preċiżament il-festa tal-Espjazzjoni, magħrufa wkoll bħala Yom Kippur jew il-festa tal-Maħfra tad-dnubiet (Lev 16). Għal aktar tagħrif dettaljat fuq kif issir din il-festa, is-sawma stretta ta' qabel il-festa, is-sehem li għandu l-qassis il-kbir fiha, ir-raxx tad-demm fuq l-għatu (*hilasterion*) tal-Arka u fuq in-nies, u t-tifsira teoloġika ta' din il-festa tant qawwija b'riferenza għall-Ittra lil-Lhud, ara LAWRENZ SCIBERRAS, *Il-festi liturġiċi tal-Lhud*, Malta 1993, pp. 68-91.

**Stqarrija tad-dnub individwali**

**(1)** Wieħed mit-testi bikrija fil-Bibbja fejn persuna tistqarr li dinbet direttament kontra Alla huwa dak ta' Balgħam; qegħdin fil-Pentatewku. Qrib ta' Balgħam kien hemm Alla, u dan xorta waħda baqa' jwebbes rasu u jagħmel dak li hu kien ħaseb li hu sew. Meta mbagħad induna b'dan, Balgħam stqarr anki b'mod pubbliku: "Dnibt *[ħatatti]*, għaliex ma għaraftx li int kont wieqaf fit-triq quddiemi. Issa jekk hemm xi ħaġa ħażina f'għajnejk, nerġa' lura" (Num 22:34).

**(2)** Eżempju ieħor fejn niltaqgħu ma' stqarrija ta' dnub għaliex kien sar is-serq b'mod l-aktar goff hija dik ta' Għakan lil Ġożwè: "Tassew jiena dnibt *[ħatatti]* kontra l-Mulej, Alla ta' Israel, u għamilt dan u dan. Rajt fost il-priża mantar ta' Singħar sabiħ, u mitejn xekel tal-fidda taħtu u virga tad-deheb tiżen ħamsin xekel. Inġbidt lejhom u ħadthom" (Ġoż 7:2). Mela dan Għakan kiser is-seba' kmandament "La toqtolx"!

**(3)** Is-sultan Sawl ukoll nidem meta ġie wiċċ imb'wiċċ ma' Samwel u dan urieh kemm kien għamel ħażin meta offra hu d-debħiet lil Alla. Din kienet ħaġa li assolutament ma kinitx tmiss lilu, imma lill-profeta jew lil xi qassis ieħor. Għalhekk is-sultan Sawl, meta ra x'għamel b'idejh stess, umilja waħda sew ruħu u stqarr: "Dnibt *[ħatatti]*, għax ksirt il-kelma tal-Mulej u kelmtek, għax bżajt mill-poplu u stħajt minn kliemhom. Issa aħfirli ħtijieti u erġa' ejja miegħi" (1 Sam 15:24).

**(4)** Fuq kollox, dejjem fuq bażi individwali, ta' min isemmi hawn ukoll il-każ tipiku tad-dnub tas-sultan David. Dan l-ewwel għamel adulterju ma' Batseba, mara li ma kinitx tiegħu, imbagħad, meta din bagħtet tgħidlu li tqalet, David, biex mingħalih jaħbi dnubu, qatel lil żewġha Urija bis-sejf waqt il-gwerra. Kien il-profeta Natan li mar u permezz tal-parabbola tal-ħarufa kixef il-moħba kollha ta' David. Quddiem din il-verità David

tniehed waħda kbira u qal: "Jiena dnibt *[ħatatti]* kontra l-Mulej". Hawn ukoll ta' min isemmi li, għalkemm il-Mulej ħafer lil David, dan għadda minn bosta u bosta konsegwenzi kbar u koroh, li wħud minnhom qanqalhom ibnu Absalom stess. Barra dan, l-istess wild minn Batseba miet!

**Stqarrija ta' dnubiet kollettivi**

**(1)** Wieħed mill-ewwel kuntesti ta' stqarrija ta' ħtija bħal din huwa l-kastig tas-silġ li Alla bagħat b'qilla kbira fuq l-Eġittu. Diġà fuq l-Eġittu kienu ġew kastigi oħra; hekk id-dubbien u l-pesta. Issa wasal ukoll is-silġ, kastig li ħalla warajh ħerba tassew kbira, speċjalment fl-uċuħ u l-ħaxix tar-raba'. Magħhom batew ukoll il-bhejjem u l-istess nies. Meta l-Fargħun ra u mess b'idejh din il-ħerba hekk kbira, induna bid-dnub tal-qilla li għamel kontra Alla, tant li stqarr: "Din id-darba għandi ħtija *[ħatatti]*. Il-Mulej għandu raġun, u jien u l-poplu tiegħi huma l-ħatja" (Eż 9:27).

**(2)** Ġrajja oħra fejn id-dnub deher b'mod pubbliku u kollettiv insibuha fil-kuntest tal-għoġol tad-deheb. Kemm Aaron, kemm il-kapijiet tan-nies u kemm l-istess poplu kollha kienu ħatja waħda sew. Għamlu għoġol tad-deheb u bdew jagħtuh qimithom. Dan kien ksur formali tal-ewwel kmandament. Meta Mosè ntebaħ x'ġara l-ewwel tajjar it-twavel tal-liġi minn idejh, imbagħad kissirhom it-tnejn. L-għada Mosè kellem lill-poplu, fejn urieh bid-dnub kbir li kien għamel. Għalhekk qalilhom: "Għamiltu dnub kbir. Issa nitla' ħdejn il-Mulej, għandi mnejn naqlgħalkom il-maħfra" (Eż 32:3).

**(3)** Ġrajja oħra fejn il-poplu b'mod kollettiv dineb kontra Alla din id-darba seħħet fil-qalba tad-deżert tas-Sinaj. Il-poplu gerger bis-sħiħ kontra Mosè għax hemm fejn kienu la kellhom tin, la dwieli, la rummien u lanqas ilma għax-xorb. Barra dan, ftakru fil-basal, il-kurrat u l-qamħ li kellhom l-Eġittu. Hi tassew xena tqila, fejn il-poplu jidher li kiser ir-relazzjonijiet tajbin tiegħu ma' Alla. Għalhekk Alla bagħat sriep velenużi f'nofs il-poplu, gidmuhom u mietu ħafna minnhom. Il-poplu meta ra dan kollu mar għand Mosè u stqarrlu: "Dnibna, għax tkellimna kontra l-Mulej u kontra tiegħek. Itlob lill-Mulej ħa jwarrab is-sriep minn fostna" (Num 21:6).

**(4)** Il-poplu kien qiegħed jgħix fl-Art Imwiegħda, imma kien iddakkar minn ħafna allat oħra foloz. Fost dawn kien hemm Għastarot, il-Bagħlim u oħrajn. Il-profeta Samwel għalhekk ġabar in-nies madwaru u qanqalhom biex dawn jersqu għall-indiema, iwarrbu minn nofshom dawn l-idoli u hekk jiksbu l-maħfra mingħand Alla. Din id-darba wkoll il-poplu kien ċar biżżejjed, tant li qal: "Dnibna quddiem il-Mulej" (1 Sam 7:6).

Dawn huma każijiet fejn il-poplu b'mod kollettiv juri s-sogħba tiegħu għaliex kiser il-liġi ta' Alla u jersaq biex jitolbu l-maħfra.

**Il-maħfra mnedija mill-profeti**

Il-profeti, bnedmin li ħassew u wara aċċettaw is-sejħa li direttament jew indirettament għamlilhom Alla, ma baqgħux lura milli jxandru l-penitenza biex hekk jaqilgħu l-maħfra li tiġi mingħand Alla waħdu. Bosta drabi din il-kwalità ta' xandir switilhom tassew ta' riskju, imma xorta waħda għamluh u komplewh. Hekk ħabbar il-profeta Danjel: "Għajb għal wiċċna, Mulej, għal wiċċ is-slaten u l-kapijiet tagħna, għall-wiċċ tagħna, għal wiċċ missirijietna, li dinbu kontra tiegħek. Mingħand Alla Sidna l-ħniena u l-maħfra, għax aħna qomna kontra tiegħu" (Dan 9:8).

Iżda sabiex inżidu nuru kemm dawn il-profeti għamluha ħaġa tant meħtieġa l-maħfra mingħand Alla sewwa li nġibu xi eżempji, dejjem kif huma xandruha u nedewha lill-poplu fdat f'idejhom.

**(1)** Il-profeta Għamos xandar il-messaġġ tiegħu ta' maħfra u ndiema fis-Saltna ta' Fuq, jiġifieri f'Israel. Kien żmien meta l-inġustizzji soċjali kienu tassew refgħu rashom u ħadd ma kien jissogra jgħid kelma waħda kontra s-sultan. Il-każ tipiku ta' Nabot u l-għalqa tad-dwieli li wiret mill-familja tiegħu jikkonferma dan kollu. Kontinwament, għalhekk, il-profeta kien idur fuq il-poplu u jfakkru biex ifittex lill-Mulej, sabiex dan jaħfirlu. Issa fil-lingwaġġ Bibliku "tfittex lill-Mulej" tfisser li terġa' ddur lejh bl-indiema biex hu jaħfer il-ħtijiet kbar u żgħar: "Fittxuni u tgħixu" (Għam 5:4ċ), kif ukoll "Fittxu lill-Mulej u tgħixu; li ma joħroġx bħan-nar għal dar Ġużeppi, u jibla' kollox" (Għam 5:6).

**(2)** Hosegħa, profeta ieħor, kumbinazzjoni sieħeb Għamos, li ħaddem il-missjoni tiegħu wkoll fis-Saltna ta' Fuq, għandu l-istess ħsieb u tagħlim fuq l-indiema u l-maħfra. Dawn it-tnejn ukoll għandhom jiġu indirizzati lil Alla għaliex il-maħfra mingħandu biss tiġi. Meta l-Mulej jara l-vera ndiema ħierġa mill-qalb, allura hu, li hu twajjeb, jaħfer u jinsa dak li jkunu għamlu n-nies: "Naħfrilhom, għad li xxewxu kontra tiegħi; minn qalbi nħobbhom, għaliex il-korla tiegħi reġgħet lura minn fuqhom" (Hos 14:5). Dan huwa kliem li tassew jimla bil-kuraġġ lil kulmin irid ifittex tassew u mill-qalb lil Alla.

**(3)** Fuq l-istess binarju mexa l-prinċep tal-profeti, Isaija. Dan ħaddem il-missjoni tigħu fil-Lhudija, mela fis-Saltna ta' Isfel, bil-belt kapitali tagħha Ġerusalemm. Hawnhekk l-offerti u d-debħiet lil Alla ta' kuljum kienu jkunu f'numru kbir tassew. Iżda quddiem din is-sitwazzjoni xejn sabiħa Isaija ħass li għandu jniedi riforma rigward dawk l-offerti lil Alla: "Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad!". Għalhekk Isaija ħabbar l-indiema u l-maħfra: "Tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla. Ejjew, mela, nirraġunaw flimkien, jgħid il-Mulej" (Is 1:17-18a).

Minn din is-silta jidher sew kemm Isaija insista fuq l-indiema biex il-maħfra mingħand Alla ma tonqosx. Il-profeta kien kważi persważ li din il-predikazzjoni tiegħu sa taqa' fuq widnejn torox u qalb iebsa; madankollu xorta pprietka l-indiema sabiex il-maħfra tiġi mingħand Alla.

**(4)** Aktarx li l-aktar profeta li saħaq u pprietka fuq l-indiema u l-maħfra kien Ġeremija. Dan kellu jħabbat wiċċu bis-sħiħ mal-fiduċja żejda tal-Lhud fit-Tempju u fl-offerti tagħhom. F'isem Alla Ġeremija qal: "Għandu mnejn id-dar ta' Ġuda, meta jisimgħu bil-ħsara li għandi f'rasi li nagħmlilhom, jerġgħu kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u jien naħfrilhom ħżunithom u dnubiethom" (Ġer 36:3).

Il-verb tekniku bil-Lhudi li jesprimi din l-istedina qawwija tassew biex il-poplu jdur huwa *xuv*, iddur, tbiddel ħajtek. Din l-istedina tinsab fil-ktieb kollu tal-profeta. Il-midneb m'għandu qatt ikun sodisfatt billi sempliċement jibki u jitniehed meta jistqarr dnubietu (Ġer 3:21-25), imma għandu jbiddel tassew ħajtu u jaħten qalbu għall-Mulej. Hekk biss tasal il-maħfra, dejjem mingħandu (Ġer 4:1-4): "Erġgħu lura, kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u mill-ħażen ta' għemilkom" (Ġer 25:5).

**(5)** Alla lanqas meta l-poplu tiegħu b'kastig kien qiegħed fl-eżilju ma ħallieh waħdu. Fl-eżilju ta' Babel Alla bagħat lill-profeta Eżekjel. Dan għallem ir-responsabbiltà personali, jiġifieri li l-poplu kien qiegħed fl-eżilju għaliex kull wieħed minnhom dineb u għandu

bżonn tal-maħfra mingħad Alla: "Biegħdu minnkom il-ħtijiet kollha li waqajtu fihom, u ġeddu qalbkom u ruħkom. Il-għala tridu tmutu, dar ta' Israel? Jiena ma nieħu pjaċir bil-mewt ta' ħadd, jgħid Sidi l-Mulej. Mela indmu u għixu" (Eżek 18:31).

**(6)** Fl-aħħar ta' min isemmi wkoll lill-profeta Ġoel, li l-parti l-kbira tal-ktieb tiegħu hija sejħa għall-indiema u għall-maħfra. Ġoel mhux biss iniedi l-ħtieġa tal-maħfra, imma jagħti wkoll ir-rimedji biex din il-maħfra tasal dejjem mingħand Alla. U fost ir-rimedji Ġoel isemmi s-sawm u d-dispjaċir sinċier ħiereġ tassew mill-qalb: "Erġgħu duru *[xuv]* lejja b'qalbkom kollha, bis-sawm, bil-biki u bl-ilfiq. Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej Alla tagħkom, għax hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla u kollu tjieba" (Ġoel 2:12-13).

# 2. IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET FIT-TESTMENT IL-ĠDID

## Il-bniedem midneb

Il-bniedem, maħluq minn Alla, huwa msejjaħ biex jgħix f'relazzjoni ta' mħabba qrib ta' Alla. Din ir-relazzjoni tikber u tibqa' sakemm il-bniedem ifittex li jwettaq u jħares ir-rieda ta' Alla li hi partikularment imfissra fil-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla (ara Mt 20:16-19: iż-żgħażugħ għani li kien iħarishom). Iżda meta l-bniedem ma jibqax jgħix din ir-relazzjoni ma' Alla minħabba li jonqos milli jħarishom, allura jidħol id-dnub li hu ħażen li jfixkel din ir-relazzjoni (ara Mk 9:43s, fejn isemmi l-okkażjonijiet tad-dnub; Rum 8:7: "Għalhekk ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla; ma joqogħdux għal-liġi ta'Alla, u anqas jistgħu joqogħdu"). Għaliex id-dnub hu diżubbidjenza lejn Alla u l-kmandamenti tiegħu, li jsir meta l-bniedem jagħmel dak li jipprojbixxu jew inkella jonqos milli jwettaq dak li hu mitlub minnhom (ara Mk 7:20-23 u Gal 5:19-21, li fihom jissemmew diversi għemejjel meqjusa bħala dnubiet).

Mela permezz tad-dnub tiegħu l-bniedem jaqta' r-relazzjoni tiegħu ma' Alla u għalhekk jitbiegħed minnu. Din hi s-sitwazzjoni li fiha jaqa' l-bniedem midneb. Nistaqsu: Jista' l-midneb joħroġ minn din is-sitwazzjoni u jirritorna biex ikollu relazzjoni mġedda ma' Alla? It-tweġiba hija li l-midneb jista' jaqla' l-maħfra ta' dnubietu mingħand Alla. Naraw aktar fid-dettall xi tfisser din il-maħfra u kif inhi possibbli.

## It-termini tal-maħfra fil-Bibbja

Fil-Bibbja nsibu diversi termini bl-Għebrajk u bil-Grieg biex ifissru l-idea tal-maħfra. L-użu ta' diversi metafori biex jesprimu l-idea tal-maħfra huma frekwenti wkoll.

Fil-lingwa Għebrajka nsibu dawn it-termini bħala verbi:

- ***"salah"*** hu t-terminu l-aktar frekwenti, li jfisser "taħfer" (ara Lev 4:20,26,31,35: "jaqlagħlu l-maħfra"; 1 Slat 8:30,34,36; Salm 86:5: "Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer"; 103:3; Is 55:7; Am 7:2);
- ***"kipper"*** ifisser "tgħatti" b'mod figurattiv; ukoll "tagħmel tpattija"; hu terminu l-aktar frekwenti fit-tradizzjoni saċerdotali u jesprimi l-idea ta' "tpattija, espjazzjoni, propizjazzjoni" (*atonement*; "tpatti għal xi dnub"; hekk "espjazzjoni": Eż 29:36; 30:10; Lev 8:15; 16:20,32,33; "tpattija": Eżek 43:20; "inħafer": Is 6:7; 22:14; 27:9, bl-idea li tgħatti);
- ***"mahah"*** ifisser "tħassar, tneħħi" (ara Is 43:25; 44:22; Salm 51:3,11: "ħassar ħtijieti");
- ***"nasa"*** jfisser "tneħħi, twarrab" fis-sens li taħfer (ara Ġen 50:17; Num 14:18,19; Is 2:9; Hos 1:6; Salm 32:1,5: "U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi");
- ***"kasah"*** ifisser "tgħatti, tostor" (Prov 19:9: "jostor il-ħtija"; Neħ 4:5; Salm 32:1: "id-dnub tiegħu mistur");
- hemm imbagħad in-nom ***"salihah"***, li jesprimi maħfra (ara Salm 130:4: "Imma għandek hemm il-maħfra"; Neħ 9:17; Dan 9:9).

Fil-Bibbja tas-LXX (*Settanta*) miktuba bil-Grieg insibu diversi termini li jittraduċu l-kelmiet li semmejna fl-Għebrajk. Insemmu xi wħud l-aktar importanti.

- Hekk il-verb ***"aphiemi"***, li jfisser "tibgħat". Dan il-verb hu l-aktar frekwenti fis-sens ta' "maħfra" u jittraduċi l-verbi fl-Għebrajk *"salah"*, *"kipper"* u *"nasa"*.

• Il-verb Grieg ***"hilasomai"***, li jfisser "iħenn, tkun ħanin", jittraduċi l-verb *"kipper"*. Anki l-verb ***"euilateuo"***, li jfisser "tkun ħanin", jittraduċi l-verbi fl-Għebrajk *"salah"* u *"nasa"*.

• Il-verbi Griegi ***"kalupto"*** u ***"epikalupto"***, li jfissru "tgħatti, tostor", kif ukoll il-verb ***"krupto"***, li jfisser "taħbi, tgħatti, tostor", jittraduċu l-Għebrajk *"kasah"*.

• In-nom Għebrajk *"salihah"* huwa tradott bil-Grieg ***"hilasmos"***, li jfisser "tpattija" jew "ħlas għad-dnubiet", allura l-maħfra.

Fit-Testment il-Ġdid il-kelmiet bil-Grieg l-aktar komuni għall-maħfra huma:

• il-verb ***"aphiemi"*** (Mt 6:12,14-15; 9:2; 12:31; Rum 4:7; u oħrajn);

• in-nom ***"aphesis"*** (Mk 3:29; Lq 3:3; 24:47; Atti 2:38), fis-sens li tibgħat. Dan hu wżat fis-sens ta' maħfra, kemm għal Alla li jaħfer id-dnub u kemm għall-bnedmin li jaħfru lil bnedmin oħra.

L-idea tal-maħfra hija mwassla wkoll permezz ta' kliem ieħor.

• Hemm il-verb ***"apoluo"*** li hu wżat darbtejn f'Lq 6:37, li jfisser "tħoll".

• Il-verb ***"charizomai"***, li jfisser "tagħti bi grazzja, turi ħniena, tħenn, taħfer", jagħmel enfasi fuq il-ġenerożità, fuq li tħenn billi taħfer (ara Lq 7:43; 2 Kor 2:7,10; Kol 2:13).

• Hemm ukoll il-verbi ***"epikalupto"*** (Rum 4:7) u ***"kalupto"*** (Ġak 5:20; 1 Piet 4:8), it-tnejn bit-tifsira li "tgħatti, tostor".

• Insibu wkoll in-nom ***"paresis"*** (Rum 3:25), li jfisser "ħalla jgħaddi bla kastig", għalaq għajnejh; ukoll fis-sens tal-maħfra.

**Il-maħfra fit-Testment il-Qadim**

Qabel nitkellmu fuq il-maħfra fit-Testment il-Ġdid, naraw fil-qosor l-idea tal-maħfra fit-Testment il-Qadim. Il-maħfra hija espressjoni li fl-aspett reliġjuż tidħol fir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem. Alla huwa l-ħallieq u l-bniedem huwa ħlejqa tiegħu u jirċievi l-barkiet mingħandu (ara Salm 65). Alla hu qaddis u jitlob li l-bnedmin ikunu wkoll imqaddsin (Lev 11:44-45). Iżda minħabba dnub il-bniedem hu separat minn Alla għax wera diżubbidjenza lejn ir-rieda tiegħu (Is 43:24; 53:8), u b'hekk tilef il-ħbiberija miegħu. Għalhekk hi meħtieġa l-maħfra li twassal lill-bniedem biex jerġa' jitħabbeb ma' Alla (Is 38:17). Alla lest juri ħniena għaliex ma jridx il-mewt tal-midneb (Is 60:10; Salm 13:6).

Il-poplu Lhudi kien jemmen fil-maħfra ta' Alla, l-ewwel nett minħabba l-konvinzjoni li kellu li kienet isserraħ fuq il-patt li Alla għamel miegħu (Eż 34:10). Alla għażel lill-poplu Lhudi u wrieh imħabba meta għażlu bħala l-poplu tiegħu. Li Alla jaħfer hi realtà frekwenti fit-Testment il-Qadim (Eż 34:7; Num 14:18; Salm 99:8; Mik 7:19-20), u huwa msejjaħ biex jaħfer "skond il-kobor tat-tjieba tiegħek", kif kien wiegħed (Num 14:19). Barra mill-Patt, fit-Testment il-Qadim kien hemm ukoll il-kult tas-sagrifiċċju li kien strumentali biex tinkiseb il-maħfra. Permezz tal-azzjonijiet ritwali wieħed ikun qiegħed jesprimi l-mixja tiegħu lejn Alla, jagħraf il-ħtija tiegħu u jħossu li mhuwiex denju, u li ħajtu tista' tilħaq ir-realizzazzjoni sħiħa fil-preżenza ta' Alla biss. Permezz tas-sagrifiċċju wieħed ma jkunx qisu qiegħed jinnegozja jew jixtri l-maħfra, imma jappella għall-ħniena ta' Alla li hu stess kien wiegħed. Fl-aħħar nett kien hemm ukoll kundizzjonijiet li l-profeti kienu tant jinsistu fuqhom: l-istqarrija tad-dnubiet (Salm 32:1-5), il-konverżjoni tal-qalb jew l-indiema tad-dnubiet, u li jkun hemm bidla fil-ħajja: "Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-

Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna" (Is 55:7; ara wkoll Hos 14:3; Is 1:18-19; Ġer 14:20; 36:3; Ġoel 2:13). Il-profeti kienu wkoll jisħqu ħafna li s-sagrifiċċji għandhom ikunu msieħba minn dispożizzjoni interna xierqa, li tfittex ir-rieda ta' Alla: "Għaliex jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa" (Hos 6:6; ara wkoll 1 Sam 15:22). Kien isir ukoll talb għall-maħfra frott ta' "qalb niedma" (Salm 51:19; Eż 10:17; 32:32; 34:9; għal talba b'mod formali għall-maħfra ara Salm 6; 51; 130). Meta d-dnub hu maħfur dan ma jkunx aktar magħdud kontra l-midneb. Id-dnub, iżda, jista' jiġi kkastigat (2 Sam 12:13).

Mela fit-Testment il-Qadim il-maħfra hija frott il-ħniena ta' Alla, biex terġa' tiġġedded il-qdusija. Dan hu possibbli jekk jitwarrab kull xkiel, jiġifieri d-dnub u l-ħtija li jifirdu lill-bniedem minn Alla, li hu l-għajn tal-qdusija. Bir-restawrazzjoni tat-tjieba divina (Eż 33:15) jissaħħu r-relazzjonijiet tal-bniedem ma' Alla kif ukoll mal-bnedmin l-oħra. Tissaħħaħ ukoll il-qawwa fil-ħajja tal-bniedem għax ikun hemm il-fejqan fir-ruħ (Is 33:24; Salm 32:3-4). Din il-maħfra tad-dnubiet hija wkoll waħda mill-karatteristiċi tal-Messija futur: "Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel… Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx" (Ġer 31:33-34; Is 33:24).

**Il-maħfra fil-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista**

Qabel ma nitkellmu fuq Ġesù u l-maħfra tiegħu, ikun jaqbel naraw il-kontenut tal-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista, l-aktar fuq il-maħfra, u niskopru kemm dawk l-elementi li ġejjin mit-tradizzjoni u kemm xi elementi ġodda li mbagħad għaddew fit-Testment il-Ġdid. Fil-bidu tal-vanġelu tiegħu Mark isemmi tliet ħwejjeġ fuq il-Battista: il-predikazzjoni tiegħu (1:2-8), il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni (1:9-11), u l-arrest ta' Ġwanni (1:14; ara 6:17-18).

Fil-predikazzjoni tiegħu l-Battista kien "ixandar magħmudija ta' ndiema (***metanoia***) għall-maħfra (***aphesis***) tad-dnubiet (***hamartia***)" (Mk 1:4). Din il-***"metanoia"*** tfisser mhux biss sogħba għad-dnubiet, li wieħed għandu jwarrab minnhom, imma wkoll konverżjoni, bidla radikali fil-ħajja tal-bniedem, u li jerġa' lura lejn Alla. Mingħajr l-indiema għall-bnedmin hemm lesta "il-korla li ġejja" (Mt 3:7; Lq 3:7), jiġifieri l-kastig ta' Alla. Huma m'għandhomx iserrħu fuq il-preżunzjoni li huma nisel Abraham (Mt 3:9; Lq 3:8), bħallikieku sa jsalvaw żgur, imma jeħtieġ li wieħed jgħix ħajja tajba jekk irid isalva. Għalhekk Ġwanni l-Battista ta kontenut etiku lil din l-indiema li kienet meħtieġa. Hu jinsisti fuq "il-frott xieraq tal-indiema" (Mt.3:8; Lq.3:8), li fil-konkret tfisser li wieħed juri ġenerożità, ikun onest u jwarrab kull serq, theddid jew qerq fil-qadi ta' dmirijietu (Lq 3:10-14). In-nies li kienu jmorru għandu kienu "jitgħammdu… waqt li jistqarru dnubiethom" (Mk 1:5). Hu kien jipprietka wkoll li hu jgħammed bl-ilma (Mk 1:8; Ġw 1:26), iżda dak li ġej warajh "jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu" (Mk 1:8).

Il-predikazzjoni ta' Ġwanni donnha kienet qiegħda tqajjem ċertu interess, peress li għal ħafna sekli l-profezija kienet siktet u issa reġa' tfaċċa mill-ġdid leħen ta' profeta (Mt 11:9; Lq 7:26). Il-mod u l-qawwa li bihom kien jipprietka kienu qegħdin joħolqu ċertu skomdu lill-awtoritajiet u wkoll għat-tradizzjoni; lill-awtoritajiet ċivili, l-aktar lil Erodi t-tetrarka tal-Galilija, li, għax kien iwissih minħabba l-ħażen tiegħu, spiċċa biex qaflu fil-ħabs (Lq 3:19-20) u eventwalment qatlu. L-istess awtoritajiet reliġjużi, l-aktar dawk marbuta mat-Tempju ta' Ġerusalemm u l-kult, ma setgħux jaraw fih il-kredenzjali meħtieġa tal-ħidma tiegħu (ara Ġw 1:19s). It-tradizzjoni kienet mibnija madwar il-Liġi (it-*Torah*) u l-kult. Minn naħa t-Tempju kien meqjus bħala l-post fejn Alla hu preżenti,

li kien jiżgura t-tjieba kontinwa tiegħu lejn il-poplu magħżul tal-Patt. Imbagħad il-Liġi, li kienet fiċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża tal-poplu, kienet mogħtija prominenza kbira minn dawk li riedu jgħixu ħajja tabilħaqq ġusta. Mela wieħed ifittex il-qdusija filli juri l-akbar qima lejn Alla u b'ħerqa kbira jwettaq ir-rieda ta' Alla kif imfissra fl-istess Liġi. Bħala konsegwenza anki l-ħsieb tal-maħfra resaq aktar lejn kunċett f'termini etiċi u legali.

Dak li kien ġdid fil-predikazzjoni tal-Battista kien li daħħal magħmudija ta' ndiema permezz tal-ilma. (F'Qumran, speċjalment fil-Manwal tad-Dixxiplina, hemm indikata magħmudija jew ħasil fost il-membri tal-komunità, imma r-rit waħdu, jiġifieri l-ħasil fih innifsu, ma kienx inaddaf lill-bniedem, imma jrid iqiegħed lilu nnifsu lejn ir-rieda ta' Alla). Dan kien ħasil simboliku li jesprimi ndiema tad-dnubiet, iżda minnha nfisha ma kinitx iġġib bidla bħalma jiġri fis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Maħfra mwaqqfa minn Kristu. Filfatt it-Testment il-Ġdid spiss jirreferi għall-fatt li Ġwanni kien jgħammed bl-ilma: "Ngħammidkom bl-ilma għall-indiema" (Mt 3:11; Mk 1:8; Lq 3:16; Ġw 1:26,33; Atti 11:16; ara wkoll Atti 1:22; 19:4). Dan hu f'kuntrast mal-Magħmudija ta' Ġesù li kienet bl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu (Atti 11:16; drabi oħra jgħid biss "bl-Ispirtu s-Santu" (Mk 1:8; Ġw 1:33; Atti 11:16), jew "bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (Mt 3:11; Lq 3:16)).

Fis-sitwazzjoni reliġjuża ta' żmienu l-Battista ħoloq moviment li seta' jġib bidla mhux żgħira, l-aktar fil-konfront tat-Tempju u l-kult. Fl-imgħoddi l-profeti kienu jinsistu fuq il-konverżjoni u l-bidla tal-qalb aktar milli offerti ta' sagrifiċċji ta' bhejjem li huma nieqsa mit-tjieba tal-qalb (Is 1:10-20; Am 5:22-25; Salm 50:18-21). Mela kien hemm kritika qawwija mill-profeti lejn sempliċi ritwaliżmu li kien estern biss. Bil-miġja tal-Battista għandna mill-ġdid il-leħen tal-profezija li ġibed ħafna nies minn kull kategorija (Lq 3:10s). Dak li issa kien ġdid hu li l-Battista għaqqad is-sejħa tal-profeti l-antiki għall-indiema (Mt 3:2,8; Lq 3:8) mal-wegħda tal-maħfra tad-dnubiet permezz tal-magħmudija bl-ilma. Din setgħet tidher bħala theddida lejn il-kult marbut mat-Tempju ta' Ġerusalemm, fejn kienu jsiru riti, offerti u sagrifiċċji minħabba d-dnubiet jew ħtijiet. Għalhekk qamu l-mistoqsijiet fuq l-awtorità tiegħu: "Kif qiegħed tgħammed?" (Ġw 1:25; l-istess mistoqsija saret lil Ġesù: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu" (Mt 21:23 u paral.), u Ġesù hawnhekk jirreferi b'mistoqsija għall-magħmudija ta' Ġwanni, jekk kinitx ġejja mis-Sema jew mill-bnedmin; nistgħu nsemmu wkoll Mk 2:1s: b'liema setgħa jaħfer id-dnubiet). Aktar minn hekk, hemm element ieħor ġdid. Il-Lhud kellhom ħafna riti bl-użu tal-ilma (ara Ġw 2:6; Mk 7:4s). Imma dan ir-rit bl-ilma, jiġifieri l-magħmudija bil-wegħda tal-maħfra tad-dnubiet, kien xi ħaġa innovattiva.

Kien mertu wkoll tal-Battista li tħabbret l-imminenza taż-żmien Messjaniku, bil-miġja tal-Messija tant mistenni li kien imwiegħed sa mill-antik u issa qiegħed f'nofshom: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet" (Mt 3:2). Bil-predikazzjoni tiegħu għall-indiema u l-magħmudija Ġwanni kien qed iħejji "it-triq tal-Mulej" (Mt 3:3 u paral.) permezz ta' poplu msoffi. Mela nistgħu ngħidu li bl-attività tiegħu l-Battista kien qed jindirizza l-magħmudija u l-indiema lejn il-maħfra tad-dnubiet, u bħala profeta ħabbar lil Ġesù u l-Magħmudija tiegħu tal-Ispirtu s-Santu. Min-naħa tiegħu Ġesù kompla ħidmietu f'rabta mal-indiema u l-maħfra, u għallem fuq twelid "mill-ilma u l-Ispirtu" (Ġw 3:5).

**Il-maħfra fit-Testment il-Ġdid**

It-Testment il-Ġdid ikompli bit-tradizzjoni li Alla juri t-tjieba tiegħu fil-maħfra tad-dnubiet. Din il-maħfra Alla jirrealizzaha permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù. Il-

kitbiet kollha tat-Testment il-Ġdid jaqblu b'mod sħiħ fuq din il-verità ewlenija. Naraw għalhekk kif din il-maħfra tintwera fil-predikazzjoni u l-ministeru ta' Ġesù, u kif imbagħad ġiet imwettqa fil-ħidmiet tal-Appostli u mfissra fil-kitbiet tagħhom.

**Isem Ġesù: "isalva mid-dnubiet"**

Sa minn qabel twelidu kien diġà ntwera fiex kienet tikkonsisti l-missjoni ta' Ġesù. L-anġlu jgħarraf lil Ġużeppi, li kien imħasseb fuq is-sitwazzjoni ta' Marija u r-rwol tiegħu, u hu jirċievi dan l-inkarigu: "Inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1:21). Fl-isem stess tat-tarbija hemm espressa fundamentalment il-missjoni ewlenija tagħha. L-isem "Ġesù", bil-Lhudi *"Jexugħa"*, hu s-soltu mfisser bħala l-Mulej jew "Jaħweh isalva, jeħles". Hawn, iżda, dan id-don ta' salvazzjoni hu speċifikat bħala maħfra tad-dnubiet: "isalva minn dnubiethom". Dan kien imtenni għal Alla: "Hu [Alla] li jifdi lil Israel minn ħtijietu kollha" (Salm 130:8). Iżda issa din il-maħfra tad-dnubiet titwettaq permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù. Il-qofol tal-missjoni ta' Ġesù hu l-maħfra; hu ġie biex jagħti xhieda ta' din il-maħfra ta' Alla. Mattew ikompli jgħid: "…ikollha Iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'" (Mt 1:23). Mela b'Ġesù jseħħ dak li tgħid l-Iskrittura (Is 7:14): hu "Alla magħna" li jneħħi dak li jifred lill-bnedmin minn Alla, jiġifieri jeħlishom mid-dnubiet, u fl-istess waqt iġedded il-ħajja ta' komunjoni miegħu.

Fil-vanġelu ta' Luqa l-anġlu jsejjaħ lil Ġesù "Salvatur" (Lq 2:11), titlu li Luqa jużah hawn biss. Iżda t-tema tas-salvazzjoni hi fil-qalba tal-opra kollha tiegħu. Għal Luqa salvazzjoni tfisser fost l-oħrajn li terġa' tiġi rrestawrat, li tkun salvat jew meħlus mid-dnub u minn dak li jbiegħed minn Alla. Filfatt din kellha tkun il-missjoni tal-Battista bħala prekursur, imħabbra minn missieru Żakkarija: li juri li l-vera "salvazzjoni" tikkonsisti fil-"maħfra ta' dnubiethom" (Lq 1:77; ara 19:9, fl-episodju ta' Żakkew), tema li hi ħafna għal qalb Luqa.

**Bidu tal-ministeru ta' Ġesù: "Indmu u emmnu"**

Ġesù beda l-ministeru tal-ħajja pubblika tiegħu billi qal: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet. Indmu u emmnu fl-Evanġelju" (Mk 1:15; ara Mt 4:17). Ninnotaw l-insistenza fuq temi li jixbhu lil dawk tal-Battista: l-imminenza taż-żmien eskatoloġiku, li Alla jsaltan u l-indiema. Dak li hu innovattiv hu r-rabta bejn l-indiema u t-twemmin fl-Evanġelju. Il-kontenut ta' din il-Bxara t-tajba għandu rifless fuq il-profondità tal-indiema.

Għal Ġesù, Alla ta' Israel hu Alla qaddis (Lev 11:44-45; Is 6:3), tant li hu jsejjaħlu wkoll "Missier qaddis" (Ġw 17:11; ara wkoll 1 Piet 1:16 u Apok 4:8, li jirreferu għal Lev 11:44-45 u Is 6:3). Din l-idea tal-qdusija assoluta ta' Alla li nsibu fit-Testment il-Qadim insibuha wkoll fit-Testment il-Ġdid, fis-sens li l-qdusija ta' Alla daħlet fl-istorja tal-persuna ta' Ġesù u għalhekk hi preżenti fil-qdusija tal-Iben inkarnat (ara Mk 1:24; Lq 1:35; 4:34; Ġw 6:69; Atti 3:14; 4:27,30; Apok 3:7). Din il-qdusija tal-Iben għandhom sehem fiha dawk li huma "tiegħu" (Ġw 13:1; ara 17:16-19) u li hu jagħmilhom ulied adottivi tal-Missier (Gal 4:4-6; Rum 8:14-17). Ġesù jitlob li fid-dixxipli tkun riflessa dik l-imħabba u r-reċiproċità li hemm bejnu u l-Missier: "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena" (Ġw 15:9). Kif Ġesù "ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13:1), jiġifieri perfettament, hekk ukoll għandhom iħobbu d-dixxipli lil xulxin (Ġw 13:34-35), u dan

Ġesù jipproponih bħala l-kmandament il-ġdid: "Li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 13:34; 15:12).

Fil-kuntest ta' din il-manifestazzjoni tal-imħabba nistgħu naraw kemm it-tema tal-maħfra u tar-rikonċiljazzjoni tidħol fil-qalba tal-Bxara t-Tajba ta' Ġesù. Meta Ġesù jinsisti fuq l-indiema hu jmur aktar fil-fond, bix-xewqa li fil-qalb tal-bniedem ikun hemm is-sinċerità. Mhux biżżejjed li wieħed iħares il-liġi ta' Alla fl-aspett estern ta' konformità, imma, aktar minn hekk, hu meħtieġ li jkun hemm korrispondenza sħiħa mar-rieda qaddisa ta' Alla. Bl-istess mod l-indiema; minbarra li wieħed ikollu s-sogħba tad-dnubiet, irid ikun hemm bidla radikali fl-orjentament tiegħu b'mod li jgħix l-ispirtu tal-imħabba u tal-maħfra.

Din il-Bxara t-Tajba, li fiha t-tifsira tal-indiema qiegħda tkun aktar imwessgħa, turi l-wasla ta' żmien ġdid. Dan iż-żmien il-ġdid huwa mmanifestat aktar permezz tal-mirakli, li huma sinjali tal-miġja Messjanika li seħħet permezz ta' Ġesù u hija kkaratterizzata mill-ħakma jew it-twaqqif tas-Saltna ta' Alla u mill-ħidma tal-Ispirtu: "Iżda jekk jien qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla" (Mt 12:28; ara Lq 11:20). F'dan iż-żmien ġdid, li fih il-ħakma tax-Xitan hija megħluba u sostitwita mis-Saltna ta' Alla, il-bniedem, filwaqt li hu msejjaħ għall-indiema, huwa mistieden biex jilqa' b'rispons pożittiv din is-saltna permezz tal-fidi. Din il-Bxara t-Tajba, li Ġesù jxandar biex tkun imwaqqfa s-Saltna ta' Alla, għandha bħala frott il-maħfra li Alla lest jagħti biex il-bniedem jibda mill-ġdid il-ħajja tiegħu.

**Il-maħfra fil-predikazzjoni ta' Ġesù**

Bil-Bxara t-Tajba Ġesù kien qed juri li, minkejja d-dnub u l-qawwa tax-Xitan li żżomm lill-bniedem taħt idejh, Alla dejjem ikompli jfittex lill-bniedem u lest li juri ħniena u jaħfer il-ħtijiet tiegħu biex jibda triq ġdida. Qatt mhu tard li titlob 'l Alla l-maħfra. Għalkemm Alla jrid u dejjem lest li jaħfer, hemm kundizzjonijiet għal din il-maħfra.

L-ewwel nett, kif diġà semmejna, hemm l-indiema (***"metanoia"***): li wieħed b'mod sinċier ikun lest li jitlaq id-dnub u jdur lejn Alla. Ġesù jinsisti fuqha fil-ministeru tiegħu. Filfatt Ġesù, filwaqt li jiġi magħdud bħala wieħed li jagħmilha mal-midinbin, jgħid li hu ma ġiex biex isejjaħ lill-ġusti, "iżda lill-midinbin għall-indiema" (Lq 6:31-32). Ġesù jsemmi żewġ ċirkustanzi traġiċi li fihom mietu n-nies, u jżid li "jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom" (Lq 13:3-5). Hu jibgħat ukoll lit-Tnax bl-istess missjoni: "Ħarġu mela jxandru biex in-nies jindmu" (Mk 6:12). Wara l-Qawmien, filwaqt li lid-dixxipli jfissrilhom l-Iskrittura, ikompli jgħidilhom "li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha" (Lq 24:47). Mela l-vera ndiema tinvolvi mhux biss sogħba tad-dnubiet imma wkoll bidla sħiħa fl-attitudni tal-individwu. B'dan il-mod jasal għall-esperjenza tal-maħfra mingħand Alla.

It-tieni, Ġesù jinsisti fuq li wieħed ikollu l-ispirtu tal-maħfra (***"aphesis"***). Filfatt il-maħfra tal-oħrajn hi element karatteristiku fit-tagħlim tiegħu. Minbarra l-indiema u l-fidi, li taħfer lill-oħrajn hija kundizzjoni għall-maħfra tad-dnubiet f'dan iż-żmien il-ġdid. Fil-kuntest tal-Bxara t-Tajba Ġesù jafferma diversi drabi li wieħed għandu jaħfer lil min ikun naqsu b'xi ħtija. Din hija espressa fit-talba tal-Missierna: "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" (Mt 6:12; Lq 11:4). Alla jaħfer dejjem u bla limitu. Imma l-bniedem jista' jqiegħed bħal ostaklu għal din il-maħfra jekk hu ma jurix spirtu ta' maħfra lejn l-oħrajn. Wieħed ma jkunx maħfur jekk hu stess ma jaħfirx:

"Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-Smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom" (Mt 6:14-15; ara Mk 11:25).

Il-bniedem irid iwarrab dawk is-sentimenti li jgħarrqu r-relazzjoni tiegħu ma' Alla, jiġifieri kull rabja, mibegħda jew li jżomm f'qalbu lejn xi ħadd (ara Mt 5:21-24). Inkella jiġrilu bħal dak il-qaddej ħażin tal-parabbola li ma ħafirx lil sieħbu, li kellu jagħtih ħafna inqas minn dak li kien inħafirlu mis-sinjur ftit qabel, u spiċċa jkun maħqur biex irodd kollox. Għalhekk Ġesù jwissi: "Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom" (Mt 18:23-35).

Fuq kemm wieħed għandu jaħfer Ġesù għandu wkoll twissija. M'għandux ikun hemm limitu fir-rieda tal-bniedem biex jaħfer lill-oħrajn: "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub widdbu, u jekk jindem aħfirlu", u jkompli jgħid li jekk hu "jonqsok seba' darbiet f'ġurnata, u jdur lejk seba' darbiet u jgħidlek: 'Jisgħobbija', aħfirlu" (Lq 17:3-4). Mattew għandu mistoqsija li Pietru jagħmel lil Ġesù bl-użu tan-numru sebgħa, li hu numru komplet. Ġesù jwieġeb: "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt 18:21-22; ara Ġen 4:24), jiġifieri m'hemmx limitu.

Jekk Ġesù għallem u wissa fuq il-maħfra, hu ta wkoll eżempju kbir ta' din il-maħfra lejn l-oħrajn. Fuq is-salib, waqt li kien imdendel, imdawwar b'nies ostili li wassluh għall-mewt, Ġesù għamel talba ta' maħfra għalihom: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23:34; ara wkoll it-talba ta' Stiefnu waqt li kienu jħaġġruh f'Atti 7:60).

**Il-parabboli tal-maħfra**

Luqa, forsi aktar mill-evanġelisti l-oħra, jara ħafna t-tjubija ta' Ġesù. Hu jara f'Ġesù s-Salvatur li jħenn u jaħfer, tant li ħafna jsejħu l-vanġelu tiegħu "il-vanġelu tal-ħniena". Mal-elementi li forsi diġà semmejna ta' din il-karatteristika b'mod ġenerali, nistgħu nżidu xi eżempji partikulari. Minflok is-saħta tas-siġra tat-tin (Mk 11:12s; Mt 21:18s) Luqa għandu l-parabbola tat-tina bla frott li jagħtiha ċans ieħor biex tagħmel il-frott (Lq 13:6-9). Insemmu wkoll il-ħarsa ta' Ġesù lejn Pietru wara li ċaħdu tliet darbiet (Lq 22:61). Lill-ħalliel mislub miegħu li nidem, wara li ammetta l-ħtija tiegħu u l-kastig mistħoqq, Ġesù jgħidlu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi" (Lq 23:43). F'dawn l-eżempji tidher il-ħniena ta' Ġesù li trid twassal għall-maħfra lil min ikun nidem u jrid juri rieda tajba.

Ninnotaw li f'dawn l-eżempji li semmejna ma niltaqgħux mat-terminu "maħfra". Dan nistgħu ngħiduh ukoll għall-parabboli l-kbar li juru ħniena u maħfra mingħajr l-użu tal-kelma "maħfra". Iżda xorta waħda dawn il-parabboli jridu juruna li Alla jifraħ meta l-midneb jindem u allura jikseb il-maħfra. Luqa jiġbor tliet parabboli flimkien f'kapitlu 15. L-ewwel waħda hija l-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:7, li nsibuha wkoll f'Mt 18:12-14), u t-tieni waħda hi l-parabbola tad-drakma l-mitlufa (Lq 8-10), li jġib hu biss. Dawn it-tnejn juru l-ferħ għas-sejba mill-ġdid ta' dak li kien mitluf, mhux ta' min isibha biss, iżda tal-oħrajn ukoll, u dan bħala paragun għall-ferħ ta' "midneb wieħed li jindem" (v. 7,10). Bl-aqwa parabbola tal-iben il-ħali, Ġesù juri l-proċess kollu li jwassal għall-maħfra. L-iben iż-żgħir, fil-miżerja li kien jinsab fiha, wera vera ndiema u rieda sħiħa li joħroġ mis-sitwazzjoni: "Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: 'Missier, dnibt kontra s-Sema u kontra tiegħek'" (v. 18,21). Il-Missier min-naħa tiegħu juri l-akbar

ħniena: "…fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda… u biesu… 'nagħmlu festa'" (v. 20-23). B'dan il-mod Ġesù qed juri l-imħabba tal-Missier divin lejn dan l-iben il-midneb, li jilqgħu mill-ġdid f'daru. Iwissi wkoll kontra l-atteġġjament tal-iben il-kbir li nkorla, u li hu meħtieġ li jkollna l-ħniena li taħfer (15:32).

Insemmu parabbola oħra li għandha x'taqsam mal-maħfra, minkejja li lanqas hawn ma jintuża dan it-terminu: il-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan (Lq 18:10-14), li hi wkoll partikulari ta' Luqa. Hawn għandna kuntrast bejn il-Fariżew li jgħix ir-reliġjożità tiegħu f'termini legalistiċi, meqjusa bħala l-qofol tat-twemmin u l-moralità Ġudajka, u min-naħa l-oħra l-pubblikan bl-uffiċċju tiegħu li jiġbor it-taxxi, magħdud bħala midneb. Wieħed jiftaħar b'għemilu u l-ieħor bl-umiltà jistqarr: "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" (v. 13). Ġesù jagħti l-verdett tiegħu: il-pubblikan irritorna "iġġustifikat" (v. 14), jiġifieri dnubietu maħfura għax talab maħfra (Salm 51:19), filwaqt li l-Fariżew ma kellux dnubietu maħfura għax ma talabx maħfra.

Minn dawn il-parabboli u eżempji oħra stajna naraw kemm Ġesù ried jgħallem fuq il-ħniena ta' Alla l-Missier li lest dejjem biex jaħfer lil min juri impenn biex iwarrab dak li jifred lill-bniedem minn Alla jew lil bniedem minn ieħor.

**Il-maħfriet ta' Ġesù**

Matul il-ministeru tiegħu Ġesù mhux biss xandar u għallem fuq l-indiema u l-maħfra, iżda wettaq ukoll il-maħfra lejn dawk li kienu midinbin u saħansitra wera li għandu din is-setgħa li jaħfer id-dnubiet.

Diġà semmejna kif Ġesù wera ħniena mal-ħalliel li nidem. Nistgħu nsemmu ġrajja oħra mill-ħajja ta' Ġesù li turi l-atteġġjament ta' Ġesù fil-konfront ta' nies magħrufa bħala midinba: il-ġrajja ta' Żakkew il-pubblikan (Lq 19:1-10). Żakkew għamel l-almu biex jara lil Ġesù. Ġesù rah u għamillu stedina, li laqagħha "u kollu ferħan laqgħu għandu" (v. 6). Għall-istqarrija li għamel Żakkew, Ġesù jwieġeb: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni" (v. 9). B'hekk hu qed jiddikjara l-ħniena li tissarraf fil-maħfra li terġa' tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-midneb. Meta jgħid: "Għax Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf" (v. 10), minkejja li bħal fl-episodji tal-parabboli f'Lq 15 ma tissemmiex il-maħfra, xorta qiegħed jagħmel eku tat-tema ta' dawn il-parabboli, kif ukoll tal-vanġelu kollu ta' Luqa, jiġifieri li Ġesù jfittex lill-midneb biex jikseb il-maħfra minn ħtijietu u jħossu tabilħaqq mifdi.

F'episodju ieħor li nsibuh ukoll f'Luqa għandna rakkont ta' mara midinba li kienet maħfura (Lq 7:36-50). Il-Fariżew li stiednu ddubita mill-kwalitajiet ta' Ġesù bħala profeta għax ħalla midinba tersaq lejh. Iżda Ġesù juri ispirazzjoni profetika u jġiblu bħala eżempju parabbola ta' tnejn li nħafrilhom dejnhom f'ammonti differenti. Meta japplikaha għal Xmun u l-mara, Ġesù juri li Xmun kellu anqas dejn, allura wera mħabba żgħira, filwaqt li l-mara kellha aktar ħtija, u wriet imħabba kbira. Il-konklużjoni ta' Ġesù hi: "Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna; imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb" (v. 47). Dan il-vers kien lok ta' ħafna diskussjoni. Jista' jfisser li min inħafirlu ħafna, iħobb ħafna, u min inħafirlu ftit, iħobb ftit. Jista' jfisser ukoll li f'vers 47a l-imħabba hija meqjusa bħala l-fundament tal-maħfra, filwaqt li f'vers 47b l-imħabba hi meqjusa bħala konsegwenza tal-maħfra. F'dan il-każ vers 47b jaqbel mal-iskop tal-parabbola. Għalkemm vers 47a waħdu jista' jinftiehem li l-maħfra ta' dnubietha kienet bħala riżultat ta' mħabbitha, imma l-kuntest kif muri fil-parabbola

u f'vers 47b jeskludi dan is-sens. Għalhekk dan il-vers għandu jinftiehem li l-imħabba ta' gratitudni tagħha hija konsegwenza tal-maħfra li qalgħet: ħabbet ħafna għax inħafrilha ħafna, u mhux bil-maqlub. Jista' jkun ukoll li Luqa ried joħloq tensjoni meta jesprimi li l-attitudni ta' mħabba hija neċessarja biex il-maħfra tkun possibbli, filwaqt li l-maħfra stess titlob spirtu miftuħ ta' mħabba. Hi x'inhi l-pożizzjoni, Ġesù jaħfrilha dnubietha (f'v. 47-49 għandna kull darba dan il-binomju: ***"aphesis hamartia"***), ħaġa li tqajjem il-mistoqsija fuq b'liema setgħa jaħfer id-dnubiet (ara Lq 5:21). Iżda lill-mara jikkonfermalha: "Il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliem" (v. 50). Hawnhekk naraw li s-salvazzjoni, jiġifieri l-maħfra tad-dnubiet, hija wkoll marbuta mal-fidi. Ifisser li l-evanġelista qed jindika fundament ieħor għall-maħfra: meta wieħed jemmen fl-opra salvifika ta' Ġesù din twassal għall-maħfra tad-dnubiet li ġġib fil-midneb paċi interna.

Fl-episodju tal-fejqan tar-raġel mifluġ Ġesù jeżerċita wkoll is-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet (Mt 9:1-8; Mk 2:1-12; Lq 5:17-26). Naraw li Ġesù jaħfer id-dnubiet minħabba l-fidi fil-qawwa tiegħu li wrew dawk li ressqu lil dak il-mifluġ quddiemu (v. 5), u din wasslet ukoll biex fejjaq lill-mifluġ. Il-fidi hija wkoll dispożizzjoni għall-maħfra tad-dnubiet (ara wkoll Atti 10:43; 26:18). Iżda meta din is-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet kienet ikkritikata, Ġesù affermaha billi wera l-qawwa tiegħu li jfejjaq. Fit-Testment il-Qadim Alla biss għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet, kif jidher b'mod partikulari fiċ-ċerimonja tal-Jum tal-Maħfra (din hi r-raġuni tal-kritika: "Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" (v. 7), u qed iqisuha bħala dagħwa). Il-maħfra tad-dnubiet kellha tkun ukoll wieħed mis-sinjali taż-żmien Messjaniku (Hos 14:5; Ġer 31:34), u l-Messija kellu jwettaqha (Is 53:4-12). Meta Ġesù qed jaħfer id-dnubiet, dan hu sinjal għar-restawrazzjoni tal-ħakma ta' Alla, u din hi parti mix-xandir tal-Bxara t-Tajba (ara Mt 1:21; Mk 1:15). Bit-titlu ta' "Bin il-Bniedem" Ġesù jqanqal lis-semmiegħa biex jirriflettu fuq il-persuna tiegħu; jafferma l-prerogattiva divina. Hu għandu s-setgħa mhux biss li jfejjaq, iżda wkoll li jaħfer id-dnubiet. B'mod parallel ifejjaq dak li hu viżibbli u inviżibbli. Mela meta Ġesù qiegħed juri din is-setgħa li jaħfer "fuq l-art" (v. 6), jiġifieri fil-preżent, hu jkompli jifrex is-Saltna ta' Alla biex il-bnedmin jinħelsu mill-jasar tad-dnub.

### Id-dnub li ma jinħafirx

Kull dnub, kbir kemm hu kbir, jista' jinħafer minn Alla, sakemm il-midneb juri sogħba għalih: "Tassew ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lil ulied il-bnedmin, id-dnubiet u d-dagħa kollu li jidgħu" (Mk 3:28). Iżda Ġesù jitkellem fuq dnub li hu l-eċċezzjoni, li ma jinħafirx: id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu: "Imma min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jkollu qatt maħfra; jibqa' ħati għal dejjem" (Mk 3:29; Mt 12:31-32; Lq 12:10). Dan id-dnub mhuwiex identifikat u n-natura tiegħu kienet suġġett ta' ħafna diskussjoni. L-interpretazzjoni l-aktar komuni nistgħu neħduha mill-kuntest tal-episodju fejn il-kittieba akkużaw lil Ġesù li għandu fih lil Begħelżebul, il-prinċep tax-xjaten, meta qalu: "Għandu fih spirtu ħażin" (Mk 3:22-30 u paral.). Ġesù qed jirreferi speċifikament għad-dnub tal-kittieba meta huma rrifjutaw li jagħrfu li l-Ispirtu ta' Alla qed jimmanifesta lilu nnifsu fl-azzjonijiet Messjaniċi tiegħu.

Fil-vanġeli Sinottiċi Ġesù hu muri li għandu l-Ispirtu li bih qed iwettaq il-missjoni tiegħu (Mt 3:11,16; 4:1; 12:18,28; Lq 4:14,18). 'Il quddiem anki d-dixxipli jkollhom l-Ispirtu fit-twettiq tal-ħidma tagħhom (Mt 10:20; Mk 13:11; Lq 11:13). Dan l-Ispirtu kien imħabbar li sa jistrieħ fuq il-Messija (Is 11:2; 42:1; 61:1). Issa meta l-kittieba, minħabba l-għamad spiritwali tagħhom, qed iqisu l-opra ta' Ġesù ħidma tax-Xitan, qed iqiegħdu lilhom

infushom f'sitwazzjoni ta' dnub li ma jistax jinħafer, għax qed jagħlqu kull xaqq ta' tama li jistgħu joħorġu minn din is-sitwazzjoni. Qegħdin jopponu mhux biss lil Bin il-Bniedem (Mt 12:32), imma l-offerta ta' Alla stess permezz ta' Ġesù. Dan hu dak li ħabbar fuqhom Isaija (6:9-10) u li Ġesù jtenni fid-diskors tal-parabboli: "Iħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux, li ma jbiddlux ħajjithom u jaqilgħu l-maħfra" (Mk 4:12; ninnotaw li f'Mt 13:14 u Lq 8:10 tonqos l-aħħar parti li tidher ħarxa; ara wkoll Ġw 12:40, fejn ukoll jirreferi għat-test ta' Isaija, għax il-Lhud ma emmnux f'Ġesù). Il-Lhud, kemm fost il-kittieba u kemm fost il-Fariżej, irrifjutaw ir-rivelazzjoni ta' Alla mwassla permezz ta' Ġesù, anzi attribwewlu l-qawwa tal-ispirtu l-ħażin. Dan allura jfisser li b'dan l-atteġġjament negattiv ta' rifjut totali ma hemm ebda tama għall-bniedem li qatt xi darba jista' jqiegħed xi kredibbiltà fil-persuna u l-opra ta' Ġesù.

**Is-setgħa tal-maħfra lill-Knisja**

Rajna li Ġesù kellu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet, u filfatt din is-setgħa kienet ta' spiss eżerċitata mal-midinbin. Ġesù fehem ukoll li din is-setgħa tal-maħfra tkompli anki fil-Knisja, li hu ried iwaqqaf fuq l-Appostli. Meta Ġesù sejjaħ għal warajh dixxipli, minn fosthom għażel tnax-il Appostlu biex lilhom jagħtihom missjoni speċifika, biex dak li beda hu jitkompla bil-ħidma tagħhom.

Ġesù jaf ukoll li l-bnedmin, minkejja li jwieġbu għas-sejħa tiegħu biex jerġgħu jitwieldu għall-ħajja mill-ġdid fl-Ispirtu u jkunu mwettqa bil-grazzja tal-fidwa tiegħu, minħabba l-ġibda persistenti għall-ħażen min-naħa tax-Xitan, tal-ġisem u tad-dinja, juru dgħufija li terġa' twassalhom lejn id-dnub. Għalhekk Ġesù ried li s-setgħa tal-maħfra tkompli tkun eżerċitata fil-Knisja. Naraw xi testi rilevanti biex nifhmu l-importanza ta' din il-medjazzjoni ekkleżjali għal din il-komunikazzjoni tal-maħfra divina.

Fir-raba' parti narrattiva (Mt 14-17) li għandu Mattew fil-vanġelu, wara l-istqarrija tal-fidi ta' Pietru fil-Messija, Ġesù jsejjaħlu l-"blata" u jafferma l-missjoni tiegħu tal-primat. Ġesù jkompli jgħidlu: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-Smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-Smewwiet" (Mt 16:19). Imbagħad fir-raba' diskors tal-komunità (Mt 18), li jsegwi din il-parti narrattiva, Ġesù jtenni l-istess kliem lid-dixxipli l-oħra li huma responsabbli fil-komunità (Mt 18:18). L-għoti tal-imfietaħ huwa att simboliku antik u modern biex juri li qed tingħata l-awtorità (ara Is 22:22; Apok 1:18; 3:7). Waqt li l-kittieba u l-Fariżej jagħlqu l-bieb tas-Saltna (Mt 23:13), Pietru jmexxi u jħares il-poplu ta' Alla miġbur minn Kristu rebbieħ skond ix-xewqat u r-rieda tal-Imgħallem. Imma hu għandu wkoll personalment il-libertà ta' dixxerniment responsabbli. Kemm hi wiesgħa din l-awtorità tiegħu hu mfisser b'espressjoni Semitika ta' "tħoll u torbot", li kellha użu tekniku fost ir-Rabbini, u din l-awtorità tapplika wkoll għall-Knisja, għal dawk li huma responsabbli bħala ragħajja fil-komunità. F'sens wiesa' l-espressjoni tirreferi fil-kamp legali għal deċiżjonijiet li jorbtu, imma tindika wkoll kemm li ddaħħal jew teskludi mill-komunità huwa s-sens primarju f'Mt 18:18. Pietru u r-ragħajja l-oħra fil-komunità għandhom ir-responsabbiltà li jiftħu l-bieb tas-Saltna lil dawk li jfittxuh verament u jagħlquh lil dawk li jheddu l-għaqda fil-komunità. Dawn mhumiex sempliċi għemejjel tal-bnedmin, imma huma anki għemejjel divini (Mt 16:19: "fis-Smewwiet"; 18:18: "fis-Sema"). Nistgħu ngħidu li fil-kwadru l-aktar wiesa' tas-setgħa mogħtija lil Pietru (Mt 16:19) u lid-dixxipli l-oħra li għandhom l-awtorità fil-komunità (Mt 18:18), tidħol anki l-missjoni li jaħfru d-dnubiet.

Din il-missjoni tal-maħfra tad-dnubiet hija mogħtija lill-Appostli fil-kuntest tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu, il-Paraklitu mwiegħed (Ġw 14:16s; 16:7-13), f'ġest simboliku minn Kristu Rxoxt xħin nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom (***"aphete"***: tibgħat, tħalli jmur, taħfer dejn, taħfer ħtija ta' dnub; fiż-żewġ Testmenti jippredomina s-sens reliġjuż tal-maħfra divina: ***"tas hamartias"***) ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom (***"kratein"***: tieħu f'idejk, tarresta, iżżomm, iżżomm sħiħ; hawn, iżżomm id-dnubiet f'oppost għal taħfer, tiċħad il-maħfra) ikunu miżmuma" (Ġw 20:22-23). Filwaqt li l-Appostli jirċievu l-Ispirtu s-Santu, is-setgħa li Ġesù kien jeżerċita personalment hija kkomunikata lilhom, u din tkompli fil-ħajja tal-Knisja hija u twettaq l-opra salvifika tiegħu. Hawn naraw li l-Appostli kienu mogħtija s-setgħa li jaħfru kif għamel Ġesù (ara Mk 2:5 u paral.), liema setgħa, imma, ma tidhirx fil-vanġelu ta' Ġwanni. Mela fiċ-ċentru tal-ġrajja tal-Għid jitwieled il-ministeru tal-maħfra tad-dnubiet (ara Lq 24:47). Dan it-test ta' Ġwanni hu meħud fit-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika bħala bażi Biblika għas-sagrament tal-Maħfra jew tar-Rikonċiljazzjoni (ara l-Konċilju ta' Trento).

**Iċ-ċentralità tal-persuna ta' Ġesù**

Meta Ġesù jinterpreta t-Testment il-Qadim hu jqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru tiegħu. Dan ħasad b'qawwa kbira lill-mexxejja tat-tradizzjoni mibnija fuq il-Liġi, it-Tempju u l-kult. Kienu jħarsu lejn Ġesù mhux b'sempliċi polemika, imma raw fih atteġġjament immanifestat b'manjiera offensiva. Nistgħu nsemmu diversi elementi.

L-ewwel nett Ġesù beda billi ppreżenta lilu nnifsu bħala profeta taż-żminijiet ġodda (ara Lq 4:24), jgħallem l-indiema u l-Bxara t-Tajba (Mk 1:15; Mt 4:17). Aktar minn hekk, il-profezija li kienet imħabbra fuq il-Messija fit-Testment il-Qadim, Ġesù juri li ssib it-twettiq tagħha fil-persuna u l-opra tiegħu (Is 61:1-2), billi hu stess jafferma l-attwalizzazzjoni tagħha fil-preżent (Lq 4:21). In-nies ta' Nazareth spiċċaw biex inkorlaw għalih minħabba l-affermazzjonijiet tiegħu.

Rigward il-kult, li kellu bħala ċentru t-Tempju, Ġesù għamel interpretazzjoni radikali ta' dan tal-aħħar. It-Tempju bħala simbolu tal-preżenza ta' Alla kellu l-akbar qima u rispett tal-Lhud. Imma Ġesù, f'kontroversja fuq il-ħarsien tas-Sibt, jazzarda jagħmel lilu nnifsu "aqwa mit-Tempju" (Mt 12:6). Meta Ġesù keċċa lill-bejjiegħa mit-Tempju hu qisu għamel minnu bħallikieku propjetà tiegħu, kif jidher mill-kliem profetiku li jikkwota: "Hemm miktub li 'Dari dar it-talb tissejjaħ'. Intom, imma, għamiltuha għar tal-ħallelin" (Mt 21:13; ara Is 56:7; Ġer 7:11). Quddiem is-Sinedriju, fil-Passjoni, Ġesù kien akkużat hekk: "Aħna smajnieh jgħid: 'Jiena nħott dan it-Tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn'" (Mk 14:58; Ġw 2:19). Dan il-kliem ir-raba' vanġelu jinterpretah li qed jitkellem "fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (Ġw 2:21), b'riferenza għall-mewt u l-Qawmien tiegħu.

Fit-teoloġija tat-Testment il-Qadim kien ċar li Alla biss seta' jaħfer id-dnubiet, u dan fil-kwadru tal-Patt li jiġbor fih il-Liġi u l-kult. It-Testment il-Ġdid min-naħa l-oħra ma jagħmilx sigriet, anzi diversi kitbiet fi qbil sħiħ jaffermaw bħala verità ċentrali li Alla wettaq il-maħfra permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù (Atti 13:38; Efes 1:7; Kol 1:14; 1 Ġw 2:12). Kif diġà rajna, Ġesù stess jagħti l-maħfra, bħal fil-każ tar-raġel magħtub (Mk 2:5; Mt 9:2; Lq 5:20), li wassal għar-reazzjoni minn dawk preżenti b'akkuża ta' dagħwa fil-konfront tiegħu. Imma meta Ġesù jgħid li l-maħfra tad-dnubiet tinkiseb ukoll permezz tal-mewt tiegħu, imfissra f'termini sagrifikali, hu qiegħed jagħmel

interpretazzjoni radikali tat-Testment il-Qadim rigward il-kult tas-sagrifiċċju. Fl-Aħħar Ċena Ġesù qal: "Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra, għall-maħfra tad-dnubiet" (Mt 26:28; Mark u Luqa m'għandhomx l-espressjoni "għall-maħfra tad-dnubiet", iżda Luqa jitkellem fuq il-Patt "il-ġdid" (ara Lq 22:20)). It-termini "patt" u "demm" huma parti mil-lingwaġġ tas-sagrifiċċju. Jekk qabel il-Patt kien issiġillat bid-demm tal-annimali, issa dan il-Patt huwa ssiġillat bid-demm ta' Ġesù nnifsu. Il-mewt ta' Ġesù ma tistax tiġi attribwita lil xi kawża aċċidentali, bħall-inkompetenza ta' Pilatu jew l-għira tal-Lhud, imma hija meqjusa bħala azzjoni divina li permezz tagħha twaqqaf Patt ġdid, issiġillat minn Ġesù nnifsu, l-Iben ta' Alla, bl-offerta sagrifikali ta' ħajtu. Din il-mewt redentiva, li biha nkisbet il-maħfra tad-dnubiet, hi f'kuntrast mas-sagrifiċċji tat-Testment il-Qadim, anzi tagħmel is-sagrifiċċji tal-Liġi bla siwi, għaliex is-sagrifiċċji tal-annimali ma jistgħux ineħħu d-dnubiet (ara Lhud 9:12; 10:11,18).

Biex inkomplu ma' din it-tema tal-maħfra tad-dnubiet f'rabta mas-sagrifiċċju, insemmu dak li nsibu fil-bidu tal-vanġelu ta' Ġwanni. Mal-ewwel dehra pubblika ta' Ġesù, Ġwanni l-Battista jippreżentah hekk: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29,36). Minħabba li d-dinja, jiġifieri l-umanità kollha, kienet maħkuma mid-dnub, Alla bagħat lil Ibnu biex jeħles lid-dinja mid-dnub u permezz tiegħu ssalva (Ġw 3:16-17). Dan is-simboliżmu tal-Ħaruf b'riferenza għal Ġesù kien tema rikorrenti fil-Knisja tal-bidu, kif juru l-kitbiet tat-Testment il-Ġdid (barra Ġw 1 insibu wkoll Atti 8:32; 1 Piet 1:18-19; 1 Kor 5:7; Apok 5:6s). Din it-tema żgur li għandha bħala sfond ġrajjiet u orakli profetiċi fit-Testment il-Qadim li jħabbru ġrajja ta' Kristu Feddej. L-ewwel għandha l-ġrajja tal-Eżodu, li fiha l-ħaruf tal-Għid ġie ssagrifikat biex ifakkar il-ħelsien tal-Lhud mill-jasar tal-Eġittu (Eż 12). Imbagħad hemm ir-raba' oraklu tal-Qaddej ta' Jaħweh (Is 52:13-53:12), ippreżentat bħala l-ħaruf: "…miġruħ minħabba fi dnubietna… bħal ħaruf meħud għall-qatla… neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin" (Is 53:7). Dan il-Qaddej huwa figura ta' Ġesù li jiġi ssagrifikat bħall-ħaruf tal-Għid mingħajr ma jkissrulu ebda għadma (Ġw 19:36; ara Eż 12:46; Num 9:12; Salm 34:21), biex permezz tat-tbatija u l-mewt tiegħu jsalva lill-bnedmin, billi jeħlishom minn dnubiethom, kif esprima hu stess fil-kelmiet tal-Aħħar Ċena (Mt 26:28).

**Il-maħfra fl-Atti tal-Appostli**

Fil-bidu tal-Knisja l-Appostli kienu jipprietkaw li s-salvazzjoni hi possibbli biss fl-isem ta' Ġesù: "F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4:12). Huma għamlu użu mill-kelma "isem" għal Ġesù l-Messija (2:38; 4:16; 5:28,40; 10:43; 22:16; ara wkoll Ġw 3:18; 1 Ġw 2:12), li fit-Testment il-Qadim kienet turi l-qdusija u t-traxxendenza ta' Alla (ara 2 Kron 6: fid-diskors u t-talba ta' Salamun, meta ddedika t-Tempju, qal li "fih ikun hemm ismi"). L-Appostli fil-predikazzjoni primittiva tagħhom kienu spiss jitkellmu fuq il-maħfra tad-dnubiet u li "permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet" (Atti 13:38; 2:38; 5:31; 10:43; 26:18). Il-fidi f'dan Ġesù hi meħtieġa għall-maħfra tad-dnubiet: "Kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu" (Atti 10:43; 26:18). Iżda bħalma Ġesù, meta beda jxandar il-Bxara t-Tajba, kien jistieden lin-nies biex jindmu, anki l-Appostli jinsistu b'mod espliċitu fuq l-indiema: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:38; 5:31; 8:22). Mela l-indiema u l-fidi huma kundizzjonijiet meħtieġa u li jibqgħu biex wieħed jikseb il-maħfra tad-dnubiet. Dawn huma relatati mal-Patt il-ġdid li waqqaf Ġesù l-Messija.

**Il-maħfra fl-ittri tat-Testment il-Ġdid u fl-Apokalissi**

Din il-missjoni redentriċi ta' Ġesù rigward il-maħfra tad-dnubiet insibuha wkoll fil-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid: fl-ittri Pawlini, fl-ittra lil-Lhud, fl-ittri ta' Pietru, ta' Ġwanni u ta' Ġakbu, u fl-Apokalissi. Jekk Ġesù kien juża l-lingwaġġ tal-maħfra, anki jekk ma kienx biżżejjed għalih, il-Knisja ta' żmien l-Appostli kellha ddur lejn espressjonijiet u metafori oħra biex tesprimi b'mod adegwat il-kontenut tal-missjoni redentriċi ta' Ġesù fil-kuntest tal-Patt il-ġdid. Filfatt il-maħfra ta' Alla hija mfissra b'diversi espressjonijiet, l-aktar importanti "salvazzjoni", "ġustifikazzjoni", "fidwa" (redenzjoni) u "rikonċiljazzjoni" (ħbiberija mill-ġdid). Kull kittieb għandu l-viżjoni partikulari tiegħu. Imiss li nagħtu ħarsa fil-qosor lejn dawn il-kitbiet.

**Pawlu** jitkellem fuq il-maħfra, għalkemm il-kelma mhijiex frekwenti. Hu juri li Alla jagħti l-maħfra li hija realizzata permezz ta' Ġesù: "Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond l-għana tal-grazzja tiegħu" (Efes 1:7; Kol 1:14). Ninnotaw l-użu tal-lingwaġġ sagrifikali għall-maħfra tad-dnubiet. L-offerta ta' Ġesù issa hi s-sagrifiċċju li jneħħi d-dnubiet u mhux iżjed is-sagrifiċċju li kien isir fil-kult l-antik. Dan il-lingwaġġ insibuh ukoll meta Pawlu jitkellem fuq il-maħfra li Alla jagħti permezz ta' Ġesù, iżda b'termini differenti minnha. Hekk fl-ittra lir-Rumani għandna test importanti f'dan is-sens: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati (***"dikaiomai"***) bil-grazzja tiegħu, li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa (***"apolutrosis"***) li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet (***"hilasterion"***, espjazzjoni, propizjazzjoni; f'Saydon "vittma ta' maħfra"), għal dawk li jemmnu bih. U dan bis-saħħa ta' demmu" (Rum 3:23-25). Il-bnedmin kollha jistgħu jiksbu l-maħfra tad-dnubiet permezz tal-fidi f'Ġesù, li wettaq verament il-fidwa bit-tixrid ta' demmu, u li timmanifesta l-opra salvifika ta' Alla (ara Rum 3:26). Is-sagrifiċċji tal-imgħoddi kienu biss prefigurazzjoni tas-sagrifiċċju li kellu jitwettaq fiż-żmien, jiġifieri dak ta' Ġesù. Il-ħsieb Pawlin fuq il-maħfra tad-dnubiet permezz tas-sagrifiċċju ta' Ġesù jkompli jurih meta jgħid li hu "kien mogħti għall-mewt għal dnubietna" (Rum 4:25). Pawlu jitkellem ukoll fuq ir-rikonċiljazzjoni (il-ħbiberija mill-ġdid) li hi miksuba wkoll permezz ta' Ġesù (Rum 5:11): "Alla kien li ħabbeb (***"katallasso"***) il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5:19). Ħbiberija mill-ġdid ma' Alla tfisser li d-dnub m'għadux hemm jifred lill-bniedem minn Alla; allura hemm il-maħfra u l-bniedem jista' jerġa' jagħmel l-esperjenza tal-preżenza ta' Alla f'ħajtu. Għal Pawlu l-imħabba ta' Alla għall-midinbin dehret meta tana lil Ibnu, li miet għalina (Rum 5:8). Terminu ieħor tabilħaqq Pawlin, li juri l-istess konvinzjoni, hu l-verb "tiġġustifika" (***"dikaioo"***): "Issa li aħna ġġustifikati b'demmu" (Rum 5:9). Kelma oħra li Pawlu biss jużaha fit-Testment il-Ġdid, darba, u li ma nsibuhiex fis-*Settanta*, hi meta jgħid: "…waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh (***"paresis"***) għad-dnubiet li saru fiż-żmien…" (Rum 3:25). Tista' tfisser maħfra (allura sinonima għal *"aphesis"*, kif iżommu Bultmann u oħrajn), iżda ħafna oħrajn jeħduha fis-sens ta' "tħalli jgħaddu" id-dnubiet ta' qabel.

Għalkemm Pawlu ma tantx juża l-kelma "maħfra", iżda kif rajna hu juża espressjonijiet u metafori oħra. Ma' dawk li semmejna nistgħu nżidu oħrajn. Pawlu jitkellem ħafna fuq li "tkun fi Kristu", b'mod partikulari permezz tal-Magħmudija li tagħmel lill-Kristjan ħaġa ma' Kristu fil-mewt u l-Qawmien tiegħu (Rum 6:3-11). Meta l-bniedem jaqla' l-maħfra tad-dnubiet, Pawlu jiddeskrivih bħala "bniedem ġdid" (Kol 3:9), "ħolqien ġdid" (Gal 6:15), kif ukoll membru tal-Ġisem ta' Kristu (Efes 4:12; 1 Kor 6:15). B'dawn l-

espressjonijiet hu qed juri x'jiġri mill-bniedem li jkun meħlus mid-dnub permezz tal-maħfra.

**Fl-ittra lil-Lhud**, l-awtur mill-bidu jgħid li Alla "f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu" (1:2). L-awtur ikompli jgħid li l-missjoni deċiżiva tal-Iben fid-dinja kienet "li naddafna minn dnubietna" (1:3), u jiddeskrivi l-mod f'termini kultwali tas-sagrifiċċju. Għalhekk Kristu bħala l-Qassis il-Kbir "offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra" (9:28), u dan b'sagrifiċċju għad-dnubiet (9:26; 10:12), bit-tixrid ta' demmu (9:12,22), għall-maħfra tad-dnubiet (9:22). B'offerta waħda għamel perfetti lil dawk li huwa jqaddes (10:14). Issa la hemm il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-mewt ta' Kristu, m'hemmx ħtieġa ta' aktar sagrifiċċji għad-dnubiet (10:18).

Fl-ewwel ittra ta' **Pietru** għandna l-istess tema, meta jgħid li l-bnedmin kienu mifdija "bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1:18-19; ara wkoll 1:2: "imraxxin b'demmu": b'dan il-kliem, filwaqt li jirreferi għar-riti tat-Testment il-Qadim imfissra f'Eż 24:3-8 u Lev 16:14-15, irid ifisser il-frott tal-mewt ta' Ġesù). Hawn nerġgħu ninnotaw li bl-użu tal-lingwaġġ meħud mill-kult tas-sagrifiċċju tiġi espressa l-fidwa tal-bnedmin, jiġifieri li huma meħlusa minn ħtijiethom.

Fl-ewwel ittra ta' **Ġwanni** nsibu wkoll it-tema tal-maħfra. Din il-maħfra tad-dnubiet isseħħ permezz ta' Kristu, "bis-saħħa ta' ismu" (2:12). Din il-maħfra setgħet tkun possibbli għal din ir-raġuni mfissra f'termini tas-sagrifiċċju: "Id-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub" (1:7). Ġwanni jkompli jgħid b'mod espliċitu li l-istqarrija tad-dnubiet hija t-targa lejn il-maħfra: "Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (1:9; ara Atti 19:18). Ma jgħidx kif, imma huma dnubiet personali u konkreti; iżda Alla, li hu "fidil u ġust" (Eż 34:6s; Dewt 32:4), li jżomm it-tjieba tiegħu skond il-Patt, jaħfer id-dnubiet.

It-tema tal-maħfra tad-dnubiet insibuha wkoll fl-ittra ta' **Ġakbu**. Il-kuntest jirreferi għall-każ ta' xi ħadd marid fil-komunità, sabiex fil-Knisja "jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej". Ikompli jgħid: "It-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (5:14-15). Dan huwa t-test li fuqu hu bbażat is-Sagrament tal-Morda. Hawn nerġgħu naraw it-tema ta' "l-isem"; juri li d-dilka ssir bil-qawwa tal-isem imsejjaħ, ta' Kristu glorjuż. It-talba trid tkun bil-fidi, kundizzjoni li kienet mitluba wkoll minn Ġesù (ara Mk 5:34; 16:17-18). Permezz tat-talb tal-Knisja u d-dilka, il-marid mhux biss isalva, jiġifieri mill-marda u l-mewt, imma, jekk ikun hemm id-dnubiet, jaqla' wkoll il-maħfra tad-dnubiet, kemm tal-ħtijiet ta' kuljum u kemm ta' dawk gravi. Għandna l-fejqan tal-bniedem sħiħ, fil-ġisem u fl-ispirtu. Ġakbu jsemmi wkoll l-istqarrija tad-dnubiet (5:16; ara wkoll Atti 19:18; 1 Ġw 1:9) bħala l-pass lejn il-maħfra.

Fl-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid, l-**Apokalissi**, Ġesù hu ppreżentat simbolikament bit-titlu favorit tal-Ħaruf, bħala "il-Ħaruf wieqaf, bħal maqtul" (5:6). Diġà fil-bidu Ġesù hu kkaratterizzat u akklamat bħala "dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu, Missieru" (1:5-6). Dawn il-kelmiet jiġu mtennija fl-għanja smewwija l-ġdida, f'ċelebrazzjoni solenni u universali ddedikata lill-Ħaruf: "Għax int kont maqtul, u b'demmek ksibt għal Alla bnedmin minn kull tribù u lsien, minn kull poplu u ġens, u għamilthom għal Alla tagħna saltna u qassisin, li għad isaltnu fuq l-art" (5:9-10). F'termini sagrifikali Ġwanni jrid jagħmel il-punt li s-setgħa u l-glorja tal-Ħaruf huma dovuti lir-rebħa tal-Ħaruf fuq is-salib (5:12-

13). Din il-festa kbira kienet frott tas-sagrifiċċju ta' Ġesù, il-Ħaruf. Bis-sagrifiċċju tiegħu hu feda u salva lill-umanità mitlufa u rrikonċiljaha ma' Alla. Konsegwentement il-bnedmin għaddew mill-mewt għall-ħajja, għall-għaqda ma' Ġesù u ma' Alla (ara 7:10). Fil-ħsieb ta' Ġwanni l-mistednin u l-Għarusa tal-Ħaruf huma l-istess ħaġa (19:7-9). It-tjubija ta' Alla u l-imħabba tal-Ħaruf għall-bnedmin jimmanifestaw il-qofol l-aktar sublimi tagħhom meta Ġerusalemm il-ġdida, imħejjija bħal għarusa għall-għarus tagħha, tkun tissejjaħ "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin" (21:3).

## Għeluq

Nistgħu ngħidu li fit-Testment il-Ġdid għandna l-istess idea tal-maħfra bħal fil-Qadim: li tgħatti jew tneħħi d-dnub, il-ħtija jew il-ħażen, tneħħi jew twarrab dawk l-ostakli li jifirdu lill-bniedem minn Alla, u allura twitti t-triq għar-rikonċiljazzjoni u komunjoni miegħu. Fit-Testment il-Ġdid il-maħfra (indikata bil-kelmiet ***"aphesis"***, ***"aphiemi"*** u ***"paresis"***) hija kważi dejjem dik ta' Alla, u fis-Sinottiċi l-bniedem hu riferit l-aktar għal din il-maħfra u tingħatalu meta jitlobha, jekk ikun lest li jaħfer lill-oħrajn. Iżda jekk fiż-żminijiet post-Eżiliċi u Rabbiniċi l-maħfra kienet maħsuba aktar f'termini legali u etiċi, Ġesù wessa' aktar il-perspettiva tagħha fuq il-linja profetika fit-tagħlim tiegħu fuq id-dnub u l-indiema. F'dan iż-żmien tas-Saltna Messjanika l-maħfra tidher aktar bħala twettiq tal-wegħda Messjanika, u għalhekk l-insistenza ta' Ġesù fuq ir-rabta bejn l-indiema u l-fidi f'Ġesu l-Messija. Ġesù stess wettaq il-maħfra, u l-komunità ekkleżjali wkoll irċeviet is-setgħa li tagħti l-maħfra permezz tiegħu. Dak li hu issa speċifikament Kristjan fil-maħfra hu li Alla jagħti l-maħfra permezz tal-azzjoni redentriċi ta' Ġesù, kif rajna fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid. Il-Knisja, bħala komunità eskatoloġika qaddisa, imwaqqfa bl-azzjoni salvifika ta' Ġesù, tkompli twettaq din il-maħfra bħala barka eskatoloġika. Hu veru li l-Ewkaristija mwaqqfa fl-Aħħar Ċena hija t-tifkira tas-sagrifiċċju ta' Ġesù, li wettaq fuq is-salib bit-tixrid ta' demmu, li bih issiġilla l-Patt il-ġdid, u permezz ta' din il-fidwa bi prezz għoli kiseb il-maħfra tad-dnubiet għall-bnedmin kollha (Mt 26:28); u hekk ġie ffurmat il-poplu tal-Patt il-ġdid li hi l-Knisja, imnaddfa u mqaddsa b'demmu, u li tkompli ssib it-tisħiħ tagħha bħala komunità (***"koinonia"***) f'din l-istess għajn ta' għaqda li hi l-Ewkaristija, bis-sehem tagħha minn din il-ħobża waħda u minn ġisem wieħed (ara 1 Kor 10:17). Minkejja dan, il-Knisja xorta trid tibqa' tissaffa u tiġġedded, għax fiha hemm il-midinbin. Bis-setgħa mogħtija lilha minn Ġesù nnifsu, il-Knisja tamministra tliet sagramenti li huma espliċitament għas-servizz tal-maħfra tad-dnubiet, kif rajna qabel. Dawn huma l-Magħmudija (Atti 2:38; 22:16; Rum 6:3-11; Kol 2:12-14), is-sagrament tal-Maħfra jew tar-Rikonċiljazzjoni (Ġw 20:23), u d-Dilka tal-Morda fdata f'idejn il-presbiteri (Ġak 5:14-16).

Il-ħsieb tal-maħfra hu fundamentali fit-Testment il-Ġdid, għalkemm it-termini tal-maħfra mhumiex tant mifruxa. Minkejja li f'Pawlu u fi Ġwanni b'mod partikulari, u anki f'kitbiet oħra, il-kelma "maħfra" mhijiex frekwenti, huma għandhom kontenut wiesa', espress b'ħafna termini oħra li juru l-opra redentriċi ta' Ġesù, kull awtur bl-enfasi tiegħu, skond kif iħares lejn ir-realtà tad-dnub. Id-dnub għandu diversi effetti fil-ħajja tal-bnedmin, u għalhekk il-maħfra tad-dnubiet għandha wkoll diversi aspetti. Meta d-dnub hu meqjus bħala realtà li tjassar lill-bniedem taħt il-qawwa tax-Xitan, dan sab id-dgħufija tiegħu quddiem il-qawwa ta' Ġesù li jeħles lill-imjassrin, u li jfejjaq u jqajjem il-mejtin. Ġesù jkisser il-ħakma tax-Xitan biex jagħti lill-bnedmin il-maħfra; hekk għandna l-fejqan tal-bniedem sħiħ mogħti lil min jilqa' s-Saltna tiegħu (ara s-Sinottiċi, l-ittri ta' Pawlu u l-vanġelu ta' Ġwanni). Id-dnub jista' jiġi meqjus bħala ħtija. Allura hawn il-maħfra hija kkunsidrata mill-aspett ta' tpattija jew ta' espjazzjoni; hekk fl-ittri

Pawlini u ta' Ġwanni, fl-ittra lil-Lhud u fl-ewwel ittra ta' Pietru. Il-lingwaġġ tas-sagrifiċċju hu preżenti b'espressjonijiet bħal "demm", "espjazzjoni" u "Ħaruf ta' Alla", jew, meta jirreferi għall-mewt ta' Ġesù, bħal "għalina" u "għall-midinbin". Fl-aħħar nett, id-dnub jista' jiġi kkunsidrat ribelljoni lejn Alla, allura l-maħfra tidher taħt l-aspett ta' rikonċiljazzjoni, fejn tiġġedded il-ħbiberija ma' Alla.

Bil-fidi f'Ġesù li fdiena u bil-ministeru tal-Knisja li twassal il-maħfra, il-Kristjan li għandu ndiema sinċiera ta' dnubietu u rieda sħiħa li joħroġ mis-sitwazzjoni tiegħu bħala midneb, jista' jerġa' jsib l-għaqda tiegħu ma' Alla li jħobbu, li jaħfirlu u li jerġa' jilqgħu fi ħdanu bħala iben adottiv tiegħu mimli bis-sliem fl-Ispirtu.

# 3. IL-QARI TAL-QUDDIES TAL-ĦDUD TAR-RANDA – SENA Ċ

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| 1 | Stqarrija tal-fidi tal-poplu ta' Alla<br><br>Dew 26,4-10 | Stqarrija tal-fidi fi Kristu<br><br>Rum 10,8-13 | It-tiġrib fid-deżert<br><br>Lq 4,1-13 |
| 2 | Il-Patt ma' Abraham<br><br>Ġen 15,5-12.17-18 | Kristu għad ibiddilna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu<br><br>Fil 3,17-4,1 | It-Trasfigurazzjoni<br><br>Lq 9,28b-36 |
| 3 | Is-sejħa u l-missjoni ta' Mosè<br><br>Eż 3,1-8a.13-15 | Kristu l-blata spiritwali<br><br>1 Kor 10,1-6.10-12 | Sejħa urġenti għall-indiema<br><br>Lq 13,1-9 |
| 4 | Ċelebrazzjoni ta' l-Għid fl-Art Imwiegħda<br><br>Ġoż 5,9a.10-12 | Alla ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu<br><br>2 Kor 5,17-21 | Il-Missier u ż-żewġ ulied<br><br>Lq 15,1-3.11-32 |
| 5 | Nagħmel triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert<br><br>Is 43,16-21 | Minħabba Kristu lqajt li nitlef kollox<br><br>Fil 3,8-14 | L-Adultera: Mur, u la tidnibx iżjed<br><br>Ġw 8,1-11 |

# 4. LECTIO DIVINA TAL-VANĠELI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN

## 1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan – Sena Ċ

### *"... u l-Ispirtu ħadu fid-deżert"*

**Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert. (v.1)**

*Mimli bl-Ispirtu*: dan kien l-ikel ta' Ġesù li ser jakkumpanjah għal matul l-erbgħin ġurnata.

**Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ. (v.2)**

Il-prova ta' Ġesù sseħħ f'mument ta' dgħufija umana, waqt li *ħadu l-ġuħ*. Id-dgħufija umana ssir art fertili wkoll għat-tentazzjoni li kellu matul il-passjoni (ara Lq 23). Faċli f'dan il-mument li r-rieda tiddgħajjef.

**U x-Xitan qallu: "Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż." Wieġbu Ġesù: "Hemm miktub li 'l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.'" (v.3-4)**

Il-viżjoni ta' Kristu hija ikbar mill-bżonn partikulari tal-bniedem, ikbar minn dak li huwa attakkat miegħu u li huwa materjali. Ġesù ried jeduka 'l-istess bniedem biex jifhem il-veri bżonnijiet tiegħu u ma jħallihx jingħalaq fi bżonn partikulari, fejn jissodisfa sempliċement biċċa żgħira, *għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi.* (1 Kor 7,31)

*Toqogħdux tfittxu x'se tieklu u x'se tixorbu, u xejn titħassbu; dawn kollha ħwejjeġ li jfittxuhom in-nies tad-dinja, u Missierkom jaf li teħtiġuhom. Fittxu mela s-Saltna tiegħu, u magħha mbagħad iżidilkom dawn ukoll.* (Lq 12,29-31) Ir-risposta ta' Ġesù hija biex il-bniedem ma jiqafx fuq l-istint imma fuq is-smigħ tal-Kelma u fuq il-verità li hemm f'qalbu.

Il-konfront bejn Kristu u Satana m'huwiex impoġġi f'atmosfera ta' ġlied, għax quddiem l-Iben, Satana huwa diġà mirbuħ.

**Mbagħad ix-Xitan ħadu fl-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'daqqa. Qallu x-Xitan: "Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tagħtini qima, kollha tiegħek tkun." (v.5-7)**

Ix-xitan bil-Grieg huwa *diàbolos*, li tfisser: dak li jixli, dak li jaqsam, li joħloq diviżjoni. Hu dak li joħloq diviżjoni bejna u bejn alla. Hija diviżjoni li twassal għad-dwejjaq, għall-falliment, għall-mewt: *sewwed qalbu ħafna, għax kien tassew għani.* (Lq 18,23) Fil-fatt, kollox qed idur fuq il-kelmiet *jekk inti Bin Alla.* Fit-tentazzjoni hemm dan l-element: niġi maqtugħ minn Alla biex insib risposta iżjed faċli għal dak li jiġini f'moħħi, li nħoss, li jissofisfani f'dak il-mument, dak li hu ta' vantaġġ personali, b'mod li ma nibqax nara lil

Alla u lill-oħrajn. Inħalli l-istint imexxini, jiena u nfitttex l-iżjed triq faċli. Fit-tentazzjoni l-bniedem ma jafdax f'Alla.

Ix-xitan qed jipprova jissepara lil Ġesù mill-Missier, iridu jinżel għarkubbtejn quddiemu, il-kuntrarju tal-identità tal-Iben: lil jkun jiddependi mill-Missier. Qed jilbes l-għatx għall-poter li jinsab fil-bniedem. Il-Saltna tkun tassew tal-Messija jekk issa huwa jintelaq f'idejn il-Missier: *Mela ħa jkun jaf fi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael lil lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija.* (At 2,36)

**Ġesù wieġbu u qallu: "Hemm miktub, 'Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu biss taqdi." (v.8)**

Ġesù qed jikkwota t-talba tax-*Shemà*, it-talba li l-poplu ta' Iżrael kien jirrepeti tliet darbiet kuljum L-Iben totalment sottomess għall-Missier, jgħix il-missjoni tiegħu bħala qaddej u ser jobdi sal-mewt: *inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu u issa qiegħed fuq in-n aħa tal-lemin tat-tron ta' Alla.* (Lh 12,2)

**Mbagħad ix-Xitan ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u qallu: "Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub li 'Lill-anġli tiegħu jordnalihom biex jieħdu ħsiebek sewwa,' u li 'fuq idejhom jerfgħuk, ħalla ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla.' Wieġeb Ġesù u qallu: "Jingħad, 'Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek.'" (v.9-12)**

L-aħħar tentazzjoni sseħħ Ġerusalemm, il-belt il-qqddisa u fl-iżjed post għoli tat-tempju. Ġerusalemm għal Luqa hi l-punt entrali tal-attività ta' Ġesù. F'kap 9,51 Ġesù jibda l-mixja tiegħu lejn din id-destinazzjoni: *B'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm.* Huwa minn Ġerusalemm li l-Knisja tibda l-missjoni tagħha.

L-aħħar tentazzjon ssir l-ikbar waħda. Ix-xitan qed jinqeda bl-istess arma li Ġesù kien iġġilidlu biha – il-Kelma: *għax hemm miktub*. Jinqeda bis-Salm 90, salm li juri l-fiduċja tal-bniedem ġust fil-protezzjoni divina. Hawnhekk *Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl.* (2 Kor 11,14)

Hija tentazzjoni li tadatta l-fidi għall-gosti tiegħek u għall-preferenzi personali tiegħek, li tkun int li tistabilixxi r-rwol li jrid 'jilgħab' il-Mulej fil-ħajja tiegħek u tal-oħrajn. Donnu wieħed jista' jilgħab kif irid b'dawk il-ħwejjeġ sagri li jinsab imdawwar bihom. Hija tip ta' manipulazzjoni – li tniżżel lil Alla għall-bżonnjiet umani u tobbligah jintervieni: *Xi wħud mill-kittieba u l-Fariżej qabdu u qalulu: 'Mgħallem, xtaqna kieku naraw sinjal mingħandek!' Iżda hu weġibhom: 'Sinjal iridu, nisel ħażin u infidil! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief dak tal-profeta Ġona.'* (Mt 12,38-39)

**Mbagħad ix-Xitan meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma wasal il-waqt. (v.13)**

*Il-waqt* kien il-waqt tal-passjoni. Ġesù jirbaħ il-ġlieda iżda m'hux il-gwerra. Il-ġlieda ser tkompli.

**Għat-talb u r-riflessjoni**

- It-tliet tentazzjonijiet ta' Ġesù għandhom l-bidu tagħhom mal-bniedem u għalhekk għadhom għeruqhom fina. *U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel* (it-tentazzjoni tal-ħobż) *u tiġbdek fil-għajn* (it-tentazzjoni li tħares lejn l-istorja tiegħek bl-għajnejn tal-laħam u m'hux b'dawk ta' Alla)*, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen* (li ssir bħal Alla – it-tentazzjoni tal-idolatrija)*; u ħadet mill-frott u kielet.* (Ġen 3,6)

- Inħossu iżjed il-bżonn tal-ikel, ta' x'se nilbsu, ta' dak li huwa materjali, f'dawk il-mumenti meta nkunu nħossuna vojta fil-qalb... "Bisogna soddisfare la fame dell'essere umana nella sua aspirazione infinita. di essa lo stomaco, per quanto abbia la sua importanza, non è che un simbolo." (E. Drewermann)

- Jekk id-dinjità ta' Bin Alla u d-dinjità tal-bniedem huma ikbar minn kull bżon egoistiku, liema huma dawk il-bżonnijiet li jagħagluni naħli ħafna mill-enerġija tiegħi fihom? Ippruvajt nimpenja ruħi bis-serjetà biex inkun jien is-sid tal-istinti tiegħi?

## 2. It-Tieni Ħadd tar-Randan – Sena Ċ

Ġesù jistieden lid-dixxipli jiskopru r-rabta indissolubbli li teżisti bejn il-passjoni u l-glorja, u fl-istess waqt jgħinhom biex joqogħdu attenti għat-tentazzjon tal-iskandklu tas-salib: *Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla... imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu (msallab) huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla.* (1 Kor 1,18.23-24)

Il-ġrajja hija antiċipazzjoni tal-Għid u ta' dak li għad irid jiġri lilna. Hija t-tħabbira tal-ħajja divina li Ġesù għandu ġewwa fih u li kull Nisrani jirċievi mingħandu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

**Daqs tmint ijiem wara dan id-diskors, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. (v.28-29)**

*wara dan id-diskors:* f'kuntest strett mat-tħabbira tal-passjoni u l-eżiġenżi tal-mixja wara Ġesù (ara Lq 9,21-26). Ġesù jieħu miegħu d-dixxipli fuq il-muntanja. Huma l-istess tlieta li ser jiġu msejħa jaqsmu esperjenza oħra miegħu, din id-darba fil-Ġetsemani.

*biex jitlob:* Luqa biss iżid dan id-dettall. Kollox ser jiġri f'kuntest 'il bogħod mill-ħajja ordinarja, fl-iżolament, fis-silenzju, fit-talb. *Niġbidha lejja, neħodha fid-deżert* (Os 2,16). It-trasfigurazzjoni sseħħ waqt it-talb.

**U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. (v.30-31)**

Il-liġi Lhudija kienet titlob ix-xhieda ta' tnejn (ara Dewt 19,15). Mosè u Elija huma meqjusa bħala simbolu tgal-A.T., jirrappreżentaw il-Liġi u l-Profeti, dak li kejju jseħħ fit-Testment il-Ġdid: *U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu? U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulol ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu... Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet.* (Lq 24,26-27.46)

Id-djalogu dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Ġesù kien jirrigwardja l-mewt li kellha sseħħ Ġerusalemm, meqjusa bħala eżodu minn din id-dinja.

**Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajjmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu. (v.32)**

Il-glorja għal Luqa hija l-kundizzjoni attwali ta' Kristu Rxoxt, li hu akkwista permezz tal-passjoni u t-tlugħ tiegħu fis-Sema, u li kienet antiċipata fit-trasfigurazzjoni.

*il-glorja tiegħu:* hija l-glorja divina ta' Ġesù, ħierġa minnu, u li kien ħeba minħabba l-umiltà: *hu li għad li kellu n-natura ta' Alla... xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natgura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem* (Fil 2,6-7). Mosè u Elija dehru "fil-glorja". Kienu mlibbsa b'dik il-glorja ta' Ġesù.

*mejtin bin-nagħas:* dan jiġri wkoll fit-Ġetsemani (ara Lq 22,40.45-46). Hija espressjoni ta' qalb iebsa li Kristu Rxoxt biss jista' jbiddel: *Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol filglorja tiegħu?* (Lq 24,25-26). Huma setgħu jaraw, kif raw ukoll fitl-Ġetsemani imma ma fehmux, tant li Pietru jitlob xi ħaġa kuntrarja għal dak li Mosè u Elija kienu qed jitkellmu.

**Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Ma kienx jaf x'inhu jgħid. (v.33)**

Pietru jidher ġeneruż, jaħseb l-oħrajn, imma fir-realtà qed jaħseb għalih innifsu u għall-grupp tiegħu.

Jaħseb li t-tmiem ta' kollox ser ikun hemm fuq il-muntanja u jkun jaqbel jġib is-sema fl-art. Hija l-pretensjoni tal-bniedem li jrid jirrendi etern il-ferħ tal-mument preżenti. Kollox kif jaqbel għalih.

**Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu." (v.34-35)**

Tiġi r-risposta min-naħa ta' Alla għal Pietru. Ma telgħux fuq il-muntanja biex jibqgħu hemm, separati mill-pjanura fejn hemm il-bniedem jikkumbatti l-battalja biex jgħix. Telgħu hemm biex jifhmu s-sens tal-ħajja, ħalli mbagħad jerġgħu jinżlu għat-triq iebsa ta' kuljum.

*ġiet sħaba u għattiethom:* is-sħaba turi l-preżenza inviżibbli ta' Alla. Tfisser li tidħol f'relazzjoni intima ma' Alla: *Mosè tela' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja... Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj... u Mosè daħal fis-sħaba* (Eż 24,15-18). Hija s-sħaba li tmexxi l-poplu fid-deżert. Kien minn ġos-sħaba li Alla kellem lil Mosè (Eż 24,16).

*Dan hu Ibni l-maħtur:* din id-darba l-istqarrija m'hix indirizzata lil Kristu (*int ibni l-għażiż* – Lq 3,22) bħla kien ġara fil-magħmudija, imma lid-dixxipli. Teżisti rabta bejn żewġ siltiet: *hu qalli: Ibni int, jien illum nissiltek* (Salm 2,7), u: *Araw il-qaddej tiegħi, li niena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet* – fil-kuntest tal-Qaddej ta' Jaħweh (Is 42,1): juru żewġ titli ta' Ġesù marbutin flimkien: il-glorja li tmiss lil Ġesù hemm bżonn tgħaddi għaliha permezz tas-sofferenza. Hawn il-Missier jikkonferma l-eżiġenzi ta' Ġesù lejn id-dixxipli biex iġorru s-salib u jimxu fuq il-passi tiegħu.

*lilu isimgħu:* Ġesù huwa l-profeta li kulħadd irid jisimgħu (Dewt 18,15). Li tisma' jitlob impenn, ifisser li tobdi (ob-audire) u allura ifisser li timxi warajh b'fiduċja sħiħa.

### Għat-talb u r-riflessjoni

- Nuża ftit l-immaġinazzjoni tiegħu u għal ftit tal-ħin fit-talb nipprova 'nara' dak li d-dixxipli raw fuq il-muntanja... Din l-istess glorja ser tkun xi darba tiegħi: *Il-bnedmin bil-għaqal ikolhom fuqhom dija bħal dik tas-sema, u dawk li jkunu wasslu 'l ħafna*

*fis-sewwa jkunu jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem* (Dan 12,3). Anzi minn issa nista' diġà nirriflettiha: *Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għalo glorja skot ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu* (2 Kor 3,18). Pawlu juża l-verb 'qegħdin ninbidlu' fil-preżent, biex juri li din hija trasformazzjoni kontinwa permezz tal-qawwa tal-Ispirtu. Dan kollu huwa d-destin tal-ulied adottivi.

- Nagħmel lista tal-mumenti tat-'Tabor' li l-Mulej kultant joffrili. Imbagħad nagħmel lista oħra tas-slaleb tiegħi. Nara issa kif dawn il-mumenti tat-'Tabor' jistgħu jagħtu dawl lill-'Golgota tiegħi' ta' kuljum.

- "Il volto di Gesù appare cambiato. Tu sai che il-volto rivela il cuore, rivela l'interiorità di un essere. Con gli occhi del tuo cuore contempla questo volto, ma attraverso il volto cerca il cuore di Cristo. Il volto di Gesù esprime e rivela la tenerezza infinita del suo cuore. Quando tu provi una grande gioia, il tuo volto si illumina e riflette la tua felicità. È un poco quello che è avvenuto per Gesù nella trasfigurazione... Con la sua incarnazione egli ha 'umanizzato' la vita divina per potertela comunicare senza annientarti, perché nessuno può vedere Dio senza morire. Nella trasfiturazione, questa vita emerge in piena luce irradiando il volto e le vesti di Gesù." (J. LAFRANCE, *Prega il Padre tuo nel segreto,* Milano 1982, 89.)

## 3. It-Tielet Ħadd tar-Randan – Sena Ċ

### *"Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott."*

Ġesù għadu kemm jgħid lid-dixxipli jagħmlu dixxerniment fuq is-sinjali taż-żminijiet: *Meta taraw sħaba tielgħa mill-punent, malajr tgħid li tkun ġejja x-xita; u hekk jiri... Uċuħ b'oħra, tafu taqraw wiċċ is-sema, u wiċċ l-art ukoll; mela ż-żmien ta' issa kif ma tafux tfissruh? U għala ma tiġġudikawx intom stess x'inhu s-sewwa?* (Lq 12,54-57) Xi wħud allura talbu interpretazzjoni awtorevoli fuq fatt li ġara.

**Dak il-ħin stess ġew xi wħud u qalulu b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom. U Ġesù qabad u qalilhom: "Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom. (v.1-3)**

Fil-post tat-tempju Pilatu qatel xi nies li kienu ser jofru s-sagrifiċċji. Hawn omiċidju u sagrileġġ (il-qtil fit-tempju u t-taħlit ta' demmhom mad-demm tal-vittmi). Jeżisti ġudizzju negattiv minn dawn l-'uħud': wieħed għal Pilatu u l-ieħor għal dawk in-nies – 'dawk il-Galilin'.

Il-mentalità Fariżajka (ara Lq 18,9-14) tikkonsisti f'li wieħed ikun iħossu kuntent u fis-sewwa meta huwa u jħares lejn l-oħrajn jarahom bħala nies agħar minnu. Ġesù jbiddel il-kelma 'xi wħud' għal 'ilkoll'.

*Jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom:* Ġesù jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq dawk preenti flok li jiġġudika lil dawk assenti. Ma jiqafx fuq il-fatt imma jitlaq minnu biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

*ilkoll:* Ġesù jrid li kulħadd iħossu midneb, fil-bżonn tal-indiema u ma jibqax jistaħba wara ħajja apparentement trankwilla u li m'hijiex impenjata spiritwaliment.

**Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwam u qatilhom, taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalemm! Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda." (v.4-5)**

Did-darba Ġesù nnifsu jsemmi fatt ieħor li ġara ħdejn l-istess tempju, fejn tmintax-il ruħ sfaw mejta. Fatt storiku ieħor li tista' tħares lejh bħala kastig divin jinbidel fi stedina biex wieħed jagħmel reviżjoni tiegħu nnifsu, flok il jieqaf fuq sensiela ta' ġudizzji.

*tindmux:* kelma tradotta mill-verb Grieg *metanoèō: metà* ('l hinn) *mûs* (moħħ), jiġifieri tmur 'l hinn mill-programm tiegħek biex tidħol f'dak ta' Alla.

**U qalilhom din il-parabbola: "Wieħed kellu siġra tat-tin imħawwla fl-għalqa. Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx. Għalhekk qal lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa, 'Ara, ili tliet snin niġi nfittex il-frott f'din is-siġra tat-tin, u qatt ma sibtilha. Mela aqlagħha, għax għalfejn se tibqa' tkidd l-art? (v.6-7)**

Huwa **dritt** tas-sid li jsib il-frott: *X'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħu u ma għamiltux? Stennejt tagħmel għeneb tajjeb, u kull ma għamlet kien għeneb qares... Għax l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej tal-eżerċti hija d-dar ta' Iżrael... Huwa stenna l-ġustizza, u araw sab it-tixrid tad-demm, stenna s-sewwa, u araw sama' l-għajat tal-maħqura* (ara Is 5,3-7). **Il-frott tal-konverżjoni**: *Mela uru frott li jixraq lill-indiema, u toqogħdux tgħidu lilkom infuskom: 'Għandna b'missierna lil Abraham'* (Lq 3,8), juri ruħu **f'fatti konkreti**: *Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed* (Lq 19,8); liż-żagħżugħ għani jgħidlu: *Ħaġa waħda tonqsok: 'bigħ li għandek, agħtih lill-foqra... mbagħad ejja u imxi warajja'* (Lq 18,22).

*għalfejn se tkidd l-art?*: Diġà s-siġra tat-tin hija mħawla f'art tajba, f'għalqa tad-dwieli, f'post privileġġjat. Madanakollu s-sid huwa lest jibqa' istenna biex jirrendi s-siġra f'kundizzjoni li tagħmel il-frott. Is-siġra **tiegħu** – *tkidd l-art* – biex tkun tista' **tagħti** – *tagħmel il-frott*: jekk waħda minn dawn tiġi nieqsa, ikun hemm jew l-egoiżmu jew is-suppervja.

**Iżda dak wieġbu, 'Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel. Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha'." (v.8-9)**

*Mela ħa nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel:* Dan huwa l-massimu li l-bidwi jista' jagħmel biex is-siġra ma tinqeridx: *Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom... Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.* (Lq 16,29-31)

*id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott:* Din hija x-xewqa ta' Ġesù u tal-Missier. Jgħid: *Hawn jien ġej* (Salm 40,8); *Jien m'hux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema.* (Lq 5,32)

*jekk le, aqlagħha:* Iktar milli hija theddida ta' ġudizzju, hija forma ta' sterilità, ta' dak li ma jbiddilx ħajtu u ma jingħaqadx mal-Mulej.

*Kull fergħa fiha li ma tagħmilx frott jaqtagħha* (Ġw 15,1). Ikun wieħed minn dawk li *ħabbew id-dlam aktar mid-dawl* (ara Ġw 3,17-19). Luqa ma jirrakkontax x'ġara wara, jekk is-siġra għamlitx frott jew le. M'hux għax il-pjanta qed tirċievi dak kollu neċessarju jfisser li ser tagħti l-frott! Ir-risposta tibqa' miftuħa. L-azzjoni tal-ħniena ta' Alla għadha sejra.

Il-mument preżenti jsir sejħa għall-konverżjoni, huwa żmien ta' salvazzjoni. Is-siġra ser tiġi mogħtija ċans ieħor. Jekk is-siġra tibqa' mingħajr il-frott tinqata' (ara Lq 3,9).

### Għat-talb u r-riflessjoni

- Il-bidwi jara s-soluzzjonijiet kollha possibbli: jaqta' s-siġra jew iħalliha... Ma jieqafx fuq is-soluzzjoni l-iżjed faċli, imma fuq dik l-iżjed effettiva, anke jekk hija l-iżjed impenjattiva: dik li tmur favur l-imħabba... Nipprova naħseb f'deċiżjoni li ħadt reċentement u nara kienx hemm fija l-istess attitudnijiet tal-bidwi.

- Waħda mit-tentazzjonijiet hija li noqgħod b'mod passiv nistenna li l-futur ser jibdilna għall-aħjar. Jista' jkun ukoll li tant mehdi fl-affarijiet materjali li m'hiniex nagħti każ dak li huwa daqshekk importanti... Naħseb li mbagħad ser jasal l-istaġun it-tajjeb meta nkun nista' niddedika ruħi għal Alla. *Min jaħseb li hu wieqaf, iqis li ma jaqax!* (1 Kor 10,12).

- Iktar ma tagħraf kemm il-Mulej qed jagħtik u jikkurak – id-demel fl-għalqa – iktar huwa jkun qed jitlob mingħandek. Ma tistax issa tibqa' fejn int. *Għax lil min tawh ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna mingħandu; u min ħallewlu ħafna f'idejh, iżjed jippretendu mingħandu* (Lq 12,48). Fiex jikkonsisti dan id-'demel' li l-Mulej qed jagħtini f'dan ir-Randan? Kemm qed nikkopera?

- Il-parabbola turi t-tama li Alla għandu f'kull bniedem. Kif qed inħares bit-tama lejn dawk li skont jien huma bla frott?

## 4. Ir-Raba’ Ħadd tar-Randan – Sena Ċ

### *L-iben iż-Żgħir*

**Iż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed... (v.12-13)**

Ma riedx jinqa’ jqis ruħu bħala iben, li jiddependi. Jirrifjuta l-paternità. Ħalla l-post fejn kien iħossu maħbub. Ried il-libertà, mifhuma bħala awtonomija u indipendenza, u l-pussess (ġid). Il-‘pajjiż imbiegħed’ ifisser li issa sab ruħu mingħajr qraba u mingħajr il-ħbieb ta’ qabel; *U nħbejt* (Ġen 3,9) – ’il bogħod mill-wiċċ ta’ Alla nnifsu.

**u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra... Meta ħela kull ma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn... bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih. (v.13-16)**

Meta ma baqax iħossu maħbub mill-Missier (*intebħu li kienu għera* – Ġen 3,7) ried ifittex forma oħra ta’ dipendenza: il-bniedem għax huwa limitat huwa dejjem dipendenti. Minn dipendenza fuq il-ġid u l-prostituzzjoni (ara v.30) għal livell iżjed baxx ta’ dipendenza: minn fuq padrun tal-ħnieżer għal fuq dak li kienu jieklu l-ħnieżer (annimali mniġġsa – ara Lev 11,7). F’dal-każ, l-istess ħnieżer kienu jieklu aħjar minnu. Spiċċa f’ħajja ta’ solitudni, bla ħbieb. Iżjed ma webbes rasu, iżjed kompla nieżel fil-fond.

**Mbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba' , u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.' Qam, u telaq għal għand missieru. (v.17-20)**

Jiskopri l-fallimenti tiegħu. Nostalġija ta’ dak liħalla warajh. Jagħraf li żbalja bla ma joqgħod jgħawweġ il-verità. Hawn naraw il-bidu tal-konverżjoni tiegħu. Xewqa għal tip ta’ relazzjoni umana: jaħdem mal-ħaddiema ta’ missieru.

Qed ifittex lil missieru b’mod utilitaristiku (kostrett mill-ġuħ), u qed jgħix iżjed fil-passat mill-preżent u l-futur. S’issa għadu ma skopries min hu missieru.

*Qam:* bil-Grieg “anastàs”. Huwa l-istess verb użat għall-Qawmien ta’ Kristu. Hija t-tieni tappa għall-konverżjoni.

Imur għand missieru bla ebda merti x’joffrilu: *Iżda l-pubblikan, bil-wieqfa fil-bogħod anqas biss reid jerfa’ għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: ‘O Alla, ħenn għalija, il-midneb’* (Lq 18,13). Jinsab fil-kundizzjoni li jrid jistenna kollox mingħand l-oħrajn.

## *Il-Missier*

**Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu... 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa... (v.20-24)**

*lemħu:* Jarah mill-bogħol. Qatt ma waqaf milli jħobb lil ibnu.

*tħassru: Mqanqal mill-ħniena, Ġesù medd idu fuqu* (Mk 1,41); *ra kotba kbira t'anies u tħassarhom* (Mk 6,34); *wasal ħdejh u tħassru* (Lq 10,33).

*b'ġirja waħda:* Li jiġri m'huwiex komportament dinjituż għal bniedem ta' awtorità.

*mar inxteħet fuq għonqu:* Ma jagħtix ċans lil ibnu jumilju ruħu quddiem.

*biesu:* sinjal ta' maħfra - *u s-sultan (David) bies lil Absalom* (2 Re 14,33) – u ta' komunjoni. Dan kollu minkejja l-weġgħa tal-mewt li kien ħass: *dan ibni kien mejjet* (v.32). Jinteressah li jneħħi kull sentiment ta' mistħija u ta' umiljazzjoni minn fuq ibnu.

Il-**libsa** twila kienet tintuża f'okkażjonijiet kbar: indikazzjoni ta' dinjità. Iċ-**ċurkett** huwa sinjal ta' awtorità. Is-**sandli** sinjal tal-bniedem liberu u m'hux tal-qaddej. L-**għoġol** juri sens ta' ferħ ta' festa (m'huwiex ferħ ta' trijonf: 'fl-aħħar waqa' għal kliemi!!!'). Iż-żgħir ippermetta li missieru jagħmel dan kollu miegħu, tah iċ-ċans.

Issa l-missier huwa interessat mill-ftur u m'hux mill-passat. Il-ħniena tiegħu hija gratuwita u abbondanti. Dan huwa l-*'iskandlu'* tal-imħabba tal-missier li jaħfer lil ibnu qabel ma dan jitolbu maħfra: *Iżda Alla wriena l-imħabba tiehġu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin* (Rum 5,8), u li issa jwassal lill-iben iż-żgħir jinduna min hwa tassew missieru.

## *L-iben il-Kbir*

**"Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa... Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol... 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi!... 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu'..." (v.25-32)**

Luqa jagħmel ritratt tal-pjetà Fariżajka u ta' ħafna Nsara. Il-kbir għamel lista tal-merti tiegħu (ara l-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan). Qed iħares wisq lejh innifsu. Juri l-fedeltà: *kelmtek ma ksirthielek qatt* u wkoll is-servizz kostanti, b'sens ta' dover, ta' dipendenza servili. Il-perfezzjoniżmu tiegħu ma jħallihx jidħol fil-loġika tal-imħabba gratuwita. Huwa ma jħobbx lil missieru imma jobdih. B'dan l-aġir il-missier qatt ma seta' juri lil dan ibnu kemm iħobbu. Dak kollu li kien jagħmel xejn ma kien frott ta' konvinzjoni personali.

Il-missier qed jitlob minnu li jilqa' lil ħuh kif hu (il-missier) qed jilqa' lilu. Dan għaliex m'huwiex kapaċi jagħraf il-bżonnijiet li jeżistu fil-qalb tiegħu u tal-oħrajn. Minħabba fih il-missier jinsab barra mill-festa. Minħabba fih il-familja kollha qiegħda tbati.

**Għat-talb u r-riflessjoni**

- Fir-rakkont tal-iben iż-żgħir, il-missier rah jitlaq żagħżugħ prużuntuż u fraġli u issa jarah jirritorna bniedem matur minħabba t-tbatija, 'il bogħod u l-indiema. Jeżisti l-ferħ talk-festa għal dan l-iben li kiber u mmatura. Nista' nara l-ħajja tiegħi f'dan id-dawl?

- "Dio ha fatto i cieli, e non leggo che abbia riposato. Ha fatto il sole, la luna e le stelle, e non leggo che sia stato riposato. Ma leggo che fece l'uomo e allora riposò, avendo, finalmente, qualcuna cui poteva perdonare i peccati." (Sant'Ambroġ) Ma nistax niskopri l-Missier qabel ma niskopri l-fond tal-fraġilità tiegħi.

- Kieku kont flok il-kbir, kont nidħol għall-festa jew nibqa' barra? kont naċċettah lil 'dan' ħija?

- Dawk il-'midinbin' li jiena nħares lejhom b'disprezz huma nies ta' min jitħassarhom. Dawn jinsabu bla dar tal-missier, ma jħossuhomx jappartjenu għall-missier li huwa mħabba. Dak li telaq mid-dar huwa ħija.

## 5. Il-Ħames Ħadd tar-Randan – Sena Ċ

### *“Mur, u mil-lum ’il quddiem tidnibx iżjed”*

**Mbagħad il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs u qalulu: "Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?" (v.3-5)**

Sa issa kienu jeżistu biss tajbin u ħżiena: dawk li qed jakkużaw, li josservaw tajjeb il-liġi (it-tajbin) u l-mara (il-midinba). F’dan l-att tal-akkuża, huma qed jipppruvaw jifgaw u jsibu raġuni għall-ħażen tagħhom.

*ħadulu quddiemu waħda mara:* Kien qed jinteressahom biss mill-vittma u m’hux minn min imbuttaha għad-dnub. Dan ir-raġel jinsab moħbi. Huwa faċli tieqaf fuq il-midneb u m’hux fuq ‘il-qawwa’ li wasslitu għal dan: il-qawwa tal-ħażen.

**Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh. Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab. (v.6)**

Kieku jgħid li ma kellhiex tiġi mħaġġra kien jiġi akkużat li kien qed imur kontra l-liġi u jekk jgħid bil-kontra allura kienu jakkużawh minn qalb iebsa, minn nuqqas ta’ ħniena, kuntrarjugħal dak li kien jipprietka.

**Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla." (v.7)**

Ġesù ma jridhomx jinqgħu jħarsu ’l barra, lejn il-mara, imma jistedinhom jispostaw l-attenzjoni tagħhom lejhom infushom, fuq il-kuxjenza tagħhom, lejn l-istorja tagħhom, il-motivazzjonijiet, is-sentimenti predominanti tal-qalb, loejn id-dnub gtagħhom... Kważi jobbligahom biex iħossuhom fil-bżonn tal-ħniena ta’ Alla.

Id-dnub fil-kwalità huwa differenti minn bniedem għall-ieħor, imma d-dgħufija, li hija l-għerq tad-nubn, tinsaba f’kulħadd. Huwa d’din il-fraġilità li kull bniedem iħossu ugwali għall-ieħor.

*Min fostkom:* Stedina biex ma jibqgħux jistaħbew taħt il-kappa tal-grupp, ifarfru mir-responsabiltà personali tagħhom. Il-ħażen hawnhekk huwa faċli li jiġi ġġustifikat.

*jitfagħlha hu l-ewwel ġebla:* Dan il-kien kien suppost jagħmlu, skont in-normattiva ta’ Dewt 17,7, ix-xhud okulari,u warajh kienu jkomplu l-oħrajn preżenti. Ġesù qed jisfida lil dawn in-nies huwa u jpoġġihom wiċċ imb’wiċċ mal-kuxjenza tagħhom. Qed jagħti valur lill-verità, dik li tinsab fil-fond ta’ kull bniedem: *u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom* (Ġw 8,32). Qed jgħinhom biex jagħrfuha. Anke lill-mara huwa qed ifakkar id-dnub tagħha bla ma jxejnu jew iżejnu. Ma jaqax fit-tentazzjoni li jħawwad il-veru mal-falz.

**U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab. (v.8)**

Ġesù jitbaxxa quddiem id-dnub u l-libertà tal-bniedem imma huwa lest jerġa' jqum biex jistieden lill-istess bniedem jagħraf id-dnub tiegħu u biex jeħilsu minnu. Jitbaxxa u jitgħolla (ara Fil 2), mewt-qawmien.

**Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha: "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?" (v.9-10)**

*Kif semgħuh jgħid dan: Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb* (Lh 4,12). Il-kelma ta' Alla tpoġġik quddiem id-dnub tiegħek. Din hija l-ewwel tarġa għall-konverżjoni.

*Qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor:* minn grupp saru singoli. Kull wieħed induna bid-dnub tiegħu, imma mill-ġdid wara li waqgħet din il-maskra minn fuqhom, reġgħu ddefendew ruħhom: telqu. Beżgħu jiffaċċjaw il-verità tagħhom.

*Ibda mix-xjuħ:* Ikbar ma inti fl-età u fir-responsabiltà, iżjed tista' tagħmel esperjenza tal-miżerja tiegħek.

*Ħadd ma kkundannak?:* Jifta djalogu qasir biex ma jimbarazzahiex, b'risposta ovvja li tinsab fl-istess mistoqsij. Qed jipprepara s-salvazzjoni spiritwali wara dik materjali (il-ħelsien mill-mistħija, mit-tħaġġir). Ġesù la jiskużaha u lanqas jiġġustifika dak li għamlet. Sempliċement uriha li jħobbha. Kienet din it-turija tal-iimħabba ta' Ġesù lejn il-mara li bidlitha.

**"Ħadd, Sinjur," qaltlu."Mela anqas jien ma nikkundannak," qalilha Ġesù."Mur, u mil-llum 'il quddiem tidnibx iżjed." (v.11)**

*Int salvajtli 'l ħajti mill-ħofra tal-qerda, inti xħett wara spallejk ħtijieti kollha* (Is 38,17).

Filwaqt li Ġesù qed jgħid li kull bniedem huwa midneb, qed jgħid ukoll li huwa possibbli għalih li jieqaf milli jidneb. Id-dnub huwa l-passat tiegħu filwaaqt li l-grazzja hija l-futur. Il-bniedem hawn isir ħolqien ġdid għax jesperimenta fil-maħfra l-ewwel att ta' qawmien. Din il-maħfra ħħorr magħha il-fiduċja f'min dineb. *Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida: feġġet issa; għadkom ma ttendejtux?* (Is 43,19)

*Fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grajja* (Rum 5,20). Il-miżerja tagħna tiltaqa' mal-ħniena t'Alla, u hekk nidħlu f'komunjoni ma' dak li huwa mħabba u Ħajja Ġdida għall-bniedem.

*Mur:* il-verb ifisser aktar minn 'itlaq' (moviment): jista'jiġi mqabbel ma' tip ta' missjoni profetika. Il-mara trid issa twassal l-aħbar li Alla huwa ħniena u li hi ltaqgħet miegħu fil-persuna ta' Ġesù ta' Nazaret. Il-maġfra li rċeviet tfisser ħelsien totali u l-mixja lejn il-"tidnibx iżjed". *Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar* (Ġw 4,14).

**Għat-talb u r-riflessjoni**

- Il-veru tradiment/adulterju jibqa' jsir mill-Knisja (minna) lejn l-għarus tagħha, Ġesù. Dan isir faċli kull darba li nikkundanaw jew niġġudikaw lil xi ħadd (E. Drewermann). *Tiġġudikawx, biex ma tkunux iġġudikati; gax bl-istess ġudizzju li tagħmlu intom, tkunu ġġudikati* (Mt 7,1-2)

- Ġesù ser isalva lil dik il-mara mill-mewt għax fuq is-salib huwa nnifsu ser jieħu l-post tagħha u ta' kull midneb. Għalhekk ukoll lili huwa lest li jaħfirli.

- Santu Wistin isemmi żewġ ostakli għall-konverżjoni:
    - Dak li jaf li Alla huwa ħniena infinigta, allura joqgħod jintelaq, jistenna l-aħħar mument u jispiċċa mingħajr ma jirċievi maħfra;
    - Dak li quddiem il-ħażen tiegħu iħossuhekk 'il bogħod minn Alla li jaqa' fid-disperazzjoni.

- Il-persuna 'mitlufa' għandha bżonn li wieħed jifhimha, jriha t-tjuija, jaħfrilha. B'dan il-mod imbagħad ikun iżjed faċli li din tinbidel.

# 5. VELJA TA' TALB FIL-BIDU TAR-RANDAN

**"Ma jkun qatt li niftaħar**
**jekk mhux bis-Salib ta' Sidna Ġesù Kristu"**
**(Gal 6:14)**

## L-EWWEL MUMENT

### FID-DALMA TA' PAWLU

*Ambjentazzjoni.*

*Pawlu*

Il-mantari tagħhom għattewli wiċċi:
kien f'dak il-mument li jien ma bqajt nara xejn aktar.
Smajt l-għajat tagħhom, ħassejt l-għagħa tal-folla, il-qawwa mortali tar-rabja, it-tisfir vjolenti tal-ġebel imwaddab kontra dak l-innoċenti.
Ftit qabel il-wiċċ kollu dawl tiegħu u l-ħarsa ta' għajnejh kienu ffissati jħarsu lejn is-sema, biex jara dak li jien ma stajtx nilmaħ.
Stiefnu kien qalibli ħajti ta' taħt fuq u ċajparli l-ħarsa ta' qalbi.
Il-mewt u d-demm tiegħu saru qishom mewġa li tagħmi,
li qallbitli ħajti kollha li, sa dak il-mument,
kienet mogħtja għall-qerda tad-dixxipli tat-Triq, tal-Insara.
Kellhom jinqatlu jew jinqalbu fil-ħabs
dawk id-dixxipli mġienen tar-raġel imsallab,
li ppretenda li hu l-Messija, Iben Alla l-Għoli.
Imrobbi kif kont fil-ħarsien strett tal-Liġi,
ma kontx niflaħ għal dak it-tagħlim ġdid,
tagħlim ta' mħabba, ta' maħfra, ta' ħniena.
Hekk beda l-vjaġġ tiegħi fid-dlam tal-mibegħda. *(ara Atti 7)*

*Flimkien*

**Aħna ninsabu fid-dlam,**
**u l-għajnejn tar-ruħ ma jinfetħux għall-grazzja tad-dawl veru.**
**Niġġerrew fost vjolenza, indifferenza u egoiżmu,**
**u, bħal Pawlu, aħna wkoll ninsabu mgħaddsa fid-dlam.**
**Nixtiequ nduru lejk mill-ġdid, Mulej.**
**Nerfgħu talbna lejk biex int tixgħel mill-ġdid id-dawl tagħna.**

*Leħen 1*

Mulej,
nagħrfu li aħna nies vjolenti.
Fid-dinja tagħna jaħkem il-biża',
m'għadx fadal rispett għall-ħajja tal-oħrajn,
ta' min għandu ideat differenti minn tagħna,
ta' min għandu l-ġilda b'kulur differenti minn tagħna.
Wasalna biex neqirdu l-ħajja fit-tnissil tagħha
u noqtlu lil dawk li nħossuhom żejda.
Il-gwerer u l-oppressjoni ma jieqfu qatt.
Jekk naħsbu li l-vjolenza jagħmilha biss ħaddieħor

inkunu qed ninsew malajr kemm il-kliem u l-ġesti tagħna
kapaċi joffendu u jweġġgħu għall-mewt.
Mulej, ikollok ħniena minna.

*Kant* **Kyrie, eleison.**

*Leħen 2* Mulej,
nagħrfu li aħna nies indifferenti.
Ma nafux nirrispettaw il-ħolqien, don tiegħek,
la nħammġu bla ħniena.
M'għadniex kapaċi nieqfu nistagħġbu
quddiem is-sinjali ta' sbuħija u tjubija mxerrda fid-dinja.
Lanqas il-Vanġelu tiegħek m'għadu jsaħħarna,
tant kemm aħna għomja u torox quddiem is-sinjali tal-preżenza tiegħek.
Magħluqa fina nfusna,
ma nindunawx b'min jinsab maġenbna:
ma nagħtux kas tal-problemi u l-ħtiġijiet tiegħu,
ma jimpurtaniex minn dak li jħoss;
l-importanti li nħossu l-kuxjenza f'postha,
konvinti li m'għamilna xejn ħażin.
Mulej, ikollok ħniena minna.

*Kant* **Kyrie, eleison.**

*Leħen 3* Mulej,
nagħrfu li aħna nies egoisti,
nixtiequ biss għalina,
irridu naħkmu ħwejjeġ u persuni,
nixtiequ nkunu għonja u potenti.
Tinteressana biss il-loġika tal-qligħ,
togħġobna r-riħa tal-flus u tas-suċċess,
u nsejna l-fwieħa tal-ġenerożità u tal-għoti b'xejn.
Ta' spiss għandna l-bibien magħluqa
għal min jitlobna komprensjoni u maħfra,
u nwarrbu l-anzjan u l-marid għax ma jħalliniex bi kwietna.
Mulej, ikollok ħniena minna.

*Kant* **Kyrie, eleison.**

*Pawlu* Imma fil-qofol tal-karriera tiegħi ta' persekutur,
meta x-xewqat ta' vendetta kienu jbaqbqu f'qalbi,
fit-triq ta' Damasku,
f'daqqa waħda waqa' fuqi l-abbiss tad-dawl
li qatt qabel ma kont ħassejt…
Kien f'dak il-mument li sibt ruħi wiċċ imb'wiċċ mad-Dawl. *(ara Atti 22:3-16)*

*Jidħol iċ-Ċelebrant.*

**IT-TIENI MUMENT**

## F I D - D A W L   T A ’   K R I S T U

*Ċelebrant* Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.
*Flimkien* **Amen.**

*Ċelebrant* Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu,
Missier il-ħniena u Alla ta’ kull faraġ.
Hu jfarraġna fl-hemm kollu tagħna. *(2 Kor 1:3-4)*

*Flimkien* **Imbierek Alla għal dejjem.**

*Ċelebrant* Għeżież, Sawl il-persekutur, fl-eqqel tad-dalma tiegħu, meta kien wasal f’xifer ta’ rdum, iltaqa’ mal-Feddej. Il-Mulej iltaqa’ miegħu fid-dija tad-dawl u fil-qawwa tal-leħen tiegħu. F’din il-velja ta’ talb, fil-bidu tar-Randan, bis-sinjali tad-dawl, tal-Kelma u tas-Salib, ejjew, flimkien ma’ San Pawl, infaħħru lil Alla għad-don tas-salvazzjoni. Ngħollu t-tifħir tagħna lil Alla Missier u Ħallieq u nilqgħu d-don tad-dawl u tal-Kelma.

### Innu ta’ TIFĦIR lill-ĦALLIEQ tad-DAWL

*Flimkien* **Irroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**

*Ċelebrant* Missier qaddis, int waħdek Alla, ħaj u veru,
qabel kull żmien u tibqa’ għal dejjem,
u tgħammar f’dawl fejn ħadd ma jista’ jersaq.
Int waħdek tajjeb u għajn tal-ħajja,
u tajt il-bidu lil kulma jeżisti. *(ara Prefazju tat-Talba Ewkaristika IV)*

*Flimkien* **Il-Kelma tiegħek li tagħti l-ħajja**
**dwiet fost id-dlamijiet tal-baħħ fil-bidu tal-ħolqien;**
**il-leħen ħallieq tiegħek għamel ix-xemx, sabiħa u tiddi,**
**li bid-dija kbira tagħha tferraħ l-istaġuni;**
**il-qamar u l-kwiekeb, ċari, prezzjużi u sbieħ,**
**li jdawlu l-iljieli tagħna;**
**il-fjamma tan-nar, sħun u ferrieħi,**
**li jfarraġ il-bniedem u d-dar tiegħu.** *(ara Il-Kantiku ta’ Oħtna x-Xemx)*
**Dan kollu int għamiltu**
**biex timlihom b’kull barka**
**u tħennihom bid-dija tad-dawl tiegħek.**
*(ara Prefazju tat-Talba Ewkaristika IV)*

*Ċelebrant* Id-dawl kien tajjeb u inti fridtu mid-dlam, *(ara Ġen 1:4)*
u f’dak id-dawl tal-Ġenna ħlaqt ir-raġel u l-mara
biex ikunu s-sidien tal-jum.
Imma ġie dak li jgħammar fid-dlam
u għandu s-setgħa tad-dlamijiet.
Ir-raġel u l-mara ċedew għat-tentazzjoni

– isiru bħal Alla, ħallieq tad-dawl –,
u hekk sabu ruħhom fid-dlamijiet tad-dnub u tal-mewt. *(ara Ġen 3)*

*Flimkien* **Meta l-bniedem ma qagħadx għar-rieda tiegħek**
**u tilef il-ħbiberija miegħek,**
**int ma tlaqtux fil-jasar tal-mewt,**
**imma ħennejt u waqaft ma' kulħadd,**
**biex kulmin ifittxek isibek.** *(ara Talba Ewkaristika IV)*

*Ċelebrant* Meta waslet il-milja taż-żminijiet,
int bgħattilna lill-isbaħ fost ulied il-bnedmin, *(ara Salm 45:3)*
Alla minn Alla, dawl minn dawl,
Alla veru minn Alla veru, *(ara Simbolu ta' Nicea-Kostantinopli)*
l-Iben tiegħek Ġesù,
il-Kewkba tiddi ta' filgħodu, l-imħabba bla tmiem,
imnissel fil-ġuf l-aktar safi tal-Verġni Marija,
Għodwa Mistika li bl-"iva" tagħha
ħabbret minn qabel "iż-żjara tax-xemx tielgħa,
biex iddawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet
u fid-dell tal-mewt". *(ara Lq 1:78b-79)*

*Flimkien* **"Dawl biex idawwal il-ġnus**
**u glorja tal-poplu tiegħek Israel",** *(ara Lq 2:32)*
**Kristu Ibnek, li fil-ħajja tiegħu fuq l-art**
**għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq**
**lil dawk li kienu lsiera tal-ħażen.** *(ara Prefazju tal-Komun VIII)*
**Lill-imwieled agħma tah id-dawl;**
**lil ħabibu Lazzru, imqajjem mill-mewt,**
**il-ferħ li jara mill-ġdid ix-xemx;**
**lill-adultera d-dehra tal-ħniena.**

*Ċelebrant* Anki meta d-dlamijiet tal-mibegħda kienu madwaru
u l-vjolenza tal-bniedem ingrat sammritu mas-Salib,
il-wiċċ tiegħu sfigurat mit-tbatija
baqa' jarmi fid-dinja d-dawl tal-imħabba,
biex isseħħ l-Iskrittura:
"Meta nkun merfugħ mill-art niġbed il-bnedmin kollha lejja". *(ara Ġw 12:32)*
Imqajjem u merfugħ fuq il-lemin tiegħek, Missier,
Kristu l-Mulej ma jħallix waħidha l-għarusa tiegħu, il-Knisja.
L-Ispirtu Paraklitu, raġġ tad-dawl,
li ġie għalina mis-Sema, imexxina fl-istorja.
Hu l-Konsolatur perfett, dawl tal-qlub,
dawl hieni li jinfed fil-fond il-qlub tal-fidili *(ara Sekwenza ta' Pentekoste)*
u jibgħathom fid-dinja.

*Flimkien* Alla hu dawl u ebda dlam ma hemm fih.
Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu
imma nimxu fid-dlam,
inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità.
Iżda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess,
aħna nissieħbu flimkien,

u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub. *(ara 1 Ġw 1:5-7)*

*Pawlu* F'daqqa waħda dawl kbir mis-sema idda madwari;
waqajt fl-art u smajt leħen… *(ara Atti 22:6)*

## Intronizzazzjoni tal-Kelma

Glorja lilek, Kelma ħajja!
Glorja lilek, Verb ta' Alla! Kristu Mgħallem, Kristu l-Mulej!

*Ċelebrant* Mulej tad-dawl,
fis-skiet ta' din il-velja tar-Randan
aħna rroddulek ħajr għad-dawl li jirbaħ id-dlam,
u nitolbuk sabiex il-grazzja tiegħek
tirbaħ dejjem id-dnub li jjassarna,
sabiex, imsoffija u maħfura,
inkunu nistgħu nikkontemplaw it-twettiq tal-Għid.
Bi Kristu Sidna.

*Flimkien* **Amen.**

## Akklamazzjoni tal-Vanġelu

Glorja lilek, Kelma ħajja!
Glorja lilek, Verb ta' Alla! Kristu Mgħallem, Kristu l-Mulej!

*Ċelebrant* Qari mill-Evanġelju skond San Mark (10:46-52)

Hu u ħiereġ minn Ġeriko flimkien mad-dixxipli tiegħu u ma' kotra kbira ta' nies, kien hemm wieħed tallab agħma, jismu Bartimew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq. Dan, meta sama' li kien Ġesù ta' Nazareth, qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!". Kien hemm ħafna li bdew jgħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar beda jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!". Ġesù waqaf u qal: "Sejħulu". Huma sejħu l-agħma u qalulu: "Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek". Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù. U Ġesù kellmu u qallu: "Xi tridni nagħmillek?". "Li nerġa' nara, Rabbuni", wieġbu l-agħma. "Mur", qallu Ġesù, "il-fidi tiegħek fejqitek". U minnufih raġa' beda jara, u baqa' miexi warajh fit-triq.

Il-Kelma tal-Mulej.
**It-tifħir lilek, Kristu.**

## Riflessjoni taċ-Ċelebrant

## IT-TIELET MUMENT

### X A N D A R A  T A S - S A L I B  T A ’  K R I S T U

*Lettur* Qari mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Korintin (1:17-25)

Ħuti, Kristu ma bagħatnix biex ngħammed iżda biex inxandar l-Evanġelju, mhux bi kliem l-għerf, sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta’ Kristu. Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta’ Alla. Bħalma hu miktub:

“Neqred l-għerf tal-għorrief;
inwarrab id-dehen tad-dehnin”.

Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta’ din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja? U billi, fl-għerf ta’ Alla, id-dinja b’għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru ’l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud, sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta’ Alla u l-għerf ta’ Alla. Għax il-bluha ta’ Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta’ Alla hija aqwa mill-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej.
**Irroddu ħajr lil Alla.**

*Skiet u talb personali.*

*Ċelebrant* Nitolbu.
Alla qaddis, li ridt issalva l-bnedmin
bis-Salib ta’ Ġesù Ibnek,
agħti lill-Knisja tiegħek li tilqa’ kull prova
bħala sehem fit-tbatijiet ta’ Kristu,
u l-bnedmin jaraw jidher fl-istorja
s-sinjal ta’ Bin il-bniedem:
is-Salib tas-salvazzjoni u l-barka.
Bi Kristu Sidna.

*Flimkien* **Amen.**

*Waqt li jsir il-kant, jitwassal proċessjonalment is-Salib u jitqiegħed fiċ-ċentru tal-presbiterju.*

*Ċelebrant* Nikkontemplaw is-Salib tiegħek, Mulej,
siġra ta’ salvazzjoni eterna,
int li żżomm l-univers kollu.

*Flimkien* **Aħna nxandru Kristu msallab,**
**qawwa ta’ Alla u għerf ta’ Alla.** (ara 1 Kor 1:23-24)

*Ċelebrant* Is-Salib hu d-dell tagħna fl-għomma,
ikel għall-ġuħ tagħna, għajn għall-għatx tagħna.

*Flimkien* **Aħna nxandru Kristu msallab,**
**qawwa ta’ Alla u għerf ta’ Alla.** (ara 1 Kor 1:23-24)

*Ċelebrant* Is-Salib hu mantar li jaħbi l-għajb tagħna,
hu qawwa fid-dgħufija tagħna,
għerf ta' Alla fil-bluha tagħna.

*Flimkien* **Aħna nxandru Kristu msallab,**
**qawwa ta' Alla u għerf ta' Alla.** (ara 1 Kor 1:23-24)

*Ċelebrant* Is-Salib hu sostenn meta nkunu ħa naqgħu,
tarka fil-ġlied tagħna,
stendard tar-rebħa tagħna.

*Flimkien* **Aħna nxandru Kristu msallab,**
**qawwa ta' Alla u għerf ta' Alla.** (ara 1 Kor 1:23-24)

*Ċelebrant* Is-Salib hu siġra merfugħa bejn l-art u s-sema,
iħaddan l-umanità kollha,
sa minn dejjem fil-misteru ta' Alla.

*Flimkien* **Aħna nxandru Kristu msallab,**
**qawwa ta' Alla u għerf ta' Alla.** (ara 1 Kor 1:23-24)

*Waqt li jsir il-kant, kull membru tal-ġemgħa, wieħed wara l-ieħor, jagħmel l-offerta tal-inċens quddiem is-Salib.*

*Flimkien* **Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu",**
**agħtina l-maħfra tiegħek.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Illum tkun miegħi fil-Ġenna",**
**ħejji post għalina fis-saltna tiegħek.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Ara ommok", u lil ommok, "Ara ibnek",**
**ikkonferma l-Knisja tiegħek bħala omm ta' kulmin jemmen.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Għandi l-għatx",**
**agħti lilna wkoll l-għatx għal Alla l-ħaj.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?",**
**agħmilna kapaċi nissaportu s-skiet ta' Alla.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Kollox mitmum",**
**agħtina li nwettqu l-vokazzjoni tagħna sal-mewt.**
**Mulej Ġesù, li fuq is-salib għidt:**
**"Missier, nerħi ruħi f'idejk",**
**għallimna nintelqu f'Alla fis-siegħa tal-mewt tagħna.**

## Barka u Mandat tal-Paċi

*Jekk possibbli, il-barka tingħata bis-Salib.*

*Ċelebrant* Il-Mulej magħkom.
*Flimkien* **U miegħek ukoll.**

*Ċelebrant* Iberikkom Alla li jista' kollox,
† il-Missier, † l-Iben, † u l-Ispirtu s-Santu.
*Flimkien* **Amen.**

*Ċelebrant* Morru fil-paċi ta' Kristu.
*Flimkien* **Irroddu ħajr lil Alla.**

**Kant tal-aħħar**

# 6. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦALL-ADULTI

## *Il-Ħajja Ġdida fi Kristu*

"Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex,
kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6:4).

"Meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna,
tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi" (Efes 2:5).

Eżerċizzi bi tħejjija għaż-Żjara tal-Papa f'Malta
fl-okkażjoni tal-1950 Sena min-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna mibnija fuq il-Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina

1. Is-Salib ta' Kristu fil-ħajja tan-Nisrani
   (It-Teoloġija tas-Salib – Udjenza 29 ta' Ottubru 2008)
2. Il-Qawmien ta' Kristu: Epifanija ta' Kristu l-Iben t'Alla
   (Il-ġrajja deċiżiva tal-Qawmien - Udjenza 5 ta' Novembru 2008)
3. Il-Ħajja ta' dejjem
   (L-istennija tal-Parusija - Udjenza 12 ta' Novembru)
4. Il-Ħajja ġdida permezz tal-grazzja
   (Id-dnub oriġinali u t-Teoloġija tas-Sagramenti - Udjenzi 3 u 10 ta' Diċembru 2008)
5. Il-Qima Spiritwali
   (Udjenza 7 ta' Jannar 2009)

## 1. Is-Salib ta' Kristu fil-ħajja tan-Nisrani

1) **Minn persekutur tal-Kristjani jsir kollu kemm hu ta' Kristu**

   a) **Il-ġrajja fundamentali fit-triq ta' Damasku**: Pawlu jsir "ħolqien ġdid" (ara 2 Kor 5:17).
      i) Atti 9:3ss; 22:6ss; 26:12.
      ii) Gal 1:15-16; 1 Kor 9:1; 15:8.

   b) **L-għażla fundamentali ta' Kristu**:
      i) Kristu jsir il-motiv ta' ħajtu u r-raġuni tal-predikazzjoni tiegħu, f'ħajja mimlija perikli (ara 2 Kor 12:15) mogħtija biex isalva l-bnedmin.
         (1) *Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab* (1 Kor 2:2).
      ii) Ħdejn Kristu xejn aktar ma jgħodd (ara Fil 3:3-17).
         (1) *M'iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili* (Fil 3:12).

2) **Iċ-ċentralità tas-Salib**

   a) Fil-laqgħa tiegħu ma' Kristu hu għaraf it-tifsira ċentrali tas-Salib: fehem li Kristu kien miet u qam għall-bnedmin kollha u għalih.
      i) *Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed* (1 Tim 1:15).

   b) Żewġ dimensjonijiet importanti tal-ġrajja tas-Salib:
      i) universalità: Kristu miet għal kulħadd;
      ii) soġġettività: Kristu miet għalija.

3) **L-imħabba ta' Alla, għotja b'xejn u kollha ħniena, tidher fis-Salib**

   a) Pawlu għamel esperjenza personali ta' din l-imħabba (ara Gal 2:20).

   b) Fih seħħet trasformazzjoni: minn midneb għal wieħed li jemmen; minn persekutur għal Appostlu.

4) **Il-Vanġelu tal-"Grazzja"**

   a) Minn jum għal ieħor Pawlu jiskopri li kollox kien ġej mis-Salib ta' Kristu u mhux mill-ħila jew merti tiegħu – hu ma kellu ebda mertu personali: kollox kien don.

   b) **Mit-tifsira tas-Salib Pawlu seta' jifhem u jxandar il-"Vanġelu tal-Grazzja"**:
      i) esperjenza li ġarrabha b'mod personali u li xandarha fil-ministeru tiegħu
         (1) fil-konfront tal-Lhud: li kienu jpoġġu kollox fil-ħila personali tal-osservanza tal-preċetti,
         (2) fil-konfront tal-Griegi: li sfidaw il-"loġika" tas-Salib bil-loġika tal-għerf tagħhom,
         (3) fil-konfront tal-"eretiċi": li għamlu Kristjaneżmu kif għoġob lilhom.

## 5) Il-Primat tas-Salib fit-Teoloġija Pawlina

a) **Il-predikazzjoni tas-Salib ta' Kristu hi essenzjali u primarja fil-predikazzjoni ta' Pawlu.**
   i) *Ja Galatin bla moħħ, min saħħarkom bi kliemu? Intom li Ġesù Kristu tpinġa msallab quddiem għajnejkom!* (Gal 3:1).

b) **Għal Pawlu s-Salib jokkupa l-ewwel post fl-istorja tal-umanità:**
   i) hu l-punt fokali tat-teoloġija tiegħu: issemmi s-Salib ifisser titkellem fuq is-salvazzjoni mogħtija b'xejn lil kull ħlejqa.

c) **Il-ġrajja tal-Knisja ta' Korintu: diżordni, skandli, firda, diviżjonijiet.**
   i) Pawlu ma jużax il-qawwa tal-ħila tiegħu jew l-oratorija, imma jintelaq fil-"qawwa ta' Kristu msallab".
   ii) *Meta jiena wasalt għandkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-Misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab. U jiena ġejt għandkom dgħajjef, imbażża' u mriegħed; il-kelma u l-predikazzjoni tiegħi ma kinux imlibbsa bil-kliem qawwi tal-għerf, imma bil-wiri tal-Ispirtu u l-qawwa, sabiex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-qawwa ta' Alla* (1 Kor 2:1-5).

## 6) Il-"lingwaġġ tas-Salib" jinftiehem fil-ġrajja tal-Qawmien

a) L-ewwel Insara, dawk li kienu indirizzati minn Pawlu, kienu jafu li Kristu qam mill-mewt.

b) Meta Pawlu jitkellem fuq Kristu msallab, hu fl-istess waqt "jitkellem" fuq Kristu msallab u rxoxt; Dak li kien imsallab hu ħaj:
   i) *Kien imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda ngħixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom* (2 Kor 13:4).

## 7) Is-Salib hu "skandlu" u "bluha"

a) **Apparentament, is-Salib hu skandlu u bluha, imma għal dawk li jemmnu s-Salib hu l-qawwa ta' Alla, hu "il-lingwaġġ ta' Alla".**
   i) *Il-predikazzjoni tas-Salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla. Bħalma hu miktub: Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta' din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja? U billi, fl-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi* (1 Kor 1:18-23).

b) L-"iskandlu" (tfixkil) u l-"bluha" tas-Salib ġejjin mill-fatt li fejn fis-Salib ma jidhrux għajr fallimenti, tbatija u telfien, hemm tidher il-qawwa tal-imħabba infinita ta' Alla, għax **is-Salib hu espressjoni ta' mħabba, u l-imħabba hi l-qawwa vera li dehret eżattament fid-dgħufija.**

i) *Mit-tnejn, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-Salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom* (Efes 2:15-16).

c) **Għal-Lhud, is-Salib hu skandlu, jiġifieri nassa, ħaġra li tfixkel.**
   i) Is-Salib donnu jfixkel il-fidi tal-Lhudi devot, għax ma jsib xejn bħas-Salib fl-esperjenza tal-Iskrittura (fir-"Rivelazzjoni").
   ii) Pawlu hu konxju minn dan:
      (1) fl-opinjoni tal-Lhud, Alla mmanifesta ruħu f'opri kbar u tal-għaġeb;
      (2) allura **li taċċetta s-Salib ifisser li tħaddan mod ġdid kif tirrelata ma' Alla.**

d) **Għall-Griegi (il-Ġentili), ir-raġuni għala jirrifjutaw is-Salib hi propju r-Raġuni.**
   i) Is-Salib hu *morìa*, ġenn, litteralment injoranza, jiġifieri ikel bla melħ; f'dan is-sens, aktar milli żball, il-Griegi jqisu s-Salib offiża lis-sens komun.
   ii) Pawlu nnifsu għamel esperjenza tar-rifjut tal-messaġġ Nisrani fl-ambjent Grieg, lingwaġġ li ma jqanqalx interess:
      (1) *Resqu wkoll jitħaddtu miegħu xi Epikurin u Stojċi. Uħud minnhom kienu jgħidu: "X'għandu x'jgħid dan il-lablâb?"* (Atti 17:18).
   iii) Għall-Griegi kien diġà diffiċli jaċċettaw li Alla jsir bniedem, jitħallat mal-limiti tal-bniedem… aħseb u ara li Alla se jispiċċa fuq salib! **Il-loġika tan-nies ta' Ateni hi komuni wkoll għal tan-nies tal-lum!**
   iv) Anki l-qawmien mill-mewt kien diskors li ma jinftehimx, huma li kienu jżommu li l-ġisem hu ħabs tal-ispirtu, u li r-ruħ trid teħles mill-irbit tal-ġisem biex tkun perfetta!
      (1) *Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku* (Atti 17:32).
   v) Fil-kultura antika donnu ma kienx hemm wisa' għall-messaġġ ta' Alla Inkarnat. Il-ġrajja sħiħa ta' "Ġesù ta' Nazareth" kienet kollha "immarkata" bil-bluha! U s-Salib kien il-qofol ta' din il-bluha u l-aktar parti problematika.

**8) Għaliex San Pawl għamel is-Salib il-qalba tal-predikazzjoni tiegħu?**

a) **Is-Salib jirrivela "il-qawwa ta' Alla" (ara 1 Kor 1:24).**
   i) Il-"qawwa ta' Alla" hi differenti mill-qawwa tal-bnedmin.
      (1) *Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin* (1 Kor 1:25).
   ii) Il-qawwa ta' Alla turi l-imħabba tiegħu.
      (1) *Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin* (Rum 5:8).
      (2) *La l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna* (Rum 8:39).

b) **Matul l-istorja, is-Salib ħareġ dejjem "rebbieħ" fuq l-"għerf tad-dinja" li ħadha kontrih**
   i) …anke jekk mhux dejjem tajna xhieda vera tiegħu!

c) **Il-lingwaġġ tal-Imsallab:**
   i) L-imsallab hu tassew l-għerf għax juri min hu Alla: qawwa ta' mħabba li lest jasal sas-Salib biex isalva l-bnedmin. Għall-imħabba Alla jagħżel toroq (is-salib) li għalina jidhru bla sens u sinjal ta' dgħufija.
   ii) L-imsallab juri minn banda d-dgħufija tal-bniedem u mill-banda l-oħra l-qawwa vera ta' Alla, jiġifieri d-don tal-imħabba: dan hu l-għerf veru.
   iii) *Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja, qdusija u fidwa* (1 Kor 1:30).

d) **Pawlu għamel esperjenza personali ta' dan:**
   i) *Iżda hu weġibni: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef". Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-dgħufijiet tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija* (2 Kor 12:9).
   ii) *Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla* (1 Kor 1:27-29).

e) **San Pawl tant identifika ruħu ma' Kristu li, minkejja l-ħafna provi, hu kien jgħix kontinwament il-fidi fl-Iben ta' Alla li ħabbu u miet għalih**:
   i) *Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija* (Gal 2:20).
   ii) Dan id-dettall awtobijografiku jsir eżempju għalina lkoll.

## 9) Sintesi tat-Teoloġija tas-Salib (2 Kor 5:14-21)

a) Żewġ affermazzjonijiet:
   i) Kristu, li Alla għamlu "dnub" għalina, miet għalina lkoll.
   ii) Alla ħabbibna miegħu bla ma qies il-kont ta' dnubietna.

b) Il-"ministeru tar-rikonċiljazzjoni" jeħles minn kull forma ta' jasar (ara 1 Kor 6:20; 7:23).

c) Kull bniedem irid jgħix dan il-ministeru: billi jirrinunzja għal-lingwaġġ tas-suppervja u jħaddan il-"ġenn" tal-imħabba tas-Salib, li hi s-salvazzjoni tagħna u tal-bnedmin kollha:
   i) il-qawwa tagħna tinsab fl-umiltà tal-imħabba,
   ii) l-għerf tagħna jinsab fid-dgħufija taċ-ċaħda,
   iii) biex nidħlu fil-qawwa ta' Alla (li hi mħabba sas-Salib!).

d) L-għerf veru jinsab filli ma ngħixux għalina nfusna imma għal Dak li ħabbna u ta ħajtu għalina.

## 2. Il-Qawmien ta' Kristu: Epifanija ta' Kristu l-Iben t'Alla

### 1) Il-Qawmien ta' Ġesù: il-milja tal-ġrajja tas-Salib

a) *Imma jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom. U aħna noħorġu wkoll ta' xhieda foloz ta' Alla, għaliex inkunu tajna xhieda kontra Alla li huwa qajjem lil Kristu mill-imwiet, filwaqt li ma jkun qajmu xejn, jekk hu tassew li l-mejtin ma jqumux. Għax jekk il-mejtin ma jqumux, anqas Kristu ma kien imqajjem. U jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi dnubietkom* (1 Kor 15:14-17).
   i) Għal Pawlu, il-ġrajja tal-Qawmien hi fundamentali – hi l-fundament tal-fidi Nisranija.
   ii) Fil-Qawmien ta' Ġesù hemm "it-tweġiba" għall-"mistoqsijiet" tas-Salib.

b) **Is-Salib waħdu ma jispjegax il-fidi Nisranija.**
   i) Mingħajr il-Qawmien, il-fidi Nisranija tkun traġedja.
   ii) Il-Misteru Paskwali jikkonsisti fil-fatt li l-Imsallab "qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura" (1 Kor 15:4), kif tixhed l-ewwel Tradizzjoni Kristjana.

### 2) Il-Qawmien: il-ġebla tax-xewka tal-Kristoloġija Pawlina

a) Il-predikazzjoni ta' Pawlu titlaq minn u tintemm fil-Misteru tal-Qawmien.

b) Il-Qawmien hu fatt *a priori* fil-predikazzjoni tal-Appostlu, li fuqu Pawlu jibni l-*kerygma* tiegħu: Dak li ġie msallab – u hemmhekk wera l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin – qam mill-mewt, hu ħaj.

### 3) Il-ġrajja tal-Qawmien hi fatt deċiżiv sa mill-bidu tal-ewwel komunitajiet Insara: it-Tradizzjoni tal-ewwel *kerygma*

a) It-tħabbira tal-Qawmien hi l-ewwel *kerygma*, hi presuppost tal-ewwel komunitajiet Insara: il-komunitajiet Insara nbnew fuq din il-ġrajja.

b) **Hemm relazzjoni bejn il-predikazzjoni ta' Pawlu u l-fidi tal-ewwel komunitajiet Insara (pre-Pawlini) fil-Qawmien.**
   i) Nifhmu l-post u l-importanza tat-Tradizzjoni: li kienet qabel San Pawl, u San Pawl ħa ħsieb ittrażmetta b'fedeltà.
   ii) 1 Kor 15:1-11: hemm rabta bejn "tirċievi" u "tittrażmetti".
   iii) San Pawl jagħti importanza fundamentali lill-formulazzjoni tat-Tradizzjoni, hekk li għad li ħafna huma dawk li jxandru, hemm "Vanġelu" wieħed, predikazzjoni (*kerygma*) waħda:
      (1) *Imma sew huma u sew jien, dan aħna xandarna, u dan emmintu intom* (1 Kor 15:11);
      (2) *Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura* (1 Kor 15:3).

c) **It-Tradizzjoni kerigmatika hi l-għajn komuni tal-predikazzjoni Appostolika.**
   i) San Pawl qatt ma jwarrab il-fedeltà għat-Tradizzjoni biex ikun oriġinali jew uniku jew ġdid.
      (1) *Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħidt quddiemhom, lill-mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn* (Gal 2:2).
   ii) Il-*kerygma* tal-Appostli dejjem hi l-fundament tar-riflessjoni teoloġika ta' Pawlu.
   iii) Il-predikazzjoni ta' Pawlu tistqarr il-fidi waħda u komuni li tagħmel mill-Insara kollha Knisja waħda, anki jekk ħafna knejjes (komunitajiet).
   iv) Il-fidi tagħna llum (u dik ta' għada) hi l-istess u l-kontinwità tal-istess fidi fil-ġrajja tas-Salib u tal-Qawmien li kienet sa mill-bidu. Il-predikazzjoni tal-*kerygma* għadha sejra, l-istess illum bħall-bieraħ, u bħal tpoġġina fir-rakkont tat-Testment il-Ġdid.
      (1) Kredu: Knisja Waħda… Appostolika.

**4) Ir-rakkonti tal-Qawmien fil-kitbiet ta' Pawlu**

a) Pawlu ma kellux l-intenzjoni li jikteb "trattat teoloġiku" fuq il-Qawmien. Pawlu jikteb biex "iwieġeb" għal dubji u diffikultajiet konkreti tal-Insara fil-komunitajiet tiegħu.
   i) Il-kitba tiegħu hi espressjoni ta' dak li ġara (fatti storiċi), u li hu konvint minnu u jemmen fih.
   ii) Pawlu jwieġeb bl-essenzjal: aħna ġejna salvati (magħmulin ġusti) permezz ta' Kristu, li miet u qam mill-mewt.
   iii) Kieku ma seħħx il-Qawmien, il-ħajja Nisranija ma jkollhiex sens, tkun għalxejn.

**5) Il-Qawmien: ġrajja vera u unika**

a) Nhar il-Qawmien seħħet xi ħaġa straordinarja, xi ħaġa ġdida, xi ħaġa konkreta, immarkata b'sinjali preċiżi u li għamlu esperjenza tagħha ħafna xhieda.

b) Għall-Pawlu, u għall-kittieba l-oħra tat-Testment il-Ġdid, il-Qawmien hu marbut mill-qrib max-xhieda ta' dawk li kellhom esperjenza diretta ta' Kristu Rxoxt.
   i) Dan ifisser kemm permezz tal-fakultajiet tas-sensi, u kemm permezz ta' dawl interjuri li jgħin biex wieħed jifhem dak li s-sensi esterni jaffermaw b'mod oġġettiv.
      (1) *Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom* (1 Ġw 1:1).
      (2) *Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni…* (Lq 24:39).

**6) Il-valur tax-xhieda fir-rakkonti tal-Qawmien**

a) Ix-xhieda tal-Qawmien ta' Kristu hi kundizzjoni fundamentali biex wieħed jemmen fi Kristu Rxoxt:
   i) Dawn raw lil Kristu ħaj wara l-mewt u d-difna, missewh, tkellmu u kielu miegħu…

b) Pawlu, bħall-erba' vanġeli, jagħti importanza primarja lit-tema tad-dehriet tal-Irxoxt. Hemm żewġ dettalji:
   i) il-qabar hu vojt…,
   ii) Kristu deher!
      (1) *U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax. Deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa flimkien. Ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum; xi wħud minnhom raqdu. Imbagħad deher lil Ġakbu u lill-Appostli kollha. Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd, qisni twelidt mormi qabel il-waqt* (1 Kor 15:4-18).
      (2) F'diversi ittri Pawlu jgħid li "ra lill-Mulej" (1 Kor 9:1…).
      (3) Biex jiddefendi l-ministeru tiegħu, spiss jirreferi għall-esperjenza personali li kellu ta' Kristu.

c) Ix-xhieda tal-Appostli u tal-ewwel dixxipli għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra… sal-lum.

**7) Fil-predikazzjoni tiegħu, il-Qawmien hu sintesi tal-Vanġelu (l-Aħbar it-Tajba) u l-quċċata tar-Rivelazzjoni salvifika**

a) Kemm fl-Ittri tiegħu u kemm fir-rakkonti tal-Atti, l-għan ta' Pawlu hu li jagħti xhieda tal-Qawmien:
   i) *Għalhekk li qiegħed isir ħaqq minni, minħabba t-tama fil-qawmien minn bejn l-imwiet* (Atti 23:6);
   ii) *Aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet* (1 Tess 4:14).

**8) It-tifsira profonda tal-Qawmien ta' Ġesù għal San Pawl: Ġesù hu l-Iben ta' Alla**

a) **Wara elfejn sena, l-istqarrija li "Kristu qam mill-mewt" għadha relevanti għalina?** Fit-tifsira li jagħtina Pawlu nistgħu nsibu t-tifsira tagħna llum ukoll.
   i) *Pawlu, qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun Appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla. Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u, skond l-Ispirtu s-Santu, ġie rrivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet* (Rum 1:1-4).

b) **Ġesù hu l-Iben t'Alla, hu Alla**
   i) Pawlu jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla sa mill-bidu tal-Inkarnazzjoni tiegħu.
   ii) Fil-Qawmien tidher "il-qawwa" ta' din il-verità, għax Ġesù ġie merfugħ 'il fuq fuq kull dgħufija umana:
      (1) *Hu, li għad li kellu n-natura ta' Alla… Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem* (Fil 2:6,9);
      (2) *Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta'* Alla (1 Kor 1:24).
   iii) Il-Qawmien "jagħti xhieda" tal-qawwa ta' Kristu, l-Imsallab, bħala Iben Alla: Ġesù hu Alla, il-Mulej.

c) **Għal Pawlu, in-natura divina ta' Kristu tiġi mmanifestata aktar fil-Qawmien milli fl-Inkarnazzjoni:**
   i) f'San Pawl,
      (1) it-titlu "Messija" (il-Midluk) jibda jsir isem propju ta' Ġesù;

(2) it-titlu "Mulej" jindika r-relazzjoni ta' Kristu ma' dawk li jemmnu;
(3) it-titlu "Iben Alla" jindika r-relazzjoni intima bejn Ġesù u Alla, relazzjoni li "tinkixef" fil-Misteru tal-Għid.

d) **Permezz tal-Qawmien, Kristu jsir is-Salvatur tal-bnedmin.**
   i) *Kristu għalhekk miet u rxoxta, biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin* (Rum 14:9).
   ii) *U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom* (2 Kor 5:15).

9) **Imsejħin biex nipparteċipaw fil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu**

a) **Sa mill-Magħmudija u permezz tagħha nieħdu sehem f'din il-ġrajja salvifika.**
   i) *Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-Qawmien tiegħu mill-mewt* (Rum 6:3-5).

b) **Ifisser nieħdu sehem ukoll fit-tbatija ta' Kristu. San Pawl jistqarr dan b'mod personali.**
   i) *Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet* (Fil 3:10-11).
   ii) *Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skond l-Evanġelju li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sal-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-Kelma ta' Alla m'hijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal dejjem fi Kristu Ġesù* (2 Tim 2:8-10).
   iii) *Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja* (Kol 1:24).

c) **It-Teoloġija tas-Salib hi realtà tal-ħajja Nisranija**.
   i) Li temmen f'Ġesù jimplika s-sagrifiċċju, it-tbatija.
   ii) Il-Kristjaneżmu mhux triq ħafifa, hu telgħa, imma waħda mdawla bid-dija ta' Kristu u bit-tama li titnissel minnu.
      (1) Santu Wistin*: L-Insara m'humiex meħlusa mit-tbatija, filfatt iridu jsofru xi ftit iżjed, għax li tgħix il-fidi jimplika l-kuraġġ li tħares lejn il-problemi tal-ħajja u lejn l-istorja b'aktar profondità.*

d) **Hu biss mit-tbatija li nistgħu nagħrfu l-ħajja fil-verità u fis-sbuħija tagħha**.

e) **In-Nisrani jsib ruħu bejn żewġt itruf:**
   i) il-Qawmien, li diġà qed jaħdem fina:
      (1) *Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla* (Kol 3:3);

ii) il-kuraġġ li nidħlu fil-proċess li jwassal għas-salvazzjoni sħiħa tagħna fil-Qawmien:
   (1) *Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla; għax il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa – mhux minn rajh, imma minħabba Alla li xeħtu taħtha – bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla. Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. Aħna salvi bit-tama* (Rum 8:18-24).

## 10) Sintesi tat-Teoloġija tal-Qawmien

a) **Is-Salvazzjoni tinkiseb bil-fidi u bl-istqarrija tal-fidi (xhieda).**
   i) *Għax jekk inti tistqarr b'fommok "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni* (Rum 10:9-10).

b) **Il-fidi u l-istqarrija tagħna tal-fidi jagħmlu preżenti llum fl-istorja l-verità tas-Salib u tal-Qawmien.**
   i) Hekk in-Nisrani jsir parti minn dak il-proċess li permezz tiegħu dak li twieled mill-ewwel Adam – tal-art, korruttibbli – jiġi ttrasformat f'Adam il-ġdid, Kristu – tas-sema, inkorruttibbli.
   ii) Dan il-proċess kien mibdi bil-Qawmien ta' Kristu, li fih ukoll għandna t-tama li aħna wkoll għad nissieħbu ma' Kristu fid-dar tagħna fis-Sema.

## 3. Il-Ħajja ta' dejjem

### 1) Mill-Qawmien għat-Tieni Miġja (Parusija)

a) Il-ġrajja tal-Qawmien tiftaħ il-paġna tat-Tieni Miġja ta' Kristu.
   i) Dan jgħinna nirriflettu dwar x'inhi r-relazzjoni bejn iż-żmien ta' issa (iż-żmien tal-Knisja) u s-Saltna ta' Kristu, u l-futur (*éschaton* – eskatoloġija) li qed jistennina meta Kristu jerħi s-Saltna f'idejn Alla l-Missier.
      (1) *Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa* (1 Kor 15:22-24).

b) Kull diskors li nagħmlu bħala Nsara dwar l-Eskatoloġija (l-affarijiet tal-aħħar; eż. il-funerali, il-Quddies għall-mejtin, il-kura taċ-ċimiterji u l-oqbra, ix-xahar ta' Novembru, il-liturġija tal-Avvent, iċ-ċiklu liturġiku kollu…) għandu l-bidu tiegħu fil-ġrajja tal-Qawmien:
   i) f'ċertu sens, il-"ħwejjeġ tal-aħħar" diġà bdew, diġà huma preżenti.

### 2) L-Ittri lill-Insara ta' Tessalonika – l-ewwel kitbiet ta' San Pawl

a) **L-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin.**

   i) Aktarx li l-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin Pawlu kitibha fis-sena 52WK.
   ii) Fiha jitkellem fuq it-tieni miġja ta' Ġesù (imsejħa parusija, *it-tieni* Avvent), jiġifieri l-manifestazzjoni ġdida u definittiva tiegħu:
      (1) *Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin, biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama. Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù. Dan ngħidulkom fuq il-Kelma tal-Mulej, jiġifieri li aħna li nkunu għadna hawn ħajjin għall-miġja tal-Mulej, ma mmorrux qabel dawk li jkunu raqdu. Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-Sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem* (1 Tess 4:13-18).
   iii) **Dubji u diffikultajiet** tal-Insara ta' Tessalonika dwar il-ħajja ta' wara l-mewt, u x-xorti ta' dawk li mietu:
      (1) *Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin, biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama* (1 Tess 4:13);
      (2) *Dwar il-ħin u ż-żmien, ħuti, ma għandix bżonn niktbilkom* (1 Tess 5:1).
   iv) Pawlu kiteb biex **iwieġeb** għall-mistoqsijiet tal-Insara ta' Tessalonika:
      (1) *Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù* (1 Tess 4:14).
   v) Pawlu **jiddeskrivi** t-tieni miġja ta' Kristu bi xbihat ikkuluriti u simboliċi (*mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-Sema… ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru* (1 Tess 4:16-17)).

vi) Imma fl-istess waqt iwassal **messaġġ sempliċi u ċar** ħafna: Aħna se nkunu mal-Mulej għal dejjem.
   (1) Lil hemm mil-lingwaġġ figurattiv u kkulurit, l-essenza tal-messaġġ hi: **il-futur tagħna hu li "inkunu mal-Mulej għal dejjem".** Aħna nemmnu li minn issa aħna diġà magħqudin mal-Mulej: il-futur tagħna, l-eternità, diġà beda.

b) **It-Tieni Ittra lit-Tessalonkin**

   i) Hemm **żvilupp** fuq l-ewwel ittra.
   ii) Pawlu jitkellem fuq fatti negattivi qabel it-tieni miġja, prattikament id-dnub tal-**idolatrija**:
      (1) *Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod! L-aħħar jum ma jkunx magħna qabel ma tkun seħħet ir-rewwixta u jinkixef il-Bniedem tad-dnub, ikkundannat għat-telfien* (2 Tess 2:3);
      (2) fit-Tradizzjoni Neotestamentarja daħal it-terminu "Antikrist".
   iii) Il-miġja tal-Mulej **mhix imminenti**: għalhekk inutli li wieħed joqgħod jagħmel il-kalkoli u jiffissa l-ġurnata u s-sena meta se sseħħ, meta hu "l-aħħar tad-dinja".
      (1) *Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi mingħandna. Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!* (2 Tess 2:1-3).
   iv) Pawlu, aktar milli jidħol f'kunsiderazzjonijiet teoloġiċi, għandu għan prattiku x'jilħaq: jeħodha kontra atteġġjament ta' għażż, telqa, sfiduċja… li kien hemm fost xi membri tal-komunità:
      (1) *Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u għajxienhom jaqilgħuh* (2 Tess 3:10-12).

## 3) L-istennija tat-tieni miġja

a) **Mill-Quddiesa**: *Eħlisna, nitolbuk, Mulej… aħna u nistennew u nittamaw it-tieni miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*

b) **Mill-Kredu**: *Għandu jerġa' jiġi bil-glorja, biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. U s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.*
   i) *At the conclusion of the central section of the Church's great Credo—the part that recounts the mystery of Christ, from his eternal birth of the Father and his temporal birth of the Virgin Mary, through his Cross and Resurrection to the second coming—we find the phrase: "he will come again in glory to judge the living and the dead". **From the earliest times, the prospect of the Judgement has influenced Christians in their daily living as a criterion by which to order their present life, as a summons to their conscience, and at the same time as hope in God's justice**. Faith in Christ has never looked*

*merely backwards or merely upwards, but always also forwards to the hour of justice that the Lord repeatedly proclaimed.* ***This looking ahead has given Christianity its importance for the present moment****. In the arrangement of Christian sacred buildings, which were intended to make visible the historic and cosmic breadth of faith in Christ, it became customary to depict* ***the Lord returning as a king—the symbol of hope—at the east end; while the west wall normally portrayed the Last Judgement as a symbol of our responsibility for our lives****—a scene which followed and accompanied the faithful as they went out to resume their daily routine. As the iconography of the Last Judgement developed, however, more and more prominence was given to its ominous and frightening aspects, which obviously held more fascination for artists than the splendour of hope, often all too well concealed beneath the horrors* (*Spe salvi*, 41).

c) **Stennija attiva u responsabbli**:
   i) Mhux talli m'għandniex skużi biex nitgħażżnu, talli l-istennija tat-tieni miġja tagħmilna responsabbli quddiem Alla l-Imħallef tal-azzjonijiet tagħna fid-dinja:
      (1) *U intom, ħuti, agħmlu l-ġid bla qatt ma tegħjew* (2 Tess 3:13);
      (2) ara l-parabbola tat-talenti (Mt 25:14-30).

   ii) In-Nisrani għandu responsabbiltà quddiem Alla tal-ħajja tiegħu fuq l-art f'relazzjoni mal-oħrajn u mal-ħolqien:
      (1) *Throughout the course of the centuries, men have labored to better the circumstances of their lives through a monumental amount of individual and collective effort. To believers, this point is settled: considered in itself, this* ***human activity accords with God's will****. For man, created to God's image, received a mandate to subject to himself the earth and all it contains, and to govern the world with justice and holiness; a mandate to relate himself and the totality of things to Him Who was to be acknowledged as the Lord and Creator of all. Thus, by the subjection of all things to man, the name of God would be wonderful in all the earth.This mandate concerns the whole of everyday activity as well. For while providing the substance of life for themselves and their families, men and women are performing their activities in a way which appropriately benefits society. They can justly consider that* ***by their labor they are unfolding the Creator's work, consulting the advantages of their brother men, and are contributing by their personal industry to the realization history of the divine plan.Thus, far from thinking that works produced by man's own talent and energy are in opposition to God's power, and that the rational creature exists as a kind of rival to the Creator, Christians are convinced that the triumphs of the human race are a sign of God's grace and the flowering of His own mysterious design****. For the greater man's power becomes, the farther his individual and community responsibility extends. Hence it is clear that* ***men are not deterred by the Christian message from building up the world, or impelled to neglect the welfare of their fellows, but that they are rather more stringently bound to do these very things*** (*Gaudium et spes*, 34).

d) **Il-ħajja tan-Nisrani fid-dinja miexja f'direzzjoni, lejn Alla**:
   i) il-**mewt** hi l-mezz biex wieħed ikun definittivament ma' Alla;
   ii) il-ħajja tan-Nisrani tieħu s-**sens sħiħ** tagħha fid-dawl tal-għaqda m'Alla;
   iii) allura ż-**żmien** tal-ħajja hu żmien fejn wieħed diġà jgħix magħqud ma' Kristu u jgħix għalih fl-għotja tiegħu nnifsu għas-salvazzjoni tal-oħrajn:
      (1) *Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ. Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott tax-xogħol tiegħi. X'naqbad nagħmel ma nafx; ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija; min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom. Minn dan jiena żgur; għalhekk naf li se nibqa' hawn, u nkun magħkom għall-ġid u l-hena tagħkom fil-fidi. Mela, meta nerġa' niġi għandkom, ikollkom aktar biex tiftaħru bija fi Kristu Ġesù* (Fil 1:21-26).

## 4) Il-konvinzjonijiet bażiċi tat-twemmin Nisrani dwar il-ħwejjeġ tal-aħħar (il-mewt u t-tmiem tad-dinja)

a) **Ġesù qam rebbieħ fuq il-mewt u jinsab fuq il-lemin tal-Missier.**
   i) Ħadd m'hu aqwa minn Ġesù: hu ħareġ rebbieħ; għalhekk m'għandniex għax nibżgħu: aħna ninsabu fiċ-ċert.
   ii) Ħadd u xejn ma jista' qatt jifridna mill-imħabba ta' Kristu:
      (1) *Jekk Alla hu magħna, min jista' jkun kontra tagħna?… Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna* (Rum 8:31,38-39).

b) **Ġesù jinsab magħna**, u għalhekk jimla bit-**tama** l-ħajja tagħna.
   i) Meta Ġesù rritorna għand il-Missier hu baqa' magħna wkoll:
      (1) *Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien* (Mt 28:20);
      (2) *Ma nħallikomx iltiema* (Ġw 14:18);
      (3) *Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu* (Gal 2:20).
   ii) Il-futur fi Kristu diġà hu mibdi: din hi ċ-ċertezza tat-tama.
      (1) Il-futur m'huwiex imdallam hekk li ħadd ma jista' jsib it-triq. Kristu hu t-triq, il-verità u l-ħajja.
      (2) Id-dawl ta' Kristu hu aqwa mid-dlamijiet tal-eżistenza: in-Nisrani għalhekk jgħix bit-tama li tmexxih lejn il-futur:
         (a) *Aħna niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla… U din it-tama ma tqarraqx bina* (Rum 5:2,5);
         (b) *Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina* (Rum 8:18);
         (c) *Aħna salvi bit-tama. Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama; għax kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa jkun ra? Imma dak li qegħdin nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qed nistennewh bis-sabar* (Rum 8:24-25).

c) **Ġesù se jerġa' jiġi bħala Mħallef u Salvatur**

i) Ġesù **mħallef**.

(1) Ġesù għad jagħmel ġudizzju minna: *Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej: hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu* (1 Kor 4:5).

(2) Aħna responsabbli quddiem Alla ta' ħajjitna f'din l-art u tal-eternità ta' ruħna (San Tumas More: "Ruħ waħda għandi!").

(3) Ġesù fdalna d-doni tiegħu, l-imħabba tiegħu, u t-twettieq tal-kelma tiegħu (il-parabbola tat-talenti).

(4) Aħna responsabbli wkoll tad-dinja u tal-bnedmin l-oħra (l-imħabba tal-aħwa).

ii) Ġesù **salvatur**.

(1) Aħna ċerti li Alla hu ħanin: *Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu…* (Efes 2:4-5).

(2) Ma jfissirx li għax Alla ħanin, kollox jgħaddi! Inkunu nqarrqu bina nfusna. Hu Alla li jsalvana – bl-imħabba u l-ħniena li wriena fi Kristu, speċjalment fuq is-Salib –, imma aħna nibqgħu responsabbli li nersqu lejn Kristu, li nwettqu l-imħabba tiegħu fina u fid-dinja.

(3) Imma fiduċjużi li l-imħallef tagħna hu twajjeb. It-tjubija tiegħu dehret fil-wiċċ ta' Kristu: *Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu* (Lhud 4:16).

## 5) Is-salvazzjoni hi miftuħa u offerta lil kulħadd

a) **Ġesù miet għal kulħadd.**

i) *Alla s-Salvatur tagħna, (li) jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw…* (1 Tim 2:3-4).

b) **Ġesù hu l-uniku salvatur.**

i) *Fl-isem ta' Ġesù – fis-Sema, fl-art u f'qiegħ l-art – il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier"* (Fil 2:10-11).

c) **Il-Knisja taħdem biex il-bnedmin kollha jaslu għall-verità fi Kristu.**

i) *L-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi* (Rum 1:16).

ii) *L-Iskrittura tgħid: "Kulmin jemmen fih ma jintilifx". Ma hemmx għażla bejn Lhud u Grieg; hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kulmin isejjaħ isem il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?* (Rum 10:11-15).

6) **It-Talba tal-*"Maranà, thà!"* – "Ejja, Mulej Ġesù!"**

a) Talba tal-ewwel komunitajiet Insara tal-Palestina (1 Kor 16:22), kif ukoll tal-ktieb tal-Apokalissi (22:20).

b) **Tista' ssir it-talba tan-Nisrani llum?!**
   i) Diffiċli jgħaddilna minn moħħna li nitolbu bis-sinċerità biex "tintemm id-dinja" u "tiġi Ġerusalemm tas-Sema", iseħħ "il-Ġudizzju Universali" u jiġi "Kristu bħala mħallef"!
   ii) Anki jekk din l-idea għal diversi raġunijiet inwarrbuha, xorta nistgħu nitolbu bħall-ewwel Insara: "Ejja, Mulej Ġesù!".
      (1) Aħna ma nixtiqux it-tmiem tad-dinja!
      (2) Imma nixtiequ li jintemmu l-inġustizzji fid-dinja.
      (3) Irridu li d-dinja "tinbidel", fejn isaltnu l-imħabba u l-paċi, il-ġustizzja, fejn ma jkunx hemm vjolenza, ġuħ…

c) **Kristu fid-dinja jista' jibdel tassew id-dinja jekk jinbidlu l-bnedmin!**
   i) Mingħajr Kristu ma jistax ikun hemm tiġdid veru fid-dinja.
   ii) Għalhekk jeħtieġ nagħmlu din it-talba tagħna wkoll.
      (1) *Ejja, Mulej Ġesù! Ejja bil-mod tiegħek, kif taf int. Ejja kulfejn hemm l-inġustizzja u l-vjolenza… Ejja fejn għadhom ma jafux bik… Ejja fil-qlub tagħna, ġedded ħajjitna, ejja fi qlubna biex insiru d-dawl tiegħek fid-dinja…*

## 4. Il-Ħajja ġdida permezz tal-grazzja

### 1) Il-preżenza tad-dnub fid-dinja

a) **Id-dnub jeżisti għax il-bniedem jidneb.**
   i) Id-dnub jeħodha kontra dak li hu veru.
   ii) Hu l-użu żbaljat tal-libertà li jwassal għad-dnub.
   iii) Sa mill-bidu, l-istorja Biblika tixhed li kull darba li l-bniedem tbiegħed minn Alla biex jagħmel li jrid, farrak l-ordni tal-ħolqien, u r-relazzjoni tiegħu ma' Alla u mal-bnedmin: kisser ir-relazzjonijiet l-aktar fundamentali.
   iv) Id-dnub daħal kulfejn hemm il-bniedem: fl-istrutturi soċjali…

b) **Fejn tidher ir-realtà tad-dnub?**
   i) Fl-esperjenza ta' kull bniedem hemm sinjal tad-dnub… hu preżenti fl-istorja ta' kuljum tal-bniedem.
   ii) San Pawl jesprimi din il-verità fl-Ittra lir-Rumani:
      (1) *Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb m'hux hemm. M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx* (Rum 7:18-19).
   iii) Id-dnub donnu sar "parti min-natura tal-bniedem" – m'hemmx żmien fl-istorja tal-bniedem fejn m'hemmx id-dnub (Blaise Pascal: "it-tieni natura" tagħna li ġġagħalna naħsbu li d-dnub hu "normali" għax hu parti min-"natura" tagħna).

### 2) Mnejn ġej id-dnub? Għandu bidu?

a) **Ir-rakkont tad-dnub oriġinali (Ġen 3; Rum 5:12-21).**
   i) *Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu…* (Rum 5:12).
   ii) Id-"dnub oriġinali" ma jistax jinftiehem jekk mhux
      (1) fid-dawl tal-esperjenza tad-dnub tal-bniedem illum u tal-bnedmin ta' kull żmien (hemm "storja tad-dnub", li hi l-istorja tal-bniedem);
      (2) fid-dawl tal-ġrajja tas-salvazzjoni mwettqa minn Kristu (hemm "storja oħra", li hi l-istorja tas-salvazzjoni, kif irrivelata fl-Iskrittura).

b) **Id-dnub għandu bidu (għalhekk "oriġinali") jew minn dejjem hu parti min-natura tal-bniedem?**
   i) Fid-dawl tal-istorja tal-evoluzzjoni, illum jagħmel aktar sens id-dnub oriġinali: li darba ġara dnub li daħal fl-istorja kollha tal-umanità? Id-dnub "oriġinali" seħħ jew le?
   ii) Jekk m'hemmx dnub oriġinali, jekk m'hemmx stat fejn il-bniedem ma kellux dnub, ifisser li l-bniedem kien midneb sa minn dejjem, li n-natura tiegħu hi sa mill-bidu midinba, li Alla ħalaq bniedem midneb…
   iii) Kien hemm teoriji li ppruvaw jispjegaw ir-realtà tal-eżistenza tad-dnub permezz tad-Duwaliżmu: li hemm żewġ "allat" daqs xulxin, wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin.

c) **Mnejn ġej mela d-dnub oriġinali?**
   i) Jibqa' misteru mdallam, li tista' tipprova tpittru f'immaġni (ara r-rakkont tal-Ġenesi) imma mhux tfissru għal kollox… għax id-dnub oriġinali jmur kontra l-loġika.
   ii) Imma jeżisti, jeħodha kontra l-bniedem, kontra t-tajjeb, u ġej minn għajn subordinata għal Alla.

## 3) Kristu: il-"bidu ġdid"

a) **Jekk fil-bniedem hemm il-konsapevolezza tad-dnub, hemm ukoll ix-xewqa ta' ħelsien, ta' fidwa… f'kull settur tal-esperjenza tal-bniedem.**
   i) Kuldarba li jsir il-ħażen, id-dnub… il-bniedem "jgħajjat" biex issir bidla.
   ii) Anki jekk ma nsejħux il-"ħażen" fid-dinja bl-istess lingwaġġ (reliġjuż), kulħadd hu konxju mill-effetti tal-ħażen fis-soċjetà u mill-fatt li l-ħażen jingħeleb jekk il-bniedem jinbidel.

b) **Is-salvazzjoni ta' Kristu.**
   i) Jekk fir-Rivelazzjoni Biblika hemm id-dlam tad-dnub, hemm ukoll id-dawl ta' Alla. Alla hu akbar mid-dnub, u d-dnub jista' jintrebaħ.

c) Kristu rebaħ fuq id-dnub u miegħu rebbaħ il-bniedem.
   i) Il-paragun bejn Kristu u Adam (Rum 5:12ss): m'hemmx "paragun"!
      (1) *Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja* (Rum 5:20).
      (2) *Imma d-don m'huwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed, li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra* (Rum 5:15).
   ii) Permezz ta' Ġesù Kristu, Alla xerred bl-abbundanza fuq l-umanità kollha l-grazzja tiegħu li dejjem hi akbar mid-dnub.
      (1) Ġesù ta bidu għal umanità ġdida, l-umanità mifdija, mibnija fuq l-"iva" tiegħu lill-Missier.

## 4) Kif nistgħu nipparteċipaw fil-bidu ġdid ta' Kristu?

a) Fil-bidu naturali (il-ħolqien) nipparteċipaw bin-natura umana (bioloġikament), b'mod awtomatiku-naturali. Imma **kif nistgħu nipparteċipaw fil-bidu ġdid li ġab Kristu, fl-umanità ġdida?** Kif jista' Ġesù jidħol fil-ħajja tiegħi, fl-eżistenza tiegħi?

b) San Pawl (flimkien mat-Testment il-Ġdid): **Ġesù jiġi fina permezz tal-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu ta' Kristu Rxoxt.**
   i) Nhar Pentekoste l-Ispirtu ta bidu għal umanità ġdida, il-komunità l-ġdida, il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu.

c) B'mod konkret, **kif jista' l-Ispirtu ta' Kristu, l-Ispirtu s-Santu, isir l-Ispirtu tiegħi?** Tliet modi marbutin mill-qrib ma' xulxin:
   i) bit-"tqanqil" minn ġewwa: l-Ispirtu jħabbat fuq il-bieb ta' qalbi, iqanqalni minn ġewwa;

ii) bl-istqarrija tal-fidi, li hi t-tweġiba tal-persuna għall-Kelma mxandra;
iii) permezz tas-sagramenti – speċjalment tal-Magħmudija u l-Ewkaristija:
   (1) permezz tal-aħħar tnejn, l-Ispirtu joħloq il-komunità, jiġbor flimkien l-imxerrdin, jeqred id-diviżjonijiet u l-firda, u jibni l-ġemgħa, li huma karatteristiċi tal-bidu l-ġdid.

**5) L-istqarrija tal-fidi**

a) *Għax jekk inti tistqarr b'fommok "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva* (Rum 10:9).
   i) "Issalva" jfisser tidħol fl-istorja ġdida mibdija minn Ġesù, storja ta' ħajja u mhux ta' mewt.
   ii) Din hi l-adeżjoni tal-fidi.

b) **Mnejn se tiġi l-fidi?**
   i) *Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?… Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu* (Rum 10:14-15,17).
   ii) It-tħabbir tal-Kelma hu l-kontinwazzjoni tal-opra ta' Ġesù. Fil-Kelma mxandra hu Alla nnifsu li jitkellem, permezz tal-Verb li sar laħam:
      (1) *U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità* (Ġw 1:14).
   iii) Il-fidi mhix prodott tar-riflessjoni tagħna; mhix xi ħaġa ġdida li nivvintaw aħna, imma rigal li aħna nilqgħu mingħand Alla.
   iv) Il-fidi ma tiġix minn kemm naqraw kotba, imma minn kemm kapaċi nisimgħu. Hu rigal imwassal lilna, mogħti lilna, li aħna nilqgħu jew nirrifjutaw.
   v) Il-fidi m'hix biss xi ħaġa interjuri, imma wkoll **relazzjoni** ma' Xiħadd. Timplika laqgħa ma' min qed ixandar; timplika l-eżistenza ta' IEĦOR, ta' Alla, li joħloq il-komunjoni.

c) **Kif nidħlu fl-"istorja ta' Ġesù"?** Kif insiru parti mill-umanità l-ġdida?
   i) Permezz tal-Magħmudija.

**6) Il-Magħmudija**

a) **Il-Magħmudija hi twelid ġdid mill-ilma u mill-Ispirtu.**
   i) *Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla* (Ġw 3:5).

b) **San Pawl jitkellem fuq il-Magħmudija f'Rumani 6**. Il-Magħmudija, għal San Pawl, iddaħħalna fil-ħajja ġdida mibdija minn Kristu.
   i) *Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida* (Rum 6:3-4).

c) **Tliet aspetti ta' dak li jgħallimna San Pawl dwar il-Magħmudija**.
   i) Aħna **ġejna mgħammda**.

(1) Ħadd ma jista' jgħammed lilu nnifsu. Il-Magħmudija nirċevuha. Ħadd ma jista' jsir Nisrani waħdu, minnu nnifsu. Aħna nsiru Nsara għax xi ħadd ieħor jgħaddilna l-fidi.
(2) Dan ix-xiħadd ieħor hu l-komunità, il-Knisja. Mill-Knisja nirċievu l-fidi, il-Magħmudija. Jekk ma nħallux il-Knisja tiffurmana, ma nistgħux insiru Nsara. Ebda Nisrani ma jista' jkun awtonomu: hi kontradizzjoni.
(3) Mill-banda l-oħra, anqas il-Knisja ma taġixxi weħidha, skond dak li jidhrilha. Hi dejjem *"at the receiving end"*: hu Kristu nnifsu li jikkostitwixxi l-Knisja; hu r-Ras tal-Knisja; hu "jagħti" is-sagramenti: *Hu preżenti fis-sagramenti, biex meta wieħed jgħammed fil-verità hu Kristu nnifsu li jgħammed* (*Sacrosanctum Concilium*, 7).

ii) **Il-Magħmudija hi mewt u qawmien**.
(1) Il-Magħmudija hi aktar minn ħasil: hi parteċipazzjoni fil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu: il-bidu ġdid.
(2) Fl-Ittra lill-Galatin, Pawlu nnifsu jitkellem fuq dan il-bidu ġdid, fuq il-laqgħa ma' Kristu, bħala mewt:
(a) *Imma jien permezz tal-Liġi mitt għal-Liġi biex ngħix għal Alla; issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu* (Gal 2:19-20).
(3) L-istess jgħid għall-Insara, fl-Ittra lill-Kolossin:
(a) *Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-Sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla… Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla* (Kol 3:1,3).
(4) Il-Magħmudija mhix operazzjoni kirurġika, xi *"cosmetic surgery"*. Hi twelid ġdid, bidu ġdid… li ma jeqridx it-tajjeb li hemm fil-bniedem, imma joħorġu aktar bil-qawwa.

d) **Il-Magħmudija hi ħajja ġdida**.
i) Il-Magħmudija, bħal kull sagrament ieħor, mhix realtà spiritwali biss. Hemm in-natura, hemm il-ġisem, hemm l-uman.
ii) Il-Magħmudija mhix verità statika, imma dinamika. Mhix biss akkwist, imma impenn.
iii) Il-Magħmudija hi indirizzata lejn l-art ġdida u s-smewwiet ġodda. Hi impenn biex wieħed jibni l-ġdid, il-ħajja ġdida.

## 7) L-Ewkaristija

a) **Ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija.**
i) Pawlu jittrażmetti verbalment il-ġrajja li hu rċieva minn dawk li kienu xhieda ta' dak li ġara:
(1) *Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'Demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi"* (1 Kor 11:23-25).
b) Kalċi: ***il-patt il-ġdid b'demmi***.
i) Dawn il-kelmiet jagħmlu riferiment għal żewġ siltiet tat-Testment il-Qadim:

(1) **Ġer 31:31**: *Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda*: issa qed iseħħ il-patt il-ġdid, il-patt qed jilħaq il-milja tiegħu;

(2) **Eż 24:8:** *Mosè mbagħad ħa d-demm u, hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: "Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skond dan il-kliem kollu"*: is-sagrifiċċju veru li jissiġilla l-patt mhux dak tal-annimali, li jista' joffri l-bniedem, imma dak li Kristu nnifsu offra, is-sagrifiċċju tiegħu stess. Is-sagrifiċċju veru hu l-imħabba ta' Kristu.

ii) Permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, Kristu jagħtina lilu nnifsu, biex jagħmilna ħaġa waħda miegħu, u hekk jagħmilna dejjem aktar ħolqien ġdid.

c) **Il-karattru personali u soċjali tal-Ewkaristija.**

i) *Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda* (1 Kor 10:16-17).

**ii) Għaqda mal-ġisem ta' Kristu.**

(1) Kristu personalment jingħaqad ma' kull wieħed u waħda minna; imma jfisser ukoll li Kristu jingħaqad ma' min hemm maġenbi. Hekk Kristu mhux biss jgħaqqad lil kull wieħed/waħda miegħu nnifsu, imma wkoll jgħaqqadna flimkien miegħu u flimkien bejnietna.

(2) L-Ewkaristija mingħajr għaqda, mingħajr solidarjetà, hi Ewkaristija abbużata. Din hi l-bażi tat-tagħlim dwar il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu Rxoxt.

(3) Meta nieklu, l-ikel isir parti minna. Meta nirċievu l-Ewkaristija, aħna nsiru parti minn Ġesù: Kristu jagħmilna parti minnu, parti mill-Ġisem tiegħu, parti mill-Knisja. Hawn jinftiehem id-diskors tal-karizmi (Rum 12).

(4) Il-Knisja għalhekk mhix biss korporazzjoni (ġabra ta' persuni), imma ġisem; mhix biss organizzazzjoni, imma organiżmu.

## 8) Is-sagrament taż-Żwieġ

a) ***Misteru kbir*** (Efes 5:32).

i) Pawlu jitkellem l-aktar dwar iż-żwieġ fl-Ittra lill-Efesin, fejn żviluppa teoloġija taż-Żwieġ.

ii) Iż-Żwieġ hu meqjus "misteru kbir". Dan jingħad f'riferiment għal Kristu u għall-Knisja (Efes 5:32).

b) ***Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu*** (Efes 5:21).

i) Is-"sottomissjoni" trid tinftiehem fir-relazzjoni ta' Kristu mal-Knisja.

ii) Dak li hu eżaltat f'din ir-relazzjoni hu l-imħabba bejn il-miżżewġin.

c) **Tisħiħ taż-Żwieġ.**

i) Żwieġ jissaħħaħ meta l-uman u l-emozzjonali jingħaqdu mal-qdusija li jagħti Kristu, speċjalment fl-għaqda Ewkaristika.

## 9) *Il-Mulej qorob* (Fil 4:5)

a) Il-Mulej fil-qrib permezz tal-Kelma u tas-sagramenti.

## 5. Il-Qima Spiritwali

### 1) Il-valur tat-talb f'San Pawl

a) San Pawl jagħti valur lit-talb. Hu stess jitlob. Isemmi t-talb ta' tifħir, ta' radd il-ħajr, it-talb ta' interċessjoni, ta' invokazzjoni… Hu jitlob għal dawk li xandrilhom il-Vanġelu, jitlob għall-membri tal-komunitajiet li waqqaf…

b) Hu jrid li l-komunitajiet Insara jsostnu lil xulxin permezz tat-talb (2 Kor 9:14). Irid li l-presbiteri tal-Knisja – allura azzjoni liturġika tal-ġemgħa – imexxu t-talb (1 Tim 2:1). Iħeġġeġ biex isir talb għall-Insara kollha, u b'mod partikulari għal dawk li jxandru l-Vanġelu (Efes 6:18-19). It-talb għandu jsir drawwa f'kull ċirkustanza u f'kull bżonn (Fil 4:6). Iħeġġeġ lill-Insara biex jitolbu għalih, kemm biex ixandar il-Vanġelu, u kemm fil-mumenti diffiċli tal-ħajja tiegħu (Film 22; Fil 1:19…).

c) San Pawl jitkellem ukoll fuq l-"interċessjoni" tal-Ispirtu s-Santu fit-talb tal-Insara.

d) Ftit siltiet biex juruna l-post tat-talb fl-ittri Pawlini:

i) *Jixhidli Alla, li jien naqdi b'qalbi kollha billi nxandar l-Evanġelju ta' Ibnu, li jien niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi* (Rum 1:9);

ii) *Ma nixba' qatt niżżi ħajr minħabba fikom meta niftakar fikom fit-talb tiegħi* (Efes 1:16);

iii) *Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kulmeta niftakar fikom, u nitlob dejjem ferħan fit-talb tiegħi għalikom* (Fil 1:3-4);

iv) *Niżżu ħajr dejjem lil Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu, u nitolbu għalikom* (Kol 1:3);

v) *Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem* (Rum 8:26);

vi) *Nitlob bl-ispirtu; imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta s-salmi bl-ispirtu; imma nkanta b'moħħi wkoll* (1 Kor 14:15);

vii) *Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni* (2 Kor 12:8);

viii) *Kien hu li ħelisna minn daqstant perikli tal-mewt u għad jeħlisna; fih nittamaw li jerġa' jeħlisna bl-għajnuna tat-talb tagħkom għalina. Hekk ħafna, minħabba d-don li rċevejna aħna, iroddu l-ħajr għall-grazzji li qlajna bis-saħħa tat-talb ta' ħafna* (2 Kor 1:10-11);

ix) *Għax naf li dan bit-talb tagħkom u bl-għajnuna tal-Ispirtu ta' Ġesù Kristu, għad jisfali għas-salvazzjoni tiegħi* (Fil 1:19);

x) *Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha. Itolbu għalija wkoll, biex meta niftaħ fommi tingħatali l-kelma, ħalli b'wiċċi minn quddiem inxandar il-misteru tal-Evanġelju* (Efes 6:18-19);

xi) *Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied* (1 Tim 2:8);

xii) *Iċċaħħdux lil xulxin minn xulxin, jekk ma tkunux ftehimtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għat-talb…* (1 Kor 7:5);

xiii) *Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr* (Fil 4:6);

xiv) *Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu* (Efes 5:19-20).

**2) Il-qima spiritwali**

a) **X'nifhmu b'qima spiritwali?...**
   i) Mhix tant it-talb, iċ-ċelebrazzjonijiet personali jew komunitarji li nagħmlu, jew l-atti devozzjonali…
   ii) Il-qima spiritwali hi impenn li ningħaqdu ma' Kristu… fid-dawl tas-Salib tiegħu.

b) **Tliet siltiet fl-Ittra lir-Rumani fejn San Pawl jispjega kif għandha tkun il-qima spiritwali**:
   i) Rum 3:25,
   ii) Rum 12:1,
   iii) Rum 15:15ss.

**3) Rumani 3:25**

a) *Lilu Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet għal dawk li jemmnu fih. U dan bis-saħħa ta' demmu. B'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar bihom.*

b) Meta San Pawl jitkellem fuq is-***sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet*** hu għandu quddiem għajnejh **iċ-ċerimonja tal-maħfra – ir-rit propizjatorju – li kienet issir darba f'sena fil-Yom Kippur** (ara Lev 16:1ss).
   i) **L-għatu tal-Arka**: dan kien meqjus bħala l-eqreb punt ta' kuntatt bejn Alla u l-bniedem, il-punt tal-preżenza misterjuża ta' Alla fid-dinja tal-bnedmin, il-post fejn kienet tistrieħ il-glorja ta' Alla.
   ii) **It-traxxix tad-demm fuq l-għatu** (Lev 16:14-15): dan ir-rit kien jissimbolizza li d-dnubiet ta' sena sħiħa tal-poplu kienu qed jiġu f'kuntatt ma' Alla u jinbelgħu fl-abbiss tat-tjubija divina; id-dnubiet kienu jiġu assorbiti minn Alla, mirbuħa, maħfura. Il-ħajja issa setgħet tibda mill-ġdid. Dan ir-rit kien jesprimi x-xewqa tal-bniedem li jeħles minn dnubietu billi jitfagħhom fl-abbiss tal-ħniena divina, u hekk id-dnubiet jgħibu. Imma d-demm tal-annimali ma kellux il-qawwa li jakkwista l-maħfra tad-dnubiet. Kien hemm ħtieġa ta' kuntatt akbar bejn id-dnub tal-bniedem u l-imħabba divina.
   iii) **Il-maħfra permezz tas-Salib ta' Kristu**: dan il-kuntatt seħħ fuq is-Salib ta' Kristu. Kristu, l-Iben veru ta' Alla, li sar bniedem, refa' fuqu d-dnubiet tagħna. Hu nnifsu sar il-punt ta' kuntatt bejn il-miżerja tal-bniedem u l-ħniena divina. Fil-qalb tiegħu, il-ħażen kbir tad-dnub imwettaq mill-umanità jinħall u l-ħajja tibda mill-ġdid.

c) **Il-qima vera.**
   i) F'din il-bidla radikali San Pawl jgħid li l-qima l-antika li kienet issir fit-Tempju ta' Ġerusalemm permezz tas-sagrifiċċji tal-annimali ntemmet bis-Salib ta' Kristu, l-att suprem tal-imħabba divina li saret imħabba umana. Il-qima simbolika (offruta mill-bniedem) inbidlet fil-qima vera: l-imħabba ta' Kristu, Alla inkarnat, li laħqet il-milja tagħha fuq is-Salib.
   ii) **Il-qima spiritwali vera lil Alla hi l-offerta ta' Kristu fuq is-Salib**, l-imħabba tiegħu tad-demm u l-laħam hi l-qima vera li tista' tingħata tassew lil Alla u tgħaqqad lil Alla u l-bniedem.

iii) Il-qima spiritwali lil Alla mela mhix marbuta ma' post (mat-Tempju ta' Ġerusalemm), jew ma' ġesti li jagħmel il-bniedem; imma mal-offerta tiegħu nnifsu li għamel Kristu fuq is-Salib.
iv) F'dan San Pawl jaqbel ma' dak li jgħid Ġesù: il-qima fl-ispirtu u l-verità; il-qima mogħtija fit-Tempju l-ġdid li ma jinbeniex b'idejn il-bnedmin:
   (1) *Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh* (Ġw 4:23);
   (2) *Aħna smajnieh jgħid: "Jiena nħott dan it-Tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!"* (Mk 14:58); *Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-Tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu…". Iżda hu tkellem fuq it-Tempju tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù* (Ġw 2:19,21-22).

d) **Il-parteċipazzjoni fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u l-qima spiritwali.**
   i) *For His humanity, united with the person of the Word, was the instrument of our salvation. Therefore in Christ "the perfect achievement of our reconciliation came forth, and the fullness of divine worship was given to us* (*Sacrosanctum Concilium*, 5).
   ii) *Christ indeed always associates the Church with Himself in this great work wherein God is perfectly glorified and men are sanctified. The Church is His beloved Bride who calls to her Lord, and through Him offers worship to the Eternal Father* (*Sacrosanctum Concilium*, 7).

**4) Rumani 12:1**

a) *Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom.*

b) **Sagrifiċċju ħaj.**
   i) Donnu hemm kontradizzjoni: is-sagrifiċċju normalment jitlob il-mewt tal-vittma; hawn Pawlu jitkellem fuq il-ħajja tan-Nisrani.
   ii) ***Offru ġisimkom***: San Pawl mhux qed jifhem l-offerta sagrifikali, imma il-ħajja tan-Nisrani bħala offerta sħiħa, oblazzjoni.
   iii) San Pawl qed jirreferi għall-persuna sħiħa, fit-totalità tagħha, mhux biss fiżikament:
      (1) *Anqas ma għandkom tħallu l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu l-ħażen għas-servizz tad-dnub; imma* ***offru ruħkom lil Alla*** *bħala nies li reġgħu mill-mewt għall-ħajja ħalli l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu t-tajjeb għas-servizz ta' Alla għall-ġustizzja tagħkom* (Rum 6:13);
      (2) *Bil-għoli kontu mixtrija! Mela* ***agħtu ġieħ lil Alla*** *permezz ta' ġisimkom* (1 Kor 6:20).
   iv) Dan ifisser li wieħed jagħti ġieħ lil Alla fil-forma l-aktar prattika tal-ħajja ta' kuljum, magħmula minn relazzjonijiet u viżibbiltà.

c) **Sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla.**
   i) Meta l-ħajja Nisranija fit-totalità tagħha ssir offerta lil Alla, allura San Pawl jistqarr li dan hu tassew att ta' qima li jogħġob lil Alla.
   ii) Pawlu jitkellem fuq "sagrifiċċju": il-lingwaġġ reliġjuż u kultwali jirreferi għas-sagrifiċċju tal-annimal li parti minnu kienet tinħaraq bħala offerta lill-allat u parti oħra tittiekel f'ikla minn dawk li joffru s-sagrifiċċju. Din ir-realtà Pawlu japplikaha għall-ħajja Nisranija permezz ta' tliet aġġettivi:
      (1) **ħaj**: jesprimi vitalità, enerġija;
      (2) **qaddis**: hi l-qdusija mhux ta' post jew oġġett, imma tal-istess persuna tan-Nisrani;
      (3) **jogħġob lil Alla**: forsi jagħmel riferiment għall-immaġni Biblika tas-sagrifiċċju *jfuħ* quddiem Alla (eż. Lev 1:13: *Dan hu sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej*).

d) **Il-qima spiritwali.**
   i) Din il-forma ta' sagrifiċċju, jiġifieri l-offerta sħiħa tal-persuna, hi l-qima spiritwali vera.
   ii) Ifisser li l-qima vera li tingħata lil Alla hi l-istess persuna umana (għax il-bniedem hu maħluq xbieha ta' Alla):
      (1) San Irinew (*Adversus hæreses*): *"Gloria Dei vivens homo"*! Il-glorja ta' Alla hi l-persuna umana fit-totalità tal-ħajja tagħha.
      (2) Dan ifisser: id-dinjità tal-bniedem!

e) **It-Testment il-Qadim diġà jitkellem fuq din it-tip ta' qima**, f'kuntrast mas-sagrifiċċji tal-annimali:
   i) **Salm 50(49):12-14**: *Li kont bil-ġuħ, mhux se ngħid lilek, għax tiegħi l-art u kulma fiha. Huwa jien se niekol laħam il-gniedes, jew nixrob id-demm tal-gidien? Agħti 'l Alla sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, u rodd lill-Għoli l-wegħdiet tiegħek*;
   ii) **Salm 50(51):18-19**: *Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx. Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla*;
   iii) **Dan 3:38-41** (żmien it-tkissir tat-Tempju fl-imperu Ħellenistiku): *U bħalissa la hemm iżjed prinċep, la profeta u lanqas mexxej; la hemm offerta tal-ħruq u lanqas sagrifiċċju, la offerta u lanqas inċens, u lanqas baqa' mkien fejn noffrulek l-ewwel frott tagħna, jew fejn nitolbuk il-ħniena. Madankollu, b'qalbna niedma u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek, qisna b'sagrifiċċji tal-ħruq ta' nagħaġ u barrin, qisna b'eluf ta' ħrief imsemmna; ħa jkun hekk illum is-sagrifiċċju tagħna quddiemek, u jalla nimxu għal kollox warajk, għax xejn ma jitħawdu dawk li jittamaw fik. U issa b'qalbna kollha nimxu warak, nibżgħu minnek u nfittxu lilek.*

f) **Riskju ta' moralizzazzjoni tal-qima.**
      (1) Jekk il-qima ssir biss l-offerta tal-qalb, hemm ir-riskju ta' spiritwalizzazzjoni u moralizzazzjoni tal-qima, jiġifieri l-isforz tal-individwu biex jgħix ħajja ġusta bil-ħila tiegħu: l-importanti li ngħix tajjeb. Mhix din l-intenzjoni ta' San Pawl.
      (2) Il-qima spiritwali vera tippreżumi li "aħna sirna ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Gal 3:28), li fil-Magħmudija aħna mitna u rxuxtajna fi Kristu (Rum 6), u li niffurmaw "ġisem wieħed". In-Nisrani qatt ma jgħix għalih waħdu, qatt ma

hu mifrud mill-bqija tal-"ġisem", għax min jinfired mill-"ġisem" ikun jinfired ukoll mir-"Ras".

(3) **Hu fl-għaqda ma' Kristu u mal-Ġisem tiegħu li aħna nsiru tassew sagrifiċċju ħaj, u allura nistgħu nagħtu qima vera.**

## 5) Rum 15:15-16

a) *Imma jien għamilt il-qalb u ktibtilkom biex infakkarkom f'xi ħwejjeġ. Dan għamiltu bil-grazzja li tani Alla li **nkun ministru ta' Kristu Ġesù** fost il-pagani, **ikkonsagrat** biex naħdem għall-Evanġelju ta' Alla u **nagħmel mill-ġnus offerta mqaddsa mill-Ispirtu s-Santu u li togħġob lil Alla**.*

b) **Il-ministeru saċerdotali ta' Pawlu**:
   i) Pawlu jqis il-ministeru tiegħu li jxandar il-Vanġelu lill-ġnus bħala ministeru saċerdotali.
   ii) L-għan ta' dan il-ministeru hu li jgħaqqad il-ġnus ma' Kristu Rxoxt. Din hi azzjoni saċerdotali: l-offerta tal-popli lil Alla.

c) **Il-liturġija kożmika**:
   i) L-għan tal-ħidma missjunarja hu l-liturġija kożmika: li l-popli kollha, magħquda fi Kristu, jistgħu jsiru l-glorja ta' Alla, imqaddsa mill-Ispirtu s-Santu.
   ii) Is-sens tat-tama fil-mod kif San Pawl jara l-qima: l-offerta ta' Kristu tiegħu nnifsu lill-Missier timplika x-xewqa li jiġbed il-bnedmin kollha f'għaqda miegħu nnifsu, li jgħaqqad id-dinja.
      (1) Hu biss f'għaqda ma' Kristu, il-bniedem *per eccellenza*, magħqud ħaġa waħda ma' Alla, li d-dinja tista' ssir tassew mera ta' mħabba divina.
      (2) *U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja* (Ġw 12:32).

## 6) Impenn li nsiru ħaġa waħda ma' Kristu u mal-Knisja (il-Ġisem mistiku tiegħu)

a) **Naħdmu biex inkunu ħaġa waħda ma' Kristu: dan hu t-tir tagħna.**
   i) *Dak kollu li għalija kien qligħ, jien għoddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet. M'iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili. Ħuti, ma jidhirlix li dan ġa lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù* (Fil 3:7-14).

b) **Nissieħbu fl-offerta ta' Kristu (fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa) li biha ta qima sħiħa lil Alla u miegħu nagħmlu minn ħajjitna offerta li togħġob lil Alla:**
   i) *Nitolbuk li hu jagħmel minna offerta li tibqa' għal dejjem quddiemek, biex inkunu nistgħu niksbu l-wirt mal-magħżulin tiegħek…* (Talba Ewkaristika III).

# 7. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦAT-TFAL

1. L-Ewwel Jum: **X'għamel Ġesù? - Ngħidu "le" għat-tentazzjoni**

2. It-Tieni Jum: **Taħt il-mant tiegħu**

3. It-Tielet Jum: **Ħajja li tagħti l-frott**

4. Ir-Raba' Jum: **Mitluf u misjub**

5. Il-Ħames Jum: **Nagħtuh l-aħjar li nistgħu**

## 1. L-Ewwel Jum:

### *X'għamel Ġesù?*
### *Ngħidu "le" għat-tentazzjoni*

**Tema:** Bħal Ġesù aħna nistgħu ngħidu le għat-tentazzjoni.

**Qari:** Luqa 4:1-2.

**Oġġetti:** *Bowl* bil-ħelu u brazzuletta jew katina bl-ittri kbar KĠXJ.

**Kanzunetta:** *Oh be careful…!*

* * *

[Uri lit-tfal il-katina/brazzuletta bl-ittri KĠXJ fuqha. Staqsihom jekk qattx raw bħalha. Wara staqsi jekk jafux x'jistgħu jfissru dawk l-ittri.] Dawk l-ittri jfissru "**K**ieku **Ġ**esù **X**'**J**agħmel?". Dawn il-brazzuletti kienu jintużaw ftit tas-snin ilu. Xi nies kienu jilbsuhom. Meta kienu jkunu ser jagħmlu xi nuqqas, il-brazzuletta kienet suppost iġġagħilhom jieqfu u jistaqsu din il-mistoqsija: "Kieku Ġesù x'kien jagħmel?".

[Għid lit-tfal li inti ġieli ltqajt ma' nies li, għalkemm kienu lebsin din il-brazzuletta speċjali, xorta ma kinux qed jagħmlu dak li suppost.] Intom tafu li importanti li niftakru mhux "Kieku Ġesù x'kien jagħmel?" **imma** "Ġesù x'għamel?".

U kif se nkunu nafu x'għamel Ġesù? Xejn speċjali; kemm naqraw il-Bibbja u aħna wkoll nagħmlu dak li Ġesù għamel meta x-Xitan ittantah fid-deżert.

Hawn stennew daqsxejn, tfal; dan ifisser li Ġesù kellu t-tentazzjonijiet bħalma jkollna aħna? Iva, hekk hu. Fil-Bibbja naqraw li darba waħda, meta għal erbgħin jum Ġesù kien fid-deżert, ġie ttentat mix-Xitan. U tafu x'għamel Ġesù? Ġesù lix-Xitan wieġbu lura permezz tal-Iskrittura.

Mela tfal, għal erbgħin jum sħaħ fid-deżert Ġesù ma kien kiel xejn. Ix-Xitan kien jaf li kien mejjet bil-ġuħ u qallu: "Jekk int veru l-Iben ta' Alla, ibdel dan il-ġebel f'ħobż". Kieku ried Ġesù seta' jagħmlu dan. Imma Ġesù wieġbu: "Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla".

Dan ifisser li aħna għandna bżonn il-Kelma ta' Alla sabiex ngħixu ħajja tajba. Il-Kelma ta' Alla nsiru nafuha billi mmorru d-duttrina, noqogħdu attenti waqt il-Quddiesa u naqraw il-Bibbja d-dar.

Imbagħad ix-Xitan ħa lil Ġesù fuq post għoli u wrieh is-saltna ta' din id-dinja, jiġifieri dak kollu li jagħmilna ngħixu ħajja komda f'din id-dinja, bħal djar sbieħ u komdi, karozzi lussużi u ħafna flus, eċċ., u qallu: "Ara, dan li qed tara kollu tiegħi, imma jekk inti tinżel għarkupptejk u tadurani, kollox isir tiegħek". Imma Ġesù reġa' wieġbu: "Hemm miktub: 'Qim biss lil Alla u lilu biss aqdi".

Hawnhekk Ġesù wriena li għalina Alla għandu jiġi l-ewwel u qabel kollox, anki qabel il-ġugarelli favoriti tagħna, il-ħwejjeġ tad-ditta, id-djar bis-*swimming pools* u l-karozzi sbieħ tagħna, u anki qabel il-flus.

Ix-Xitan ma qatax qalbu u ħa lil Ġesù Ġerusalemm, u qiegħdu fuq il-quċċata tat-Tempju u qallu: "Jekk inti veru l-Iben ta' Alla, intefa' għal isfel u Alla żgur jibgħat l-anġli tiegħu biex isalvawk". Mill-ġdid Ġesù reġa' semma' dak li tgħid l-Iskrittura: "Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek".

Aħna nafu li Ġesù huwa dejjem magħna biex jgħinna f'dak kollu li jkollna bżonn. Iżda aħna rridu nagħmlu xogħolna wkoll. Jekk għandna xi *dictation* jew xi *test* irridu nistudjaw, imbagħad nitolbu lil Ġesù jgħinna niftakru dak li studjajna. Jekk ma nistudjawx ma nistgħux nistennew li Ġesù ser jgħinna.

Tafu x'għamel ix-Xitan dak il-ħin? Qata' qalbu u qal: "Għal-lum ħa nieqaf, u nerġa' nipprova darb'oħra".

Issa ħa naraw flimkien x'jistgħu jkunu xi tentazzjonijiet li aħna t-tfal nistgħu niltaqgħu magħhom.

Fuq il-mejdina fis-salott fid-dar ta' Nicole kien hemm *bowl* bħal din [uri l-*bowl* bil-ħelu] mimlija ħelu. Omm Nicole intebħet li Nicole kienet qiegħda tħares lejn il-ħelu u qaltilha: "Nicole, qis li ma tmissx il-ħelu qabel ma nieklu, għax inkella taqta' l-ġuħ u ma tikolx". Imma ħi, żaqq Nicole kienet ser taqgħalha; dak il-ħelu kien jidher wisq tajjeb u t-tentazzjoni biex tieħu u dduq waħda kienet kbira wisq. Bejnha u bejn ruħha Nicole ħasbet u qalet: "U billi nieħu waħda, żgur li miniex ser naqta' l-aptit; u fuq kollox ommi lanqas biss tinduna!".

X'taħsbu? Ġieli xi ħadd minnkom għadda minn din l-esperjenza? Ħa nirrakkontalkom storja oħra li tista' tinstema' familjari.

"Iġbru l-kotba kollha u fuq l-iskrivanija ħallu biss il-*pencil case*. Illum ser nagħmlu t-*test* li għidtilkom biex tibdew tistudjaw għalih mill-ġimgħa l-oħra". X'waħda din! Jake qabdu biża' kbir. Hu kien jaf li llum kellhom jagħmlu t-*test*, imma ħi, hu filgħaxija kien jippreferi joqgħod jara l-*cartoons* fuq it-TV minflok jistudja, u allura xejn ma kien ippreparat għal dan it-*test*. Issa x'ser jagħmel? Hekk kif beda t-*test*, Jake beda jħares madwaru fil-klassi u nduna li minn fejn kien seta' jara ċar dak kollu li kienet qiegħda tikteb Alison, l-aktar tifla brava fil-klassi! Ħaseb bejnu u bejn ruħu: "Xejn ma jimporta, għal din id-darba biss inħares lejn il-karta ta' Alison u nikkopja dak li qed tikteb hi. Żgur żgur li llum biss ser nagħmel hekk, u fuq kollox ħadd mhu ser ikun jaf".

X'jidhrilkom eh! Min jaf kemm-il darba niltaqgħu ma' tentazzjonijiet bħal dawn. Mela meta tkunu ttentati biex tagħmlu xi ħaġa li tafu li hi nuqqas, jew li tħossu li jekk tagħmluha wara ser tħossukom imdejqin, ftakru fil-Bibbja. Imbagħad… agħmlu dak li għamel Ġesù… agħmel biss dak li jogħġob lil Alla!

[Fl-aħħar tal-prietka t-tfal jingħataw brazzuletta kull wieħed bl-ittri KĠXJ u jitqassam il-ħelu ta' ġol-*bowl*.]

**Talba:** Għażiż Missier, għinna nitgħallmu sewwa dak li tgħidilna l-Bibbja biex nagħmlu, sabiex meta niġu ttentati biex nagħmlu xi nuqqas, aħna nagħmlu bħalma għamel Ġesù: inwieġbu permezz tal-Iskrittura. Amen.

## 2. It-Tieni Jum:

### *Taħt il-mant tiegħu*

**Tema:** L-imħabba qawwija ta' Alla lejn uliedu.

**Qari:** Luqa 13:34.

**Oġġetti:** Stampa kbira ta' ippopotamu.

**Kanzunetta:** *He's got the whole world in his hands.*

* * *

[Għolli l-istampa biex jarawha t-tfal u staqsihom jekk jafux dak x'inhu.] Iva, hekk hu, dan ippopotamu. Tafu l-mara tiegħu x'ngħidulha? Ngħidulha baqra. U mela la l-mara baqra, x'insejħulhom il-frieħ tagħha? Insejħulhom għoġiela. Tajjeb, tfal.

Ftit tas-snin ilu kien hemm baqra, jiġifieri ippopotamu mara, li kienet tgħix ġo zoo. Din kellha tewmin. Naturalment in-nies taz-zoo riedu jagħtu isem lil dawn it-tewmin. Iżda inqalgħetilhom problema. Din il-mamà kienet tant ferħana bil-frieħ tagħha li ma kienet tħalli lil ħadd jersaq lejhom. Allura ħadd ma kien jaf jekk kinux subien jew bniet. Għalhekk ma setgħux jagħżlu isem adattat għalihom.

Dawn damu bla isem għax il-mamà ma riedet tafdahom ma' ħadd. Kienet titmagħhom, tgħannaqhom u tipproteġihom mill-periklu. Il-frieħ xejn ma nkwetaw għax kienu bla isem. L-importanti li kienu qrib tal-mamà. Kienu jafu biss xi ħaġa waħda: dik il-ħlejqa kbira, tad-daħk, ta' kulur griż u roża fl-istess ħin, kienet dik li tagħtihom kulma kellhom bżonn. Għaliex kellhom jitilqu minn ħdejha?

L-imħabba tal-mamà hija l-istess f'kull annimal. Xi *kangaroos*, li ż-żgħir tagħhom insejħulu Joey, joqogħdu fil-*pouch* tal-mamà għal disa' xhur sħaħ! Iż-żgħar tal-ajkla ma jitilqux mill-bejta qabel ma jkollhom tliet xhur. Qed taraw, tfal, hija ħaġa naturali li l-omm tħobb u tieħu ħsieb it-tfal tagħha.

Dan huwa eżempju tajjeb ħafna tal-imħabba qawwija li Ġesù għandu għal uliedu. Il-Bibbja tgħidilna li darba waħda Ġesù ħares lejn il-belt ta' Ġerusalemm u qal: "Ġerusalemm, Ġerusalemm, kemm-il darba xtaqt li niġbor lil uliedek flimkien, hekk kif tiġieġa tiġbor lill-flieles taħt ġwenħajha, imma int ma ridtx".

Taħsbu li Ġesù waqaf isejjaħ lill-bnedmin għax Ġerusalemm m'aċċettatux? Żgur li le. Huwa għadu jsejjaħ lill-bnedmin sal-lum, għax il-bnedmin kollha huma wlied Alla l-Missier, li hu l-Missier tiegħu wkoll. Taħsbu li Ġesù jkun kuntent jekk xi ftit mill-bnedmin biss jiġu lura? Ma naħsibx ta. U jekk jiġu ħafna? [Agħti ċans lit-tfal iweġbuk. Jekk jgħidulek li jieqaf, għidilhom:] Ma naħsibx ta, tfal! Jien naħseb li l-Bibbja tgħallimna li Ġesù tant iħobb lil kulħadd li, qabel ma jiġu lura kollha, ma jaqtax qalbu u jibqa' jsejħilhom u jiġri warajhom. Min jaf, forsi llum qiegħed isejjaħ lil xi ħadd minna. Forsi hawn xi ħadd li għamel xi nuqqas u għalhekk tbiegħed ftit minn Ġesù. Forsi hawn xi ħadd li m'għadux qed iħossu parti mill-merħla ta' Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħna.

Tfal, tridux insemmu xi nuqqasijiet li ġieli nagħmlu? Dawn in-nuqqasijiet żgur li jtellfuna milli nħossu l-ferħ u l-imħabba li jkollna meta nkunu paċi ma' Ġesù. Iżda m'hemmx għax naqtgħu qalbna, għax Ġesù huwa dejjem lest biex jaħfrilna u jilqagħna lura għandu. [Hawnhekk tista' tfakkar lit-tfal fil-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa.]

Ġesù għadu jħobb lil kulħadd anki llum. Għadu jrid jgħannaqhom miegħu, jipproteġihom u jieħu ħsiebhom. Xi drabi, bħalma diġà għidna, aħna nitbiegħdu xi ftit minn Ġesù, imma hu jibqa' jħobbna l-istess bħal qabel. Din hi l-imħabba kbira li għandu Ġesù għalina, tfal!

**Talba:** Għażiż Ġesù, grazzi talli tħobbna u tieħu ħsiebna, bħalma tiġieġa tieħu ħsieb il-flieles tagħha, u tibqa' tgħajtilna sakemm niġu lura għandek. Jiena rrid insib posti taħt il-mantell tiegħek għal dejjem. Amen.

3. **It-Tielet Jum:**

## Ħajja li tagħti l-frott

**Tema:** Mis-siġar tal-frott huma mistennija li jagħtu l-frott… hekk ukoll aħna.

**Oġġett:** Tuffieħa (u biżżejjed tuffieħ għal kull tifel u tifla li qed jisimgħu l-prietka. Dawn jingħataw fl-aħħar).

**Qari:** Luqa 13:6-9.

**Kanzunetta:** *Jesus loves me, this I know.*

* * *

Tfal, kemm minnkom iħobbu jieklu xi tuffieħa? Jien tgħidx kemm tinżilli għasel xi tuffieħa kbira u tajba. Ħa ngħidu xi veritajiet dwar it-tuffieħ.

- It-tuffieħ mhux biss għandu togħma tajba, iżda hu tajjeb għalina. Ma fihx xaħmijiet, melħ żejjed jew kolesterol. Hu mimli biss b'vitamini li jgħinuna nikbru.
- It-tuffieħa li għandi dalgħodu jsejħulha *"Pink Lady"*, imma x'tgħidu jekk ngħidilkom li fid-dinja nsibu madwar 7500 tip ta' tuffieħ?
- Il-ħames pajjiżi fid-dinja li jipproduċu l-aħjar tuffieħ huma: iċ-Ċina, l-Amerika, it-Turkija, l-Italja u Franza.

Hemm ħafna modi differenti kif aħna nistgħu nieklu t-tuffieħa. Ngħidu aħna, tista' tixrobha bħala *juice*. Xi tfal jieħdu gost jeħduha mqattgħa fil-*lunch-box* u jikluha l-iskola. Tista' tagħmel flieli tat-tuffieħ u tbillhom fin-nutella. Ajma, qed jaqbadni l-ġuħ! Imma tfal, lili l-aktar li togħġobni hija t-torta tat-tuffieħ.

Jiena ċert li lkoll tafu minn fejn inġibu t-tuffieħ. Dan jikber fis-siġar u meta jkun sar naqtgħuh u nikluh. Tfal, x'tagħmlu intom kieku tħawlu siġra tat-tuffieħ fil-ġnien tagħkom, issaqquha u tieħdu ħsiebha, imma qatt ma tagħtikom tuffieħa waħda? Ma tantx tkun siġra tat-tuffieħ tajba, hux hekk?

Darba Ġesù qal storja dwar sinjur li kellu siġra tat-tin. Din is-siġra qatt ma tatu tina waħda. Għal tliet snin sħaħ stennieha bil-paċenzja kollha biex tagħtih il-frott. Imma t-tin baqa' ma wasalx. Dan mar ħdejn il-qaddej tiegħu, li kien jeħodlu ħsieb is-siġra, u qallu biex jaqtagħha. Il-qaddej talab lis-sinjur biex jagħtih ċans sena oħra. Xtaq jerġa' jagħżaq sew madwar is-siġra, jagħtiha l-ilma u d-demel, u jara jekk tagħmilx xi tina. Is-sinjur aċċetta li jagħti t-tieni ċans lis-siġra.

Bħalissa qed niftakar fi storja oħra ta' bniedem magħruf, li wkoll ta t-tieni ċans lil tifel ċkejken bħalkom. Qatt smajtu b'Thomas Edison? Dan kien il-bniedem li vvinta l-bozza elettrika, li llum narawha kull fejn indawru wiċċna. Illum jekk tinkisrilna bozza ma tantx ninkwetaw. Kemm immorru sal-ħanut, nixtru oħra u nibdluha. Iżda fi żmien Thomas Edison hu u sħabu kienu jdumu ġurnata sħiħa sabiex jagħmlu bozza waħda. Mela tfal, isimgħu din. Meta lestew l-ewwel bozza li għalihom kienet perfetta, Thomas ta l-bozza f'idejn tifel żgħir biex itellagħha fuq. It-tifel mexa bilmod, pass pass, u qagħad

attent kif jitla' t-taraġ biex jibża' għall-bozza. Kien beżgħan li jista' jwaqqa' din il-biċċa xogħol kbira u imprezzabbli. Naħseb tistgħu taħsbu xi ġralu dan l-imsejken tifel. Jaħasra, hekk kif wasal fuq, fl-aħħar tarġa, waqqa' l-bozza.

Il-ħaddiema ħadu ġurnata sħiħa oħra biex għamlu bozza oħra. Sadanittant Thomas kien għajjien mejjet iżda ferħan li kien lesta l-bozza biex jerġa' jtellagħha fuq. U tafu lil min għażel biex itella' l-bozza fuq din id-darba? Ħaġa tal-iskantament, tfal, reġa' ta l-bozza lill-istess tifel li kien waqqa' l-ewwel bozza. Thomas ta t-tieni ċans lil dan it-tifel! Dik hija l-vera maħfra, x'taħsbu, tfal?

Mela tfal, ħa mmorru lura għall-istorja li qal Ġesù dwar is-siġra tat-tin. Meta rrakkonta din l-istorja Ġesù kien qed jitkellem dwarna u dwar Alla l-Missier. Alla lilna "ħawwilna" f'din id-dinja u jistenna li aħna nagħtu frott tajjeb matul ħajjitna. Issa, tfal, x'tip ta' frott taħsbu li Alla jistenna minna? [Agħti ċans lit-tfal iwieġbu.] Alla żgur li jistenna minn għandna:

- Imħabba: Inħobbu lil xulxin, anki lil min ma juriniex imħabba.
- Ferħ: Biex inkunu ferħanin aħna rridu ngħixu l-Kelma ta' Alla.
- Paċi: Biex inżommu l-paċi rridu nkunu lesti li mhux dejjem tgħaddi tagħna. Irridu naċċettaw lil xulxin għax aħna lkoll parti mill-familja ta' Alla.
- Paċenzja: Ġieli jkun hemm xi ħadd jew xi ħaġa li lilna ddejjaqna. Iżda dan ma jfissirx li nissuppervjaw u nwarrbu lil dan ix-xi ħadd jew xi ħaġa. Irridu nippruvaw nieħdu paċenzja, speċjalment b'xulxin.
- Qalb tajba: Irridu nkunu lesti li ngħinu lil xulxin u naqsmu dak li għandna ma' min hu fil-bżonn. Ġesù qalilna li dak li nagħmlu mal-oħrajn inkunu qed nagħmluh miegħu.

Meta Ġesù ma jarax fina dawn il-kwalitajiet sbieħ li għadna kemm semmejna, hu jiddispjaċih ħafna. Imma hu dejjem lest li jagħtina ċans ieħor.

Ġesù jrid jieħu ħsiebna u jgħinna biex inkunu dik is-siġra għammiela li tagħti ħafna frott tajjeb. Jekk nafdaw fih, naqraw il-Kelma tiegħu u nitolbu, hu żgur ser jgħinna biex nagħtu frott bnin.

**Talba:** Għażiż Ġesù, għinna biex f'ħajjitna jkollna dak il-kwalità ta' frott li jogħġob lil Missierna tas-Sema. Amen.

4. **Ir-Raba' Jum:**

## *Mitluf u misjub*

**Tema:** L-imħabba u l-maħfra ta' Alla.

**Oġġett:** Avviż dwar kelb mitluf.

**Qari:** Luqa 15:22-24.

**Kanzunetta:** *Ejj' nagħmlu festa* (Ilħna Ferrieħa).

* * *

[Uri lit-tfal l-avviż dwar il-kelb mitluf.] Mela tfal, jien u miexi fit-toroq tar-raħal sikwit niltaqa' ma' xi avviż bħal dan: "Kelb mitluf. Il-kelb żgħir tagħna, Brownie, ilu nieqes għal din l-aħħar ġimgħa. Lil Brownie aħna nħobbuh ħafna u nixtiquh jiġi lura. Jekk issib lil Brownie, jekk jogħġbok ċempel fuq 21 555 555. Min isibhulna għandu €25 rigal".

Meta nara avviżi bħal dawn inħoss qalbi tingħafas. Nista' nimmaġina familja tistenna u tixtieq li l-kelb tagħha jiġi lura. Nista' naħseb kemm ikunu fuq ix-xwiek kull darba li jdoqq it-telefon: dejjem jixtiequ li t-telefonata tkun minn għand xi ħadd li sab il-kelb il-mitluf tagħhom. Jien naħseb dwar kemm jinkwetaw u jixtiequ li l-kelb tagħhom huwa *safe*.

Intom ġieli tliftu xi ħaġa li kienet prezzjuża għalikom? Kif ħassejtukom dakinhar? U ġieli sibtu xi ħaġa li kontu tliftu? Jekk iva, kif ħassejtukom meta sibtuha? Din li ser ngħid hija parabbola li qal Ġesù darba waħda, meta kien qed jgħallem lin-nies.

Kien hemm raġel li kellu żewġ subien. It-tifel iż-żgħir qam darba filgħodu, u talab lil missieru biex jagħtih is-sehem tiegħu tal-wirt. Issa tfal, naħseb li intom tafu li l-wirt neħduh meta jmutu l-ġenituri. Iżda dan it-tifel ried il-wirt meta missieru kien għadu ħaj. Dan it-tifel ried:

- li jkollu ħafna flus,
- li jdur madwar id-dinja,
- li jkun sid tiegħu nnifsu u jagħmel li jrid hu.

Il-missier ta lil ibnu dak li 'l quddiem kellu jkun tiegħu. It-tifel telaq mid-dar biex idur mad-dinja u jiddeverti. Il-missier kien tassew qalbu maqsuma. Kien tilef wieħed miż-żewġ uliedu.

It-tifel ma tantx dam ma ħela l-flus kollha li kellu fix-xalar u d-divertiment. Ma kienx fadallu anqas biex jixtri x'jiekol. Spiċċa biex sab xogħol jieħu ħsieb jirgħa l-qżieqeż. Timmaġinawh lil dan it-tifel li filli kien sinjur u filli spiċċa jgħix, jiekol u jorqod mal-qżieqeż? Dan kien l-agħar xogħol ta' dak iż-żmien, iżda hu tant kien bil-ġuħ li anki l-ikel li kienu jieklu l-qżieqeż kien jidher tajjeb għalih.

Dan iż-żagħżugħ qagħad jaħseb u nduna fiex kien ġab lilu nnifsu, u qal bejnu u bejn ruħu: "Il-qaddejja ta' missieri qed jgħixu aħjar minni! Ħa nerġa' lura d-dar u nitlob maħfra lil missieri, u nitolbu jilqagħni lura għandu bħala qaddej tiegħu".

It-tifel qabad it-triq lura għal għand missieru. Kif tfaċċa fil-kantuniera tat-triq, missieru, li tant kien iħobbu u kien ilu jistennih ġej lura minn mindu kien telaq, malli rah telaq jiġri għal fuqu. Għannqu miegħu u biesu. Il-missier tant kien ferħan li ibnu reġa' lura li libbsu l-isbaħ libsa u poġġielu ċurkett f'subgħajh. Hu ordna lill-qaddejja tiegħu biex joqtlu l-għoġol l-imsemmen u jagħmlu festa. "Ibni kien mejjet u qam, kien mitluf u nstab", qalilhom il-missier.

Ġesù qal din l-istorja biex juri x'imħabba qawwija għandu Alla għal uliedu. Meta wieħed jew waħda minn ulied Alla jaħarbu minnu, hu dejjem jilqagħhom b'idejh miftuħa malli jerġgħu lura d-dar. Ma tħossukomx kburin li għandkom Missier Qaddis li jħobbkom anki jekk xi kultant ma jkunx ħaqqkom? Jiena kburi b'dan!

Biex żgur nerġgħu lura għand il-Missier wara li nitbiegħdu minnu meta nagħmlu xi nuqqas, Ġesù ħallielna s-sagrament tal-Qrar. Kull meta nħossuna bogħod minn Alla aħna nistgħu mmorru nqerru u nerġgħu nagħmlu paċi miegħu. Għal dawk it-tfal li għadhom ma jqerrux, huma jistgħu jitolbu skuża lil Alla kull meta ma jobdux, jiġġieldu ma' sħabhom jew ma' ħuthom, jew jagħmlu xi nuqqasijiet oħra, u jwiegħduh li ma jerġgħux. Kull meta nqerru jew nitolbu skuża aħna nkunu bħat-tifel li kien mitluf u nstab. Dak il-ħin Alla jagħmel festa!

**Talba:** Għażiż Missier, nirringrazzjawk għall-imħabba dejjiema tiegħek. Aħna kuntenti li anki meta nitbiegħdu minnek inti tilqagħna lura b'idejk miftuħa. Amen.

## 5. Il-Ħames Jum:

### *Nagħtuh l-aħjar li nistgħu*

**Tema:** Ġesù jistħoqqlu l-aħjar.

**Oġġett:** L-oġġett tal-lum huwa f'idejk biex tagħżlu. Għandu jkun xi ħaġa prezzjuża ħafna għalik.

**Qari:** Ġwanni 12:3.

**Kanzunetta:** *Kumbaya… my Lord.*

* * *

Tfal, illum ġibt miegħi xi ħaġa li għalija hija prezzjuża ħafna. [Uri lit-tfal l-oġġett li ppreparajt u tkellem dwaru.] Kieku jkolli nistaqsi lilkom x'inhi l-aktar ħaġa għażiża li għandkom, x'tgħiduli? Naħseb li għal xi wħud minnkom l-aktar għażiż hu xi *soft-toy* sabiħ li ilu għandkom sa minn meta kontu trabi. Għal oħrajn forsi xi pupa favorita. Għal xi ħadd ieħor jista' jkun xi ballun iffirmat minn xi plejer famuż. Kieku xi ħabib tagħkom kellu jiġi d-dar tagħkom, intom lesti tagħtuh dan l-oġġett tant prezzjuż biex turuh l-imħabba tagħkom? Dak hu li għamlet waħda mara jisimha Marija, fil-qari tal-lum.

Darba waħda Ġesù mar fil-belt ta' Betanja. Din hija l-belt fejn kien jgħix raġel jismu Lazzru, li Ġesù kien qajjem mill-mewt. Dan Lazzru kien joqgħod ma' ħutu, Marija u Marta. Waqt li Ġesù kien f'Betanja ppreparawlu ikla tajba. Lazzru kien qed jiekol fuq il-mejda ma' Ġesù, filwaqt li Marta kienet qed isservi l-ikel. Marija ntefgħet bilqiegħda ħdejn riġlejn Ġesù u qagħdet tisimgħu jgħallem.

Hekk kif kienet mal-art ħdejn riġlejh, Marija għamlet xi ħaġa mhux tas-soltu. Din qabdet flixkun fwieħa li kien jiswa ħafna flus u bdiet tidlek biha saqajn Ġesù. Imbagħad, tfal, din Marija xxuttatlu saqajh b'xagħarha. Il-Bibbja tgħidilna li dak il-ħin id-dar kollha mtliet bir-riħa ħelwa tal-fwieħa.

Issa wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù, li kien jismu Ġuda, kien irrabjat għal dak li għamlet Marija. Huwa qal: "X'ħala! Din il-fwieħa setgħet tiġi mibjugħa u l-flus jitqassmu lill-foqra. Din kienet tiswa daqs sena paga!". Ġuda ma kienx daqshekk inkwetat għall-foqra. Il-Bibbja tgħidilna li hu kien inkwetat biss għall-flus, għax hu kien ġieli seraq xi ħaġa mill-kaxxa tal-flus għalih innifsu.

Ġesù ddefenda lil Marija u qal lil Ġuda: "Ħalliha. Dik sa żżomm din il-fwieħa għall-jum tad-difna tiegħi". Ġesù qal dan għax hu kien jaf li kien baqa' biss ftit jiem għal dik il-ġurnata meta hu kien se jkun imsallab u wara midfun. Jien ma nafx jekk Marija kinitx taf b'dan jew le. Imma naħseb li Marija riedet tagħti lil Ġesù l-aqwa u l-aktar ħaġa għażiża li kellha biex turi l-imħabba tagħha lejh. Il-fwieħa kienet l-aktar ħaġa prezzjuża li Marija kellha x'toffri lil Ġesù.

Ġesù lilna tana l-isbaħ rigal li nistgħu nimmaġinaw: ir-rigal tal-ħajja li ma tintemm qatt. Dan ir-rigal lilna tahulna b'xejn, imma kien jiswa ħafna. Kien jiswa li Ġesù jmut għalina fuq is-salib!

Issa tfal, min-naħa tagħna x'nistgħu nagħtu lil Ġesù biex nuruh imħabbitna? Ma naħsibx li Ġesù jixtieq xi *soft-toy*, jew xi pupa, jew xi ballun iffirmat, jew xi ċurkett bid-djamanti. Jiena naħseb li kull ma jrid hu li aħna nagħtuh l-aħjar imġieba tagħna. Huwa jridna noffrulu dak kollu li nagħmlu, billi ngħixu kif jixtieqna hu. [Hawnhekk tista' tgħid lit-tfal jagħtu eżempji ta' għemil tajjeb li nistgħu nagħmlu u ssaħħaħ il-punti li joħorġu bihom it-tfal.]

**Talba:** Għażiż Ġesù, int tajt ħajtek biex turi l-imħabba tiegħek lejna. Jalla aħna wkoll noffrulek ħajjitna biex nuru l-imħabba tagħna lejk. Amen.

# 8. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI

## *Alla l-Missier iħobbna u jaħfrilna*

### 1. DAĦLA

Animatur: Illum inġbarna fit-talb biex niċċelebraw flimkien is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni li Ġesù ħalla lill-Knisja tiegħu biex tilqa' r-rigal tal-imħabba u l-ħniena ta' Alla l-Missier.

Ġesù jfakkarna li jħobbna: iħobb personalment lil kull wieħed u waħda minna, irid il-ġid tagħna, jimxi magħna, jiġi jilqagħna u jaħfrilna dnubietna meta nerġgħu lura lejh b'qalbna kollha; iġedded il-patt magħna u jġedded il-ħajja tagħna bid-don tal-grazzja tiegħu.

Nagħtu bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni tal-imħabba t'Alla permezz tal-kant: **Spirtu Qaddis tal-Mulej**.

*Jidħol iċ-ċelebrant bil-ministri miegħu.*

**Kant: Spirtu Qaddis tal-Mulej**

Spirtu Qaddis tal-Mulej,
dawwal lil moħħna, lil qalbna biss bik.
Kun għalina s-serħ
milja ta' kull ferħ.
Qawwi lil ruħna, Mulej.

Spirtu tal-paċi, tal-għerf
għallimna nħobbu u naħfru bla rbit.
Ġedded wiċċ il-art,
fejjaq minnha l-mard,
ejja aħjina, Mulej.

Spirtu ta' faraġ, ta' dawl
il-għawġ dallamna, farrakna bis-sħiħ;
tina l-għerf meħtieġ,
nagħrfu nimxu t-triq
biex ngħixu ħajja fis-sliem.

Spirtu ta' mħabba bla qies,
lilek foħrija minn qalbna nagħtuk,
flimkien mal-Missier,
ma' Ġesù l-ħellies,
lilkom kull glorja. Amen.

## 2. TISLIMA TAĊ-ĊELEBRANT

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Poplu: **Amen.**

Ċel: Il-Missier tal-Mulej Ġesù, u Missier tagħna, iħobbna minn dejjem. Hu ħalaqna u salvana. Bagħat lil Ibnu biex jeħlisna mid-dnub u biex ngħixu f'għaqda miegħu. Għal dawn id-doni hekk kbar, irridu nirringrazzjawh u nerfgħu lejh talba ta' barka li kienu jużaw l-ewwel Insara. (Cf. Ef 1, 3-7).

Animatur: Għal kull invokazzjoni taċ-ċelebrant inwieġbu:
***Ikun imbierek Alla tagħna.***

Ċel: Ikun imbierek Alla, Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.
Poplu: ***Ikun imbierek Alla tagħna.***

Ċel: Fi Kristu hu għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.
Poplu: ***Ikun imbierek Alla tagħna.***

Ċel: Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu skont ir-rieda tajba tiegħu.
Poplu: ***Ikun imbierek Alla tagħna.***

Ċel: Fi Kristu għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skont il-għana tal-grazzja tiegħu.
Poplu: ***Ikun imbierek Alla tagħna.***

Ċel: Lil Alla, Missier Sidna Ġesù Kristu u Missier tagħna, li joffrilna l-imħabba tiegħu u l-maħfra tad-dnubiet, lilu kull unur u glorja għal dejjem ta' dejjem.
Poplu: **Amen.**

## 3. XANDIR U SMIGĦ TAL-KELMA TA' ALLA

Animatur: Il-Kelma ta' Alla, li turina l-imħabba li Hu għandu għalina, se tiġi issa biex iddawwal il-qalb tagħna, imma anke biex tikkonfrontana fuq il-fedeltà tagħna lejn it-tagħlim tagħha. Nilqgħu l-Kelma ta' Alla bil-kant: **Ejjew niċċelebraw**.

*Titwassal solennement il-Kelma ta' Alla, akkumpanjata minn żewġ xemgħat.*

### Kant: <u>Ejjew niċċelebraw</u>

***Rit.*** Ejjew niċċelebraw, ejjew niċċelebraw,
ejjew niċċelebraw il-Kelma t'Alla.
Ejjew niċċelebraw, ejjew niċċelebraw,
ejjew niċċelebraw, il-Kelma t'Alla. Niċċelebraw.

Min hu dak li jogħġob lil Alla?
Dak li jitriegħed quddiem kelmtu?
Min hu dak li jitla' fuq il-għolja tal-Mulej?
Min qalbu hija safja u mill-kelma jagħti każ. ***Rit.***

**L-ewwel Qari:**

Lettur: **Qari mill-ewwel ittra ta' San Ġwann Appostlu** (*1Ġw 4, 7-11*)
[7]Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min
iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. [8]Dak li ma jħobbx ma għarafx lil
Alla, għax Alla hu mħabba. [9]B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat
lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih. [10]U hawn qiegħda l-imħabba; mhux
għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta'
tpattija għal dnubietna. [11]Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll
għandna nħobbu lil xulxin.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
Poplu: ***Irroddu ħajr lil Alla.***

**Responsorju permezz tal-Kant:** **Kull ħin inbierek Ismu**

Kull ħin inbierek ismu,
tifħiru dejjem fuq fommi.
ruħi tiftaħar fil-Mulej.
L-umli jisma' keltmu,
il-miġruħ jimtela bil-ferħ;
ejjew flimkien ħa ngħannu lill-Mulej.

***Rit.*** Imbierek int, Mulej, għal dejjem ta' dejjem;
fittixtek, weġibtni u ħlistni mill-irbit.
Imbierek int, Mulej, għal dejjem ta' dejjem,
ejjew flimkien ħa ngħannu lill-Feddej.

L-anġlu tiegħu jgħasses
madwar dawk li jibżgħu minnu
biex jeħlishom mit-telfien.
Minkejja l' hawn il-ħażen,
it-tajjeb ma jonqosx;
ejjew flimkien ħa ngħannu lill-Mulej. ***Rit.***

**Kant:** **Glorja u tifħir lilek, Kristu**

**Vanġelu:**

Ċel: **Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** *(Lq 15,11-24)*
F'dak iż-żmien, Ġesù qal lin-nies: [11]"Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. [12]Iż-żgħir
qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-
ġid. [13]Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu
lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. [14]Meta ħela
kull ma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. [15]U

mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-
ħnieżer. [16]Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer,
imma ħadd ma kien jagħtih. [17]Mbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma'
missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! [18]Ħa nqum
u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek;
[19]ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.'
[20]Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu
u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. [21]'Missier,' qallu ibnu,
'dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.' [22]Iżda
l-missier qal lill-qaddejja tiegħu, 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu
ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! [23]Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa
nieklu u nagħmlu festa, [24]għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u
nstab!' U għamlu festa.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

Poplu: ***Tifħir lilek, Kristu.***

**Kant: <u>Glorja u tifħir lilek, Kristu</u>**

**4. EŻAMI TAL-KUXJENZA**

**Għar-riflessjoni:**

a. <u>Il-parabbola</u>:
- **Il-Missier**: dejjem iħobb, anke jekk ibnu jweġġgħu... L-imħabba tgħinu jippersevera, jittama, jistenna... Kapaċi jirbaħ il-weġgħa, jifraħ u jagħmel festa ma' ibnu li weġġgħu
- **L-iben iż-żgħir**: bla ebda gratitudni, egoist, irid jissodisfa l-mument preżenti, bla ebda ħsieb għall-futur, għall-imħabba u għas-sagrifiċċji ta' missieru

b. <u>Il-Missier u jien</u>
- **Il-Missier**: iħobbni! Kif naf li jħobbni jekk għandi tant taħbit u nkwiet? Jekk kultant ma nafx fejn nagħti rasi? Ibnu Ġesù, li "telaq mid-dar tiegħu", "nefaq ġidu" għalija u miegħi... l-istess ħajja tiegħu. Dan għamlu u għadu jagħmlu sal-lum. Ġesù hu l-imħabba tal-Missier għalija... u għal ħija, oħti... Il-Missier hu Alla tal-festa, li jagħmel festa, li jxidd l-ilbiesi ġodda fuq l-għera tiegħi... Kull darba li ndur lura lejH, Alla jagħmel festa mill-ġdid.
- **Jien, l-iben iż-żgħir, il-bint iż-żgħira**: jien nista' nżomm relazzjoni mal-Missier bħal dik tal-ulied tal-parabbola... Imma nista' ninduna li dak li hu tal-Missier hu tiegħu ukoll... jekk nidħol f'intimità miegħu, jekk infittex biex insaħħaħ ir-relazzjoni miegħu permezz ta' Ibnu Ġesù.

c. <u>Jien u l-aħwa l-oħra</u>
- **Il-familja**: Alla ma jgħammarx jekk m'hux ġo familja... Il-Familja Trinitarja... il-familja li hi l-Knisja... il-familja tal-bnedmin.
- **Ir-relazzjonijiet**: ma nistax ngħix mingħajr ma nħobb u nkun maħbub. Hu diskors xi drabi iebes, m'hux biss ma' dawk tal-bogħod, imma wkoll ma' dawk tal-qrib. "Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin." (L-ewwel qari)

*Isir mument ta' silenzju u eżami tal-kuxjenza personali.*

## Kant: <u>Tneżżajt Mill-Ġmiel</u>

Tneżżajt mill-ġmiel u l-maestà,
baxxejt rasek b'umiltà
ninn dawk stess sofrejt li ħlaqt u tant ħabbejthom;
guqek stess dnubieti rfajt meta mitt u rxuxtajt.
Iva ssaltan int, merfugħ fuq l-art u s-sema!
Minn qalbi rrid inqimek, O Mulej,
b'imħabbtek int irbaħtni, O Feddej.
Għal dejjem ta' dejjem, nibqa' nħobbok.
U għalija mitt int waħdek biss;
ħajtek tajt biex lili ħlist,
leħni ngħolli lejk, Ġesù, irrid inqimek.

## 5. STQARRIJA TAL-ĦTIJIET U TALB TA' MAĦFRA

Ċel: Għeżież, nitolbu b'fiduċja lil Alla Missier tagħna, ħanin u kollu mogħdrija, idum biex jagħdab, kbir fl-imħabba u fil-fedeltà, biex jilqa' l-ħtijiet tagħna, poplu tiegħu, li llum qed nistqarru b'umiltà li aħna midinbin, biex jagħtina l-maħfra tiegħu.

*Kulħadd jitlob fis-skiet.*

### a. Talba ta' maħfra għad-dnubiet ġenerali.

Lettur: Nitolbu biex l-istqarrija tal-ħtijiet tagħna u l-indiema ta' qalbna jkunu ispirati mill-Ispirtu s-Santu, biex is-sogħba tagħna tkun ħierġa tassew mill-qalb, sogħba għax weġġajna lil Alla li hu kollu mħabba, tjieba u ħniena, u biex l-istess Spirtu jsaħħaħ fina r-rieda biex bil-qawwa tiegħu ma nerġgħux immorru fit-triq tad-dnub.

*Mument qasir ta' skiet.*

Ċel: Mulejja Alla tiegħi, jisgħobbija b'qalbi kollha minn dnubieti ta' ħajti kollha.
Poplu: **Mulej, ħniena; Kristu, ħniena; Mulej, ħniena.**

*Titpoġġa' xemgħa tixgħel quddiem Kurċifiss.*

### b. Talba ta' maħfra għad-dnubiet li jeħduha kontra l-imħabba fil-familja.

Lettur: Nitolbu maħfra għan-nuqqasijiet tagħna li fihom weġġajna lil xi membru tal-familja tagħna... jew ta' qraba tagħna. Nitolbu l-qawwa biex aħna wkoll naħfru lil min, fil-familja jew fost qrabatna weġġagħna.

*Mument qasir ta' skiet.*

Ċel: Mulej Alla tagħna, nissel il-maħfra fil-familji tagħna u fost il-familji tagħna.
Poplu: **Mulej, ħniena; Kristu, ħniena; Mulej, ħniena.**

*Titpoġġa' xemgħa tixgħel quddiem Kurċifiss.*

**ċ. Talba ta' maħfra għad-dnubiet li jeħduha kontra l-verità.**

Lettur: Nitolbu maħfra għan-nuqqasijiet tagħna li fihom dħakna b'ħaddieħor bil-qerq, tal-kliem u l-għajdut li bih tebbajna ġieħ ħaddieħor. Nitolbu l-qawwa biex aħna naħfru wkoll lil min hu ħati għalina.

*Mument qasir ta' skiet.*

Ċel: Mulej Alla tagħna, ħa nkunu bennejja tal-veru u tas-sewwa.
Poplu: **Mulej, ħniena; Kristu, ħniena; Mulej, ħniena.**

*Titpoġġa' xemgħa tixgħel quddiem Kurċifiss.*

**d. Talba ta' maħfra għad-dnubiet li jeħduha kontra l-ġustizzja.**

Lettur: Nitolbu maħfra għan-nuqqasijiet tagħna li permezz tagħhom konna inġusti, ħalliela u diżonesti. Nitolbu maħfra ta' meta ħdimna kontra d-drittijiet ta' ħaddieħor. Ma rridux inżommu għandna dak li hu ta' ħaddieħor. Nitolbu l-qawwa biex aħna wkoll naħfru lil min ma weriex ġustizzja magħna.

*Mument qasir ta' skiet.*

Ċel: Mulej Alla tagħna, ħa naħdmu dejjem b'intenzjoni retta.
Poplu: **Mulej, ħniena; Kristu, ħniena; Mulej, ħniena.**

*Titpoġġa' xemgħa tixgħel quddiem Kurċifiss.*

**e. Talba ta' maħfra għad-dnubiet li jeħduha kontra l-ħajja tar-ruħ.**

Lettur: Nitolbu maħfra għan-nuqqasijiet tagħna li permezz tagħhom ma nimxux 'il quddiem fil-ħajja tar-ruħ u fil-qdusija... telqa fit-talb ta' kuljum, distrazzjonijiet waqt il-quddiesa, nuqqas ta' ħeġġa fl-opri tal-ħniena.

*Mument qasir ta' skiet.*

Ċel: Mulej Alla tagħna, int tħobbna kull jum u kull ħin.
Poplu: **Mulej, ħniena; Kristu, ħniena; Mulej, ħniena.**

*Titpoġġa' xemgħa tixgħel quddiem Kurċifiss.*

**Talba:**

Ċel: Fit-tjubija tiegħu l-Missier iġeddidkom fix-xbieha tal-Iben tiegħu biex, maħfura minnu, il-ħajja kollha tagħkom tkun sinjal u xhieda tal-imħabba tiegħu kollha ħniena.

Poplu: Missier, int sejjaħtli biex inkun Nisrani u nimxi wara Ġesù. Nirringrazzjak ta' dan ir-rigal hekk kbir, imma issa nitolbok maħfra għax mhux qed ngħix bħal Ġesù, ma nħobbx bħal Ġesù, ma neħodiex kontra l-ħażen bħal Ġesù, ma nimpenjax ruħi biex inkabbar it-talenti tiegħi fuq l-eżempju ta' Ġesù. Imma jien xorta nħobbok,

Mulej! Agħtini l-ferħ tiegħek u l-maħfra tiegħek biex naħdem ma' Ġesù għall-ferħ ta' kulħadd.

Ċel: Ejjew issa flimkien nitolbu l-maħfra lil Alla bl-istess talba li għallimna Ibnu Ġesù:

**Kant: Missierna**

*F'dan il-mument isir il-Qrar individwali. Matul il-qrar jistgħu jinqraw xi Salmi jew ikun hemm background music għaddejja.*

## 6. TALB TA' RADD IL-ĦAJR

Ċel: Flimkien mal-Verġni Marija, u msaħħin mill-imħabba materna tagħna, ejjew irrodu ħajr flimkien lil Alla bl-istess kliem li hi tlissen fil-Vanġelu:

Flimkien:
Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna -
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Ċel: Alla, Missier tagħna, ilqa' dan ir-radd il-ħajr tagħna wara l-istqarrija tal-ħtijiet li ressaqna quddiemek u l-maħfra li inti tajtna. Nafu li aħna dgħajfin u m'hux dejjem inżommu l-kelma. Kun int għalhekk li tmexxi l-qlub tagħna. Mingħajrek m'aħna xejn, imma l-imħabba tiegħek tirbaħ fina, għax aħna wliedek u rridu nkunu tiegħek issa u għal dejjem fl-eternità.

Poplu: **Amen.**

## 7. L-GĦOTI TAL-PAĊI

Animatur: L-esperjenza tal-maħfra tnissel fil-qalb tagħna l-"grazzi" lill-Missier li bis-sbuħija tal-ħajja tiegħu reġa' għamel sabiħa l-ħajja tagħna: bis-sinjal tal-paċi qed nimpenjaw ruħna li naqsmu din il-ħajja sabiħa mal-oħrajn.

Ċel: Mulej Ġesù Kristu, li għidt lill-Appostli tiegħek: "Inħallilkom il-Paċi, nagħtikom il-Paċi tiegħi", la tħarisx lejn id-dnubiet tagħna, imma lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek, agħtiha l-Paċi u l-għaqda li int trid fiha. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Poplu: **Amen.**

Ċel: Agħtu l-paċi tal-Mulej lil xulxin.

## 8. GĦELUQ

Animatur: Nitolbu issa l-Barka ta' Alla.

Ċel: Alla, Missier twajjeb u ħanin, iżomm il-qlub tagħkom fl-imħabba tiegħu.
Poplu: **Amen.**

Ċel: Il-Grazzja tas-Sidna Ġesù Kristu tgħinkom timxu f'ħajja ġdida.
Poplu: **Amen.**

Ċel: Morru fil-paċi ta' Kristu.
Poplu: **Irroddu ħajr lil Alla.**

**Kant: Sliem, O Sultan maħbub**

Sliem, o Sultan maħbub tagħna,
Sliem, o Sultan tal-Ħolqien,
Flimkien ngħannu s-sebħ ta' Saltnatek,
Waqt li nfaħħruk bla waqfien.

Sliem, o Sultan maħbub tagħna,
Ħajr irroddulek mill-qalb:
Tferraħna bil-ġid li tagħtina,
Ta' wliedek twieġeb it-talb.

Sliem, o Sultan maħbub tagħna,
Saffi lil ruħna mid-dnub
Ħa tasal quddiemek talbitna:
Int li għalina mislub.

Sliem, o Sultan maħbub tagħna,
Fik qlubna jsibu l-mistrieħ
Għax aħna għalik biss għatxana:
Hekk lilek jistħoqq kull ġieħ.

## 9. IL-ĠEST TAL-FESTA

Kif għamel il-missier fir-rakkont tal-parabbola, tkun ħaġa xierqa li fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ssir bibita, kafè jew festin żgħir fost dawk li ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni.

# Werrej


Daħla ........................................ 1

1. Maħfra u Ndiema fit-Testment il-Qadim (Mons Lawrenz Sciberras) ............ 2

2. Il-Maħfra tad-Dnubiet fit-Testment il-Ġdid (Mons Anton Mizzi) .................. 6

3. Il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħdud tar-Randan – Sena Ċ .................................. 22

4. Lectio Divina dwar il-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan – Sena Ċ
(Dun Alex Refalo) ........................................ 23

5. Velja ta' Talb fil-bidu tar-Randan (www.qumran2.net) .................................. 38

6. Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2009 - Adulti
(Dun Giovanni Curmi) ........................................ 46

7. Skemi għall-Eżerċizzi tar-Randan 2009 – Tfal
(Katekisti Parroċċa Kerċem) ........................................ 73

8. Ċelebrazzjoni Penitenzjali (Dun Tonio Galea) .................................. 85